2026/249

30.1.2026

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2026/249

tas-26 ta' Jannar 2026

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026, l-2027 u l-2028 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2025/202

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kunsill ser jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kundizzjonijiet li jkunu marbuta b'mod funzjonali ma' dawk l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. F'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-objettivi u r-regoli tal-politika komuni tas-sajd (PKS), kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. L-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu ffissati wkoll skont ir-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) 2018/973 ([2]) u (UE) 2019/472 ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxu pjanijiet pluriennali (MAPs) għal ċerti stokkijiet mistada fil-Baħar tat-Tramuntana u l-Ilmijiet tal-Punent u li jisfruttaw dawk l-istokkijiet. Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd allokati fost l-Istati Membri jridu jiżguraw l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew tip ta' sajd.

(2) Jenħtieġ li l-qabdiet totali permissibbli (TACs) jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, abbażi ta' perspettiva fit-tul,; filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet reġjonali, u fid-dawl tal-opinjonijiet mogħtija matul il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

(3) Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-istokkijiet kollha li għalihom hemm limiti ta' qbid kienu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art mill-1 ta' Jannar 2019, għalkemm japplikaw ċerti eżenzjonijiet. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet konġunti mill-Istati Membri u skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni adottat ir-Regolamenti Delegati (UE) 2023/2459 ([4]) u (UE) 2023/2623 ([5]) li jistabbilixxu d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/973/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/472/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2459 tat-22 ta' Awwissu 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2024-2027 (ĠU L, 2023/2459, 6.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2459/oj).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2623 tat-22 ta' Awwissu 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fl-Ilmijiet tal-Punent għall-perjodu 2024-2027 (ĠU L, 2023/2623, 22.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2623/oj).

(4) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet koperti mill-obbligu ta' ħatt l-art iqisu l-fatt li l-iskartar fil-prinċipju ma għadux permess. Għalhekk, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd ikunu bbażati fuq iċ-ċifra tal-parir xjentifiku għall-qabdiet totali kif stipulat mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Jenħtieġ li l-kwantitajiet li b'eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art jistgħu jibqgħu jiġu skartati jitnaqqsu miċ-ċifra ssuġġerita għall-qabdiet totali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet li għalihom l-ICES jipprovdi biss parir dwar il-ħatt l-art jiġu stabbiliti abbażi tal-parir.

(5) L-MAPs stabbiliti bir-Regolamenti (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472 jistabbilixxu miri u miżuri għall-ġestjoni fit-tul tal-istokkijiet koperti minn dawk l-MAPs. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) 2018/973 u fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) 2019/472 ("stokkijiet fil-mira") jiġu stabbiliti f'konformità mal-medda ta' valuri tal-mortalità mis-sajd li jirriżultaw f'rendiment massimu sostenibbli (MSY) ("meded tal-F_{MSY}Y"), jew f'livell aktar baxx, u, meta rilevanti, f'konformità mas-salvagwardji tal-bijomassa previsti f'dawk ir-Regolamenti. Il-meded tal-F_{MSY}Y ġew stabbiliti fil-parir rilevanti tal-ICES. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet fil-mira li għalihom ma jistgħux jiġu ddeterminati l-meded tal-F_{MSY}, kif ukoll għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament (UE) 2018/973 u fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament (UE) 2019/472 ("stokkijiet ta' qabdiet aċċessorji"), jiġu stabbiliti f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew, meta ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni xjentifika adegwata, f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (8), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(6) Skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) 2018/973 u l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2019/472, jenħtieġ li jiġu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet fil-mira biex jiġi żgurat li jkun hemm probabbiltà ta' inqas minn 5 % li l-bijomassa taqa' taħt il-punt ta' referenza tal-limitu tal-bijomassa (B_{lim}) ([6]).

(7) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/973 u l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/472, meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa tal-istokk riproduttiv ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet fil-mira hija: (i) taħt l-MSY Btrigger ([7]) għandhom jiġu adottati miżuri ta' rimedju. B'mod partikolari jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti f'livell li jikkorrispondi għall-mortalità mis-sajd li titnaqqas proporzjonalment biex jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa. Fejn il-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa tal-istokk riproduttiv ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet fil-mira hija taħt il-B_{lim}, għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju biex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu ta' dak l-istokk għal livelli ogħla minn dawk li kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd fil-mira għall-istokk inkwistjoni u t-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet jew stokkijiet oħrajn fis-sajd.

(8) Hemm ċerti stokkijiet li għalihom l-ICES jagħti l-parir li ma jsir l-ebda qbid jew isir ammont baxx ta' qbid, jew l-ICES jipprevedi li probabbiltà ta' inqas minn 5 % tal-bijomassa li taqa' taħt il-B_{lim} tista' tinkiseb biss b'qabdiet baxxi; tista' tinkiseb biss b'qabdiet żero; jew lanqas biss tista' tinkiseb b'qabdiet żero. Madankollu, jekk it-TACs għal dawk l-istokkijiet ikunu ġew stabbiliti f'dawk il-livelli, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha, inklużi l-qabdiet aċċessorji minn dawk l-istokkijiet f'sajd imħallat, jista' jwassal biex bastiment tas-sajd wieħed jew aktar jieqfu mis-sajd anke jekk xorta jkollhom kwota għal speċijiet oħra, li min-naħa tiegħu jista' jwassal għal għeluq qabel iż-żmien ta' ċertu sajd. Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2018/973, l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/472 u l-Artikolu 16(4) r-Regolament (UE) Nru 1380/2013, flimkien mal-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 2(5), il-punti (c) u (f), tar-Regolament (UE) No 1380/2013 u sabiex jintlaħaq bilanċ bejn iż-żamma tas-sajd imħallat, fid-dawl tal-impatti soċjoekonomiċi potenzjalment severi jekk ma jsirx dan, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal dawk l-istokkijiet, filwaqt li titqies id-diffikultà li jiġu mistada l-istokkijiet kollha f'sajd imħallat f'MSY, jixraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għall-qabdiet aċċessorji għal dawk l-istokkijiet. Jenħtieġ li dawk it-TACs ta' qabdiet aċċessorji jiġu stabbiliti f'livelli li jevitaw ir-riskju ta' għeluq qabel iż-żmien tas-sajd li għad għandhom kwota għal speċijiet fil-mira minħabba n-nuqqas ta' kwota tal-bastimenti tas-sajd għall-istokkijiet li jinqabdu bħala qabdiet aċċessorji, fejn tali għeluq qabel iż-żmien jista' jkollu impatti soċjoekonomiċi severi fuq perjodu ta' żmien qasir. Fl-istess ħin, jenħtieġ li dawk it-TACs ta' qabdiet aċċessorji jiżguraw il-konservazzjoni tal-istokkijiet ikkonċernati, meta n-nuqqas ta' konservazzjoni tal-istokkijiet jista' jkollu impatti ambjentali u soċjoekonomiċi severi fit-tul, kif ukoll impatti soċjoekonomiċi assoċjati fuq perjodu ta' żmien qasir. Jenħtieġ li dawk it-TACs ta' qabdiet aċċessorji jiġu stabbiliti wkoll f'livelli bbażati fuq evidenza speċifika, affidabbli u verifikabbli rigward l-għeluq potenzjali qabel iż-żmien, l-impatti soċjoekonomiċi potenzjali fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll l-impatti ambjentali fit-tul. Sabiex jitnaqqsu l-qabdiet tal-istokkijiet li għalihom jiġu stabbiliti t-TACs tal-qabdiet aċċessorji, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd imħallat għall-attivitajiet tas-sajd li fihom jinqabad b'mod aċċessorju l-ħut minn dawn l-istokkijiet jiġu stabbiliti f'livelli li jgħinu biex il-bijomassa tal-istokkijiet vulnerabbli tirkupra għal livelli sostenibbli.

([6]) B_{lim} hija l-bijomassa li taħtha jista' jkun hemm kapaċità riproduttiva mnaqqsa.

([7]) MSY $B_{trigger}$ hija l-livell tal-bijomassa li taħtha għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni biex stokk ikun jista' jippopola ruħu mill-ġdid 'il fuq mil-livell li kapaċi jipproduċi l-MSY fit-tul.

(9) Sabiex jiġi ggarantit, sa fejn huwa possibbli, l-użu tal-opportunitajiet tas-sajd f'sajd imħallat f'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jixraq li tiġi stabbilita riżerva komuni għall-iskambji ta' kwoti għall-Istati Membri. Din ir-riżerva komuni għall-iskambji ta' kwoti tagħmel kwoti li ma ntużawx għall-ċerti qabdiet aċċessorji disponibbli lill-Istati Membri biex ikopru l-qabdiet aċċessorji inevitabbli tagħhom f'ċerti żoni f'ċirkustanzi fejn dawk l-Istat Membri inkella ma jkollomx kwota.

(10) F'konformità mal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għal stokkijiet li mhumiex koperti mir-Regolamenti (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472, meta tkun disponibbli informazzjoni xjentifika adegwata, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti f'konformità mal-valur tal-punt tal-F_{MSY} ([8]) u, meta rilevanti, f'livelli li jirrestawraw l-istokkijiet ogħla mil-livelli li kapaċi jipproduċu l-MSY. Meta dik l-informazzjoni xjentifika ma tkunx disponibbli, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti skont l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd.

(11) Għal ċerti stokkijiet, il-parir tal-ICES jibqa' validu għal diversi snin, u dak il-parir jibqa' l-aqwa parir xjentifiku disponibbli għall-perjodu kollu tal-għoti tal-pariri. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li, fil-prinċipju, jiġu stabbiliti TACs annwali li jkopru l-perjodu kollu tal-għoti tal-pariri ("TACs pluriennali"). Jekk parir ġdid tal-ICES isir disponibbli matul dak il-perjodu, jenħtieġ li jiġi żgurat li t-TACs pluriennali jibqgħu konsistenti mal-parir il-ġdid, malajr kemm jista' jkun wara l-pubblikazzjoni ta' tali parir ġdid tal-ICES. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li t-tnaqqis annwali miċ-ċifra suġġerita għall-qabdiet totali biex jitqiesu l-eżenzjonijiet mill-obbligu ta' ħatt l-art jibqa' konsistenti mad-data disponibbli. Madankollu, għal ċerti stokkijiet, u b'mod partikolari għal stokkijiet li juru varjazzjonijiet sinifikanti reċenti fil-bijomassa jew fil-mortalità mis-sajd, jista' jkun xieraq li jkomplu jiġu stabbiliti TACs annwali.

(12) F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/472, jenħtieġ li Spanja u Franza jiżguraw b'mod konġunt li, meta jiddeterminaw il-kwoti tagħhom għas-sajd kummerċjali għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES, is-somma ta' dawk il-kwoti, il-qbid skartat kummerċjali, il-ħatt l-art rikreattiv u l-qbid skartat mejjet rikreattiv ma jaqbżux l-inqas valur fil-medda tal-F_{MSY} ("MSY F_{lower}") għat-tneħħija totali għal dik iż-żona, jiġifieri 3 883 tunnellata. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-applikazzjoni korretta tal-objettivi u tar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u fir-Regolament (UE) 2019/472 jenħtieġ li Spanja u Franza jippreżentaw informazzjoni dwar il-kwoti rispettivi tagħhom fis-sajd kummerċjali tal-ispnott Ewropew lill-Kummissjoni.

(13) Jenħtieġ li jinżammu miżuri addizzjonali għas-sajd rikreattiv għall-ispnotta fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES, fid-dawl tal-impatt sinifikanti tas-sajd rikreattiv fuq il-mortalità mis-sajd għal dak l-istokk.

(14) Hemm ċerti stokkijiet li għalihom l-ICES jagħti pariri dwar qabdiet ogħla minn livell baxx. Madankollu, jekk it-TACs għal dawk l-istokkijiet ikunu ġew stabbiliti f'dawk il-livelli, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha, inkluż l-qabdiet aċċessorji minn dawk l-istokkijiet f'sajd imħallat, jista' jwassal biex bastiment tas-sajd wieħed jew aktar jieqfu mis-sajd anke jekk xorta jkollhom kwota għal speċijiet oħra, li min-naħa tiegħu jista' jwassal għal għeluq qabel iż-żmien ta' ċertu sajd. Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2018/973, l-Artikolu 5(3) tar-Regolament u (UE) 2019/472 u l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, flimkien mal-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 2(5), il-punti (c) u (f) ta' dak ir-Regolament u sabiex jintlaħaq bilanċ bejn iż-żamma tas-sajd imħallat, fid-dawl tal-impatti soċjoekonomiċi potenzjalment severi jekk ma jsirx dan, u l-ħtieġa li jinkiseb status tajjeb għal dawk l-istokkijiet, filwaqt li titqies id-diffikultà li jinqabdu l-istokkijiet kollha f'sajd imħallat f'MSY, jixraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għall-qabdiet aċċessorji għal dawk l-istokkijiet. Jenħtieġ li dawk it-TACs ta' qabdiet aċċessorji jiġu stabbiliti f'livelli li jevitaw ir-riskju ta' għeluq qabel iż-żmien tas-sajd minħabba n-nuqqas ta' kwota tal-bastimenti tas-sajd għall-istokkijiet li jinqabdu bħala qabdiet aċċessorji, fejn tali għeluq qabel iż-żmien jista' jkollu impatti soċjoekonomiċi severi fuq perjodu ta' żmien qasir; filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata l-konservazzjoni tal-istokkijiet ikkonċernati, meta n-nuqqas ta' konservazzjoni tal-istokkijiet jista' jkollu impatti ambjentali u soċjoekonomiċi severi fit-tul, kif ukoll impatti soċjoekonomiċi assoċjati fuq perjodu ta' żmien qasir. Jenħtieġ li dawk it-TACs ta' qabdiet aċċessorji jiġu stabbiliti wkoll abbażi ta' evidenza speċifika, affidabbli u verifikabbli rigward l-għeluq potenzjali qabel iż-żmien, l-impatti soċjoekonomiċi potenzjali fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll l-impatti ambjentali fit-tul. Sabiex jitnaqqsu l-qabdiet tal-istokkijiet li għalihom jiġu stabbiliti t-TACs tal-qabdiet aċċessorji, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd imħallat għall-attivitajiet tas-sajd li fihom jinqabad b'mod aċċessorju l-ħut minn dawn l-istokkijiet jiġu stabbiliti f'livelli li jgħinu biex il-bijomassa tal-istokkijiet vulnerabbli tirkupra għal livelli sostenibbli.

([8]) Il-"valur tal-punt tal-F_{MSY}" huwa l-valur tal-mortalità mis-sajd stmata li skont xejra tas-sajd partikolari u taħt kundizzjonijiet ambjentali medji kurrenti jagħti l-MSY fit-tul.

(15) Skont il-parir rilevanti tal-ICES, il-qabdiet rikreattivi tal-pollakkju (*Pollachius pollachius*) fis-subżona 8 u fid-diviżjoni 9a tal-ICES mhumiex negliġibbli. Għalhekk jixraq li jiġu stabbiliti limiti għall-qabdiet rikreattivi tal-pollakkju f'dik iż-żona u żoni biswit, jiġifieri fis-subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u ż-żona 34.1.1 fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF).

(16) F'Mejju 2022, l-ICES innota li minkejja l-isforzi tal-Istati Membri biex tiġi rkuprata s-sallura (*Anguilla anguilla*), ma sar l-ebda progress ġenerali fl-ilħuq tal-objettiv ta' ħrib tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda ta' 40 % madwar l-Unjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 ([9]), u li ma ġiet osservata l-ebda xejra ċara għall-mortalità. F'Novembru 2025, l-ICES ta parir għal darb'oħra li meta jiġi applikat l-approċċ prekawzjonarju, jenħtieġ li jkun hemm qabdiet żero tas-sallura fil-ħabitats kollha u fl-istadji kollha tal-ħajja, tul il-medda naturali tagħha, li tinkludi l-Atlantiku tal-Grigal u l-Mediterran. Dak jikkonċerna kemm il-qabdiet rikreattivi kif ukoll dawk kummerċjali u jinkludi l-qabdiet ta' frieħ tas-sallura għar-ristokkjar u għall-akkwakultura.

(17) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 ([10]) estenda għal sitt xhur il-perjodu ta' għeluq għal kwalunkwe attività tas-sajd tas-sallura kummerċjali fl-ilmijiet tal-baħar u salmastri tal-Unjoni tal-Atlantiku tal-Grigal. Dan iprojbixxa wkoll is-sajd rikreattiv kollu tas-sallura f'dawk l-ilmijiet. Tqies li perjodu ta' għeluq ta' sitt xhur jipproteġi aħjar l-istokk mill-miżuri tal-Unjoni u dawk nazzjonali li kienu ġew implimentati sal-2022. Tqies ukoll li l-perjodu ta' għeluq estiż jgħin biex ikompli jintlaħaq l-objettiv ta' ħrib ta' mill-inqas 40 % tas-sallura tal-fidda . Ir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2024/257 ([11]) u (UE) 2025/202 ([12]) żammew dawk il-miżuri filwaqt li ċċaraw il-kriterji għall-istabbiliment tal-perjodu ta' għeluq u d-deroga possibbli għas-sajd tas-sallura limitat kontinwu matul il-perjodu ta' migrazzjoni tas-sallura. Minħabba l-istatus kritiku kontinwu tas-sallura, jixraq li dawk il-miżuri jinżammu fl-2026.

(18) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1100/2007, ir-ripopolazzjoni tal-ferħ tas-sallura hija miżura ta' konservazzjoni magħżula minn ċerti Stati Membri fil-pjanijiet ta' ġestjoni tas-sallura tagħhom. Sabiex dawk l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jimplimentaw dik il-miżura, jistgħu jkunu meħtieġa qabdiet tal-ferħ tas-sallura fl-ilmijiet tal-baħar u salmastri tal-Unjoni tal-Atlantiku tal-Grigal fiż-żmien xieraq tas-sena u possibbilment matul il-perjodu ta' migrazzjoni ewlieni tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jippermettu iktar sajd għall-frieħ tas-sallura, esklużivament għar-ripopolazzjoni, għal 50 jum addizzjonali matul il-perjodu ta' migrazzjoni ewlieni tal-ferħ tas-sallura.

(19) Skont l-ICES, l-istima tal-bijomassa tal-lingwata (*Solea solea*) fis-subdiviżjonijiet 20 sa 24 hija inqas minn B_{lim} fl-2026. F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2018/973, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri ta' rimedju għal dak l-istokk għall-2026, biex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu tiegħu għal-livell tal-bijomassa ogħla minn dak li kapaċi jipproduċi r-rendiment massimu sostenibbli. Jenħtieġ li tali miżuri ta' rimedju jiġu stabbiliti għas-sajd b'qabdiet aċċessorji sostanzjali tal-lingwata, jiġifieri kemm għas-sajd imħallat bl-għeżula li jistad għall-barbun tat-tbajja' *(Pleuronectes platessa)* kif ukoll għas-sajd imħallat bit-tkarkir li jimmira għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*). Peress li l-qabdiet aċċessorji tal-lingwata komuni huma minimi fis-sajd bl-għeżula fis-subdiviżjoni 24 u fis-sajd kostali fuq skala żgħira fis-subdiviżjoni 22 fin-Nofsinhar ta' latitudni 55°N, jenħtieġ li dawk iż-żoni jiġu eżentati minn tali miżuri.

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/1100/oj).

([10]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/194/oj).

([11]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj).

([12]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 (ĠU L, 2025/202, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/202/oj).

(20) Fil-parir tiegħu għal ċerti stokkijiet ta' elażmobranki (jiġifieri rebekkini, klieb il-baħar u raj) għall-2026, l-ICES jirrakkomanda qabdiet żero, minħabba l-istat ta' konservazzjoni batut tal-elażmobranki u minħabba li anki attività tas-sajd limitata tista' twassal għal riskju serju għall-konservazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li s-sajd għal speċijiet bħal dawn jkun ipprojbit. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 15(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art ma japplikax għal speċijiet li għalihom is-sajd huwa pprojbit. Meta jinqabdu b'mod aċċidentali, jenħtieġ li dawk l-ispeċijiet ma ssirilhomx ħsara u jenħtieġ li jinħelsu minnufih. L-iskartar ta' tali elażmobranki mhuwiex meqjus li jżid il-mortalità mis-sajd tagħhom b'mod sinifikanti u jappoġġa l-konservazzjoni ta' dawk l-istokkijiet peress li għandhom rati għoljin ta' sopravivenza meta jiġu skartati.

(21) Sabiex jiġi mmassimizzat l-użu tal-opportunitajiet tas-sajd, jixraq li titħalla l-implimentazzjoni ta' arranġament flessibbli bejn ċerti żoni tat-TAC fejn l-istess stokk bijoloġiku huwa kkonċernat.

(22) L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([13]) jipprevedu flessibbiltà minn sena għal sena għal kwoti ta' stokkijiet soġġetti kemm għal "TACs prekawzjonarji" kif ukoll għal "TACs analitiċi". Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 jew 4 ta' dak ir-Regolament, abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet u l-impenji milħuqa ma' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi aktar flessibbiltà minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art. Sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li tillimita l-ilħuq tal-objettivi tal-PKS, jenħtieġ li l-flessibbiltà minn sena għal sena għall-kwoti skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma tapplikax b'mod kumulattiv. Il-flessibbiltà minn sena għal sena skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jenħtieġ li, meta rilevanti, tiġi eskluża abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokk u tal-impenji milħuqa ma' pajjiżi terzi.

(23) Meta stokk jiġi mistad minn Stat Membru wieħed biss, jixraq li dak l-Istat Membru jingħata s-setgħa li jistabbilixxi TAC għal dak l-istokk, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Setgħa bħal din hija xierqa dment li meta jiġi ddeterminat il-livell tat-TAC, l-Istat Membru jikkonforma mal-objettivi u mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u fir-Regolamenti (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-applikazzjoni korretta ta' dawk l-objettivi u tar-regoli, jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw informazzjoni dwar dawk it-TACs lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' titlob li l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) jivvaluta ta' t-TACs, u f'każ li l-ISTECF jivvaluta li dawk it-TACs mhumiex konformi mal-objettivi u mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u fir-Regolamenti (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472, jenħtieġ li l-Istati Membri jemendaw it-TACs abbażi tal-parir tal-ISTECF.

(24) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd għal-lingwata fil-Kanal tal-Punent (id-diviżjoni 7e tal-ICES) f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/472.

(25) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-limiti massimi tal-isforz tas-sajd għat-tonn (*Thunnus thynnus*) f'parti miż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), speċifikament fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, f'konformità mal-Artikoli 6, 11, 13 u 16 tar-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]).

([13]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/847/oj).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2053/oj).

(26) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([15]),, u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd, u n-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.

(27) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) ma adottatx rakkomandazzjoni li tistabbilixxi t-TAC għall-iskorfna tat-Tramuntana (*Sebastes mentella*) fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES għall-2026. Sakemm issir l-adozzjoni possibbli tar-rakkomandazzjoni tan-NEAFC għal dak l-istokk, jenħtieġ li t-TAC għall-iskorfna tat-Tramuntana fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES tiġi stabbilita proviżorjament għal żero.

(28) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, l-NEAFC lanqas ma adottat rakkomandazzjoni għall-2026 għall-ħalibatt ta' Greenland (*Reinhardtius hippoglossoides*) fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES. Għalhekk, jenħtieġ li l-kwota tal-Unjoni għall-ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES għall-2026 tiġi stabbilita għal 1 711-il tunnellata. Dak il-livell jikkorrispondi għal 9,25 % tal-livell rakkomandat mill-parir tal-ICES fil-parir tiegħu għall-2023 (18 494 tunnellata), li jikkostitwixxi l-aħjar parir xjentifiku disponibbli għal dak l-istokk.

(29) Il-kavall (*Scomber scombrus*), l-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) u l-aringa Atlantu-Skandjana (*Clupea harengus*) fl-Atlantiku tal-Grigal huma soġġetti għal konsultazzjonijiet mal-Istati kostali dwar il-ġestjoni tas-sajd għal dawk l-istokkijiet, u huma stokkijiet li huma ġestiti wkoll mill-NEAFC.L-Unjoni tieħu sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet mal-Istati kostali abbażi tal-pożizzjonijiet approvati mill-Kunsill fit-13 ta' Ottubru 2025. Fir-rigward tal-aringa Atlantu-Skandjana u l-istokkafixx, l-eżitu tal-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'rekords maqbula ffirmati fil-21 u t-23 ta' Ottubru 2025 rispettivament. Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, l-NEAFC adottat rakkomandazzjoni dwar miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għall-2026 għall-aringa Atlantu-Skandjana iżda mhux għall-istokkafixx. Għalhekk jixraq li t-TAC għall-aringa Atlantu-Skandjana tiġi stabbilita abbażi tar-rakkomandazzjoni rilevanti tan-NEAFC u t-TAC għall-istokkafixx fl-Atlantiku tal-Grigal fil-livell tal-opportunitajiet tas-sajd maqbula fir-Rekords Maqbula tal-Istati kostali rispettivi. Fir-rigward tal-kavalli, il-konsultazzjonijiet mal-Istati kostali għadhom għaddejjin u, fil-laqgħa annwali tagħha għall-2025, in-NEAFC ma adottat l-ebda rakkomandazzjoni. Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita TAC proviżorja għall-kavalli għall-ewwel nofs tal-2026. Minħabba l-istaġjonalità tas-sajd għall-kavalli, huwa xieraq li t-TAC proviżorja tiġi stabbilita għal 156 921 tunnellata, li tikkorrispondi għal 90 % tat-TAC irrakkomandata mill-ICES.

(30) L-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) fl-Atlantiku tal-Grigal huwa soġġett għal konsultazzjonijiet mal-Istati kostali dwar il-ġestjoni tas-sajd għal dawk l-istokkijiet, u huwa stokk ġestit ukoll mill-NEAFC. L-Unjoni ħadet sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet mal-Istati kostali abbażi tal-pożizzjoni approvata mill-Kunsill fis-7 ta' Ottubru 2025. L-eżitu tal-konsultazzjonijiet mal-Istati kostali dwar l-istokkafixx ġie ddokumentat f'rekord maqbul iffirmat fit-23 ta' Ottubru 2025. Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, l-NEAFC ma adottatx rakkomandazzjoni dwar miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għall-2026 għall-istokkafixx. Għalhekk, jenħtieġ li l-livell tat-TAC għall-istokkafixx għall-2026 jiġi stabbilit fil-livell stabbilit f'dak ir-rekord maqbul tat-23 ta' Ottubru 2025.

(31) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) żammet il-miżuri eżistenti għal ċerti stokkijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT għall-2026. Barra minn hekk, l-ICCAT żiedet il-livelli tat-TAC għat-tonna fil-Lvant tal-Atlantiku u naqset il-kwota għaż-żamma għall-pixxitondu (*Isurus oxyrinchus*) fin-Nofsinhar tal-Atlantiku għall-2026 meta mqabbla mal-2025. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

([15]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll tal-Unjoni għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj).

(32) Il-kwoti tal-Unjoni għall-istokkijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT għall-2026 ġew aġġustati matul il-laqgħa annwali tal-ICCAT tal-2025 f'konformità ma' diversi rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li skonthom l-Unjoni tista', fuq talba, tittrasferixxi perċentwal stabbilit tal-kwota mhux użata tagħha tal-opportunitajiet tas-sajd jew mill-2024 għall-2026 jew mill-2025 għall-2026. Sakemm isiru dawn l-aġġustamenti possibbli għall-kwoti tal-Unjoni, jenħtieġ li l-kwoti għall-Istati Membri individwali jiġu stabbiliti abbażi tal-kwota totali tal-Unjoni għall-2026 kif maqbula mill-ICCAT qabel kwalunkwe aġġustament bħal dan.

(33) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR) adottat limiti ta' qbid għall-istokkijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni CAMLR għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2025 sat-30 ta' Novembru 2026. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(34) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, il-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC, Indian Ocean Tuna Commission) stabbiliet il-miżuri li ġejjin fiż-Żona ta' Kompetenza tagħha għall-2026: żammet il-miżuri eżistenti adottati għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), irrieżaminat il-limiti ta' qbid għat-tonn obeż; (*Thunnus obesus*), u għall-ewwel darba adottat limiti ta' qbid għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*). Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-kwota tal-Unjoni għall-palamit fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC għall-2026 tiġi allokata lill-Istati Membri kkonċernati abbażi tal-livell relattiv medju tal-attivitajiet tas-sajd ta' dawk l-Istati Membri matul żewġ perjodi ta' referenza: l-aħjar ħames snin ta' kull Stat Membru fil-perjodu mill-2015 sal-2024, u l-perjodu mill-2022 sal-2024.

(35) Il-laqgħa annwali tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) hija ppjanata li ssir mit-2 sas-6 ta' Marzu 2026. Konsegwentement, jenħtieġ li l-miżuri eżistenti fiż-żona tal-Konvenzjoni SPRFMO li huma marbuta b'mod funzjonali mat-TACs jinżammu temporanjament sakemm issir il-laqgħa annwali u jiġu stabbiliti t-TACs għall-2026.

(36) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) biddlet uħud mill-miżuri eżistenti applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC filwaqt li żammet l-għadd eżistenti ta' apparati għall-aggregazzjoni tal-ħut (FADs) għall-2026. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(37) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2023, il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) adottat it-TAC għat-tonna tan-Nofsinhar (*Thunnus maccoyii*) għal perjodu ta' 3 snin mill-2024 sal-2026. Jenħtieġ li dik il-miżura tiġi implimentata fid-dritt tal-Unjoni għall-2026.

(38) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO) għall-2026 żammet it-TACs eżistenti fiż-żona tal-Konvenzjoni SEAFO. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(39) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) għall-2026 żammet il-miżuri adottati għall-2025. Barra minn hekk, il-WCPFC adottat limitu tal-qabdiet aċċessorji għat-tonn tal-Paċifiku (*Thunnus orientalis*) għaż-żona tal-Konvenzjoni tal-WCPFC. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(40) Fis-47 laqgħa annwali tagħha fl-2025, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) adottat opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni NAFO għall-2026. Għall-2026, hija żammet ukoll miżuri eżistenti marbuta b'mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd tal-klamar tal-pinen qosra (*Illex illecebrosus*) fis-subżoni 3 u 4 tan-NAFO u tal-barbun denbu isfar (*Limanda ferruginea*) fid-diviżjonijiet 3LNO tan-NAFO, bl-għan li jiġu mminimizzati l-livelli ta' qabdiet aċċessorji ta' speċijiet mhux fil-mira u li mingħajrhom, l-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet ikollhom jitnaqqsu biex jiġu protetti l-ispeċijiet mhux fil-mira. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(41) Fil-laqgħa annwali tiegħu tal-2025, il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) irreveda l-miżuri eżistenti għall-klieb il-baħar tal-fond, inkluż l-għeluq eżistenti taż-żoni tas-sajd u l-lista ta' speċijiet ta' klieb il-baħar li għalihom huwa pprojbit is-sajd dirett fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA. Barra minn hekk, is-SIOFA adotta miżura ġdida għas-sajd bentiku, li tinkludi l-għeluq ta' ċerti żoni għall-attivitajiet kollha tas-sajd tal-qiegħ u f'ċerti żoni biss li jippermettu sajd bil-konz tal-qiegħ. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(42) Skont l-Artikolu 498(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([16]) (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), l-Unjoni u r-Renju Unit iridu jorganizzaw konsultazzjonijiet kull sena biex jaqblu, sal-10 ta' Diċembru ta' kull sena, dwar it-TACs għas-sena ta' wara għall-istokkijiet elenkati fl-Anness 35 ta' dak il-Ftehim.

(43) Fl-2025, l-Unjoni u r-Renju Unit organizzaw konsultazzjonijiet bilaterali dwar l-istabbiliment ta' għadd kbir ta' TACs għall-2026 għall-istokkijiet elenkati fl-Anness 35 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Dawk il-konsultazzjonijiet twettqu skont l-Artikolu 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, u l-Unjoni ħadet sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Ottubru 2025, u f'konformità mad-dokumenti informali tas-servizzi tal-Kummissjoni approvati mill-Kunsill fil-21, it-23 u il-31 ta' Ottubru u l-11 u l-25 ta' Novembru u 2025. L-eżitu tal-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'rekord bil-miktub iffirmat mill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet fl-10 ta' Diċembru 2025. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livelli stabbiliti f'dak ir-rekord bil-miktub, u l-miżuri l-oħra marbuta b'mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti wkoll f'dak ir-rekord bil-miktub jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(44) L-Unjoni u r-Renju Unit qablu dwar aċċess reċiproku mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2030, biex jimmiraw 560 tunnellata ta' alonga tat-Tramuntana (*Thunnus alalunga*) fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tal-Istati Membri u tar-Renju Unit. Dak il-ftehim jeskludi l-aċċess għaż-żoni msemmija fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(45) L-Unjoni u r-Renju Unit qablu dwar miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*), il-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), il-merlangu (*Merlangius merlangus*), il-lingwata u l-barbun tat-tbajja' kullimkien fil-Baħar Ċeltiku, il-Baħar Irlandiż, u l-Kanal Ingliż. Tali miżuri huma funzjonalment marbuta mat-TAC għall-istokkijiet ikkonċernati, peress li mingħajr tali miżuri, il-livelli tat-TAC ma jiżgurawx irkupru suffiċjenti tal-istokkijiet. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-Unjoni vis-à-vis l-operaturi tar-Renju Unit, jenħtieġ li dawk il-miżuri japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2026.

(46) Skont il-parir rilevanti tal-ICES għall-2026, il-qabdiet rikreattivi tal-pollakkju fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES jinkludu sehem sinifikanti tal-qabdiet totali. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti limiti għall-qabdiet rikreattivi tal-pollakkju f'dawk iż-żoni.

(47) L-għeluq staġjonali għas-sajd taċ-ċiċċirell b'ċertu rkaptu rmunkat fid-diviżjonijiet 2a, 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES jenħtieġ li jitkompla sabiex jippermetti l-protezzjoni taż-żoni ta' riproduzzjoni u l-limitazzjoni ta' qabdiet ta' friegħ tal-ħut.

(48) Fl-2025, l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet trilaterali dwar sitt stokkijiet kondiviżi u ġestiti b'mod konġunt li jinsabu fiż-żoni taħt il-ġuriżdizzjoni rispettiva tagħhom. Dawk il-konsultazzjonijiet saru bejn is-27 ta' Ottubru u l-4 ta' Diċembru 2025, abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Ottubru 2025, u f'konformità mad-dokumenti informali tas-servizzi tal-Kummissjoni approvati mill-Kunsill fit-23 u s-27 ta' Ottubru 2025. L-eżitu tal-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'rekord maqbul iffirmat mill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet fil-5 ta' Diċembru 2025. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jiġu stabbiliti fil-livell maqbul mar-Renju Unit u man-Norveġja, flimkien mad-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dak ir-rekord maqbul.

(49) Jenħtieġ li l-miżuri ta' akkumpanjament għall-bakkaljaw tal-Blata tat-Tramuntana jinżammu. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu introdotti miżuri ta' rimedju sabiex titnaqqas il-mortalità mis-sajd, u tiżdied il-protezzjoni tal-bakkaljaw li jkun għadu qed jikber. Dawn jinkludu żewġ għeluq ġodda għall-bakkaljaw fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 4b tal-ICES, żewġ għeluq estiżi fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 3a u 2), aġġornamenti għar-reġimi tal-Għeluq f'Ħin Reali (RTC) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2026 fil-Kanal tal-Lvant (id-diviżjoni 7d tal-ICES), fin-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjoni 4c tal-ICES) u fiċ-ċentru tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjonijiet 4b u 3 tal-ICES), u restrizzjonijiet fuq l-immirar tal-bakkaljaw fin-Nofsinhar u fiċ-ċentru tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjonijiet 4c u 4b tal-ICES), permezz ta' limitazzjoni fuq it-total tal-qbid tal-bakkaljaw f'dawk iż-żewġ diviżjonijiet.

([16]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

(50) L-Unjoni kellha konsultazzjonijiet bilaterali man-Norveġja dwar il-ġestjoni ta' seba' stokkijiet kondiviżi fiż-żona ta' Skagerrak (il-bakkaljaw (*Gadus morhua*), il-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), l-aringa (*Clupea harengus*), il-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*), il-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*), il-laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*) u l-merlangu (*Merlangius merlangus*)). Dawk il-konsultazzjonijiet saru bil-ħsieb li jaqblu dwar il-ġestjoni ta' dawk l-istokkijiet u l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026, kif ukoll dwar l-iskambju ta' kwoti u l-arranġamenti dwar l-aċċess għal sitt stokkijiet ġestiti b'mod kondiviż fil-Baħar tat-Tramuntana. Dawn il-konsultazzjonijiet ġew konklużi b'suċċess fis-16 u t-18 ta' Diċembru 2025 u l-eżitu ġie ddokumentat fit-tliet rekords maqbula. Il-ftehim bilaterali dwar l-arranġamenti tas-sajd fi Skagerrak u Kattegat għall-2026 u l-protokoll għall-konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea f'isem l-Iżvezja għall-2026 ġew iffirmati mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni fis-16 ta' Diċembru 2025. Il-ftehim dwar l-iskambji tal-kwoti u l-aċċess għall-ilmijiet għall-istokkijiet ġestiti b'mod konġunt tal-Baħar tat-Tramuntana ġie ffirmat mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni fit-18 ta' Diċembru 2025. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jiġu stabbiliti fil-livell maqbul man-Norveġja, u jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dawk ir-rekords maqbula jiġu implimentati wkoll fid-dritt tal-Unjoni.

(51) Il-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u n-Norveġja dwar l-aċċess għall-ilmijiet rispettivi tagħhom għall-aringa Atlantu-Skandjana (*Clupea harengus*) u għall-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) għadhom għaddejjin. Sakemm jiġu konklużi dawk il-konsultazzjonijiet, jenħtieġ li dawk il-livelli ta' aċċess jiġu mmarkati bħala "għad iridu jiġu stabbiliti".

(52) Għall-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*), jenħtieġ li jiġu permessi trasferimenti ta' kwoti minn WHB/8C3411 għal WHB/1X14 fl-2025 biex jippermettu t-trasferiment maqbul tal-kwota tal-istokkafixx mill-Unjoni għan-Norveġja għall-2026. Dak għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2025/202 jiġi emendat kif xieraq.

(53) F'konformità mal-proċedura prevista fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ([17]), u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu ([18]), fil-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li saret fid-19 u l-20 ta' Novembru 2025, il-Partijiet qablu dwar il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet ta' Greenland għall-2026. Għalhekk, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jiġu stabbiliti fil-livell stabbilit fil-minuti ffirmati tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt, u filwaqt li jitqiesu t-trasferimenti mill-Unjoni għan-Norveġja fir-rekords maqbula ffirmati mill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet fis-16 ta' Diċembru 2025.

(54) It-Trattat tad-9 ta' Frar 1920 relatat ma' Spitsbergen (Svalbard) ("it-Trattat ta' Pariġi tal-1920") jagħti aċċess ugwali u nondiskriminatorju għar-riżorsi fl-inħawi ta' Svalbard lill-Partijiet kollha ta' dak it-Trattat, inkluż fir-rigward tas-sajd. Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar dak l-aċċess ġiet deskritta f'diversi *notes verbales* lin-Norveġja, b'dawk l-aktar reċenti datati s-26 ta' Frar 2021, it-28 ta' Ġunju 2021, l-1 ta' Awwissu 2022 u s-26 ta' Ottubru 2023. Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-granċ tal-Artiku (*Chionoecetes* spp.) madwar Svalbard, jixraq li jiġi limitat l-għadd ta' bastimenti tas-sajd li huma awtorizzati jwettqu tali attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jiġi żgurat li l-isfruttament tal-granċ tal-Artiku madwar Svalbard ikun konsistenti ma' regoli ta' ġestjoni nondiskriminatorji stabbiliti min-Norveġja, li għandha sovranità u ġuriżdizzjoni fiż-żona f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar u t-Trattat ta' Pariġi tal-1920. L-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd bħal dawn fost l-Istati Membri hija limitata għall-2026. Fl-Unjoni, ir-responsabbiltà primarja li tiġi żgurata l-konformità mal-liġi applikabbli hija tal-Istati Membri tal-bandiera.

([17]) Il-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra (ĠU L 175, 18.5.2021, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/793/oj).

([18]) Il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra (2025–2030) (ĠU L, 2024/3203, 30.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/prot/2024/3203/oj).

(55) Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fl-Artiku tal-Grigal, u fid-dawl tan-nuqqas ta' TAC ta' referenza għall-2026, huwa xieraq li tiġi stabbilita kwota proviżorja tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u d-diviżjoni 2b tal-ICES, sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni għall-2026. Jenħtieġ li l-kwota proviżorja tal-Unjoni tikkorrispondi għal nofs il-kwota tal-Unjoni stabbilita għall-2025 u tkun limitata għal perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2026. Jenħtieġ li dik il-kwota proviżorja tal-Unjoni tiġi allokata lill-Istati Membri f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE ([19]), soġġetta għall-adattamenti meħtieġa minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kif stabbilit fl-Anness 36, it-Tabella E, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(56) F'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Unjoni indirizzata lir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva 'l barra mill-kosta tal-Guyana Franċiża, approvata f'isem l-Unjoni Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565 ([20]), jeħtieġ li jiġi stabbilit l-għadd massimu tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal-lutjan li huma disponibbli għall-Venezwela fl-ilmijiet tal-Unjoni għall-2026.

(57) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex l-Istati Membri individwali jkunu awtorizzati jimmaniġġjaw l-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd f'konformità ma' sistema ta' kilowatt-jiem, biex tagħti jiem addizzjonali fuq il-baħar għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd u għat-titjib tal-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi, kif ukollbiex tistabbilixxi formati ta' spreadsheets għall-ġbir u t-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar it-trasferiment tal-jiem fuq il-baħar bejn il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]).

(58) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni kontinwa u tiġi evitata l-inċertezza legali matul il-perjodu bejn it-tmiem tas-sena u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għas-sena sussegwenti, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-projbizzjonijiet u l-istaġuni magħluqa jkomplu japplikaw fil-bidu tal-2027 sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2027.

(59) Għal raġunijiet ta' urġenza u biex tiġi pprovduta ċertezza legali mill-aktar fis possibbli, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(60) Sabiex jiġi evitat li l-attivitajiet tas-sajd jiġu interrotti u biex jiġi ssalvagwardat l-għajxien tas-sajjieda, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika b'effett retroattive mill-1 ta' Jannar 2026.

(61) Barra minn hekk, ċerti miżuri internazzjonali li joħolqu jew li jirrestringu l-opportunitajiet tas-sajd għall-Unjoni ġew adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) rilevanti fl-aħħar tal-2025 u saru applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Sabiex jirriflettu din is-sitwazzjoni, d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jimplimentaw miżuri bħal dawn fid-dritt tal-Unjoni b'ħekk japplikaw b'mod retroattiv b'effett mill-1 ta' Diċembru 2025.. B'mod partikolari, peress li l-istaġun tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni CAMLR huwa mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Novembru, u peress li ċerti opportunitajiet jew projbizzjonijiet tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni CAMLR huma stabbiliti għal perjodu li jibda mill-1 ta' Diċembru 2025, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament japplikaw minn dik id-data. Barra minn hekk, l-istaġun tas-sajd għall-pixxisinna fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA jibda mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Novembru, u billi t-TACs għal dak il-grupp ta' speċijiet huma stabbiliti għal perjodu li jibda mill-1 ta' Diċembru 2025, jenħtieġ li t-TACs japplikaw minn dik id-data. Applikazzjoni retroattiva bħal din ma tippreġudikax il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi peress li hija pprojbita għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Parti Kontraenti li jistadu mingħajr awtorizzazzjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni CAMLR u fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA.

([19]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE tat-18 ta' Mejju 1987 dwar l-allokazzjoni ta' possibbiltajiet għall-qabda tal-merluzz fir-reġjun ta' Spitsbergen u Bear Island u fid-Diviżjoni 3M kif inhi definita fil-Konvenzjoni tan-NAFO (ĠU L 135, 23.5.1987, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1987/277/oj).

([20]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565 tal-14 ta' Settembru 2015 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva 'l barra mill-kosta tal-Guyana Franċiża (ĠU L 244, 19.9.2015, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1565/oj).

([21]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

(62) Barra minn hekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jemendaw ir-Regolament (UE) 2025/202 li jippermettu t-trasferimenti tal-kwota għall-Istokkafixx minn WHB/8C3411 għal WHB/1X14 għall-2025 japplikaw b'mod retroattiv. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi, peress li l-kwoti skont dawk it-TACs għadhom ma ġewx eżawriti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

2. L-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu:

(a) il-limiti ta' qbid għas-sena 2026 u, meta speċifikat f'dan ir-Regolament, għall-2027 u għall-2028 ukoll;

(b) il-limiti tal-isforz tas-sajd għas-sena 2026, ħlief il-limiti tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness II, għall-perjodu mill-1 ta' Frar 2026 sal-31 ta' Jannar 2027;

(c) opportunitajiet tas-sajd għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2025 sat-30 ta' Novembru 2026 għal ċerti stokkijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni CAMLR u għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA; u

(d) opportunitajiet tas-sajd għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027 fiż-żona tal-Konvenzjoni - (NPFC).

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd li ġejjin:

(a) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni; u

(b) bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni.

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal:

(a) ċertu sajd rikreattiv kif imsemmi b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament; u

(b) sajd kummerċjali minn fuq ix-xatt.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz u li huwa rreġistrat fih;

(b) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-kuntest tar-rikreazzjoni, tat-turiżmu jew tal-isport;

(c) "ilmijiet internazzjonali" tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-ebda Stat;

(d) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser:

(i) fis-sajd soġġett għall-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità ta' ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(ii) fl-attivitajiet tas-sajd l-oħrajn kollha, il-kwantità ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk kull sena;

(e) "kwota" tfisser proporzjon minn TAC li huwa allokat lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;

(f) "valutazzjoni analitika" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, imsejsa fuq data dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, inkluż abbażi ta' indikaturi, li r-rieżami xjentifiku jkun indika li hija ta' kwalità tajba biżżejjed biex tipprovdi pariri xjentifiċi;

(g) "TAC analitika" tfisser TAC li għaliha tkun disponibbli valutazzjoni analitika;

(h) "TAC prekawzjonarja" tfisser TAC li għaliha ma tkunx disponibbli valutazzjoni analitika, u pjuttost tkun disponibbli valutazzjoni bbażata fuq l-approċċ prekawzjonarju jew ma tkun disponibbli l-ebda valutazzjoni;

(i) "daqs tal-malja" tfisser id-daqs tal-malji tax-xbieki tas-sajd kif definit fl-Artikolu 6, il-punt (34), tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]);

(j) "reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni" tfisser ir-reġistru miżmum mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(k) "ġurnal ta' abbord dwar is-sajd" tfisser il-ġurnal ta' abbord imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(l) "baga strumentata" tfisser baga mmarkata b'mod ċar b'numru ta' referenza uniku li jippermetti l-identifikazzjoni ta' sidha u mgħammra b'sistema ta' rintraċċar bis-satellita biex timmonitorja l-pożizzjoni tagħha;

(m) "baga operazzjonali" tfisser kwalunkwe baga strumentata, attivata minn qabel, mixgħula u mqiegħda fuq il-baħar fuq irkaptu mitluq għal riħu sabiex jinġema' l-ħut (FAD) jew injam jgħum fil-wiċċ, li tittrażmetti l-pożizzjonijiet u informazzjoni oħra disponibbli bħal stimi minn ekosonda.

Artikolu 4

Żoni tas-sajd

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni tas-sajd li ġejjin:

(a) "żoni tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar)" tfisser iż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([23]);

(b) "Skagerrak" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fil-Punent minn linja miġbuda mill-fanal ta' Hanstholm sal-fanal ta' Lindesnes u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża;

(c) "Kattegat" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fit-Tramuntana minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda minn Hasenøre sa Gnibens Spids, minn Korshage sa Spodsbjerg u minn Gilbjerg Hoved sa Kullen;

(d) "unità funzjonali 16 tas-subżona 7 tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li b'mod sekwenzjali jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:

— 53°30'N 15°00'W,

— 53°30'N 11°00'W,

([22]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj).

([23]) Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/218/oj).

— 51°30'N 11°00'W,

— 51°30'N 13°00'W,

— 51°00'N 13°00'W,

— 51°00'N 15°00'W;

(e) "unità funzjonali 25 tad-diviżjoni 8c tal-ICES" tfisser iż-żona tal-baħar ġeografika kkonfinata minn lossodromi li sekwenzjalment jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:

— 43°00'N 9°00'W,

— 43°00'N 10°00'W,

— 44°00'N 10°00'W,

— 44°00'N 9°00'W,

— 44°30'N 9°00'W,

— 44°30'N 8°00'W,

— 43°30'N 8°00'W;

(f) "unità funzjonali 26 tad-diviżjoni 9a tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

— 43°00'N 8°00'W,

— 43°00'N 10°00'W,

— 42°00'N 10°00'W,

— 42 00'N 8°00'W;

(g) "unità funzjonali 27 tad-diviżjoni 9a tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

— 42°00'N 8°00'W,

— 42°00'N 10°00'W,

— 38°30'N 10°00'W,

— 38°30'N 9°00'W,

— 40°00'N 9°00'W,

— 40°00'N 8°00'W;

(h) "unità funzjonali 30 tad-diviżjoni 9a tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Spanja fil-Golf ta' Cádiz u fl-ilmijiet tal-madwar tad-diviżjoni 9a tal-ICES;

(i) "unità funzjonali 31 tad-diviżjoni 8c tal-ICES" tfisser iż-żona tal-baħar ġeografika kkonfinata minn lossodromi li sekwenzjalment jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:

— 43°30'N 8°00'W,

— 44°30'N 8°00'W,

— 44°30'N 2°00'W,

— 43°00'N 2°00'W,

— 43°00'N 6°00'W,

— 43°30'N 6°00'W;

(j) "Golf ta' Cádiz" tfisser iż-żona ġeografika tad-diviżjoni 9a tal-ICES li tinsab fil-Lvant tal-lonġitudni 7° 23' 48″ W;

(k) "Żona tal-Konvenzjoni CAMLR (il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar tal-Antartiku ([24]);

(l) "żoni tas-CECAF (il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant)" tfisser iż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]);

(m) "żona tal-Konvenzjoni IATTC (il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali") tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Repubblika tal-Costa Rica (Konvenzjoni ta' Antigua) ([26]);

(n) "żona tal-Konvenzjoni ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ([27]);

(o) "Żona ta' Kompetenza tal-IOTC (il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Ftehim għall-istabbiliment tal-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan ([28]);

([24]) ĠU L 252, 5.9.1981, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/1981/691/oj. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni CAMLR bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/691/KEE tal-4 ta' Settembru 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartika (ĠU L 252, 5.9.1981, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1981/691/oj).

([25]) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/216/oj).

([26]) ĠU L 224, 16.8.2006, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/2005/26/oj. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-IATTC bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Repubblika tal-Costa Rica (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2006/539/oj).

([27]) ĠU L 162, 18.6.1986, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/1986/238(1)/oj. L-Unjoni aderiet għall-ICCAT bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Parigi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1986/238/oj).

([28]) ĠU L 236, 5.10.1995, p. 25, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1995/399/oj. L-Unjoni aderiet għall-IOTC bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE tat-18 ta' Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1995/399/oj).

(p) "Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO (Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral)" u "żoni ta-NAFO" tfisser iż-żoni ġeografiċi definiti fil-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal ([29]);

(q) "Żona Regolatorja tan-NAFO" tfisser dik il-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni NAFO li tinsab lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali;

(r) "żona tal-Konvenzjoni NPFC" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku ([30]);

(s) "żona tal-Konvenzjoni SEAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku ([31]);

(t) "Żona tal-Ftehim SIOFA (il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan ([32]);

(u) "Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO (l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku ([33]);

(v) "żona tal-Konvenzjoni WCPFC (il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u fil-Paċifiku Ċentrali)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Istokkijiet tal-Ħut Migratorju Ħafna fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent ([34]);

(w) "ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering" tfisser iż-żona ġeografika tal-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering 'il barra minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom titkejjel il-wisa' tal-baħar territorjali tal-Istati kostali tal-Baħar Bering;

(x) "żona kondiviża bejn iż-żoni tal-Konvenzjoni IATTC u WCPFC" tfisser iż-żona ġeografika definita mil-limiti li ġejjin:

— il-lonġitudni 150° W,

— il-lonġitudni 130° W,

— il-latitudni 4° S,

— il-latitudni 50° S.

([29]) ĠU L 378, 30.12.1978, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/1978/3179/oj. L-Unjoni aderiet għall-Konvenzjoni NAFO bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/78 tat-28 ta' Diċembru 1978 li jirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ekonomika Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 378, 30.12.1978, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1978/3179/oj).

([30]) ĠU L 55, 28.2.2022, p. 14. L-Unjoni aderiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/314 tal-15 ta' Frar 2022 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku (ĠU L 55, 28.2.2022, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/314/oj).

([31]) ĠU L 234, 31.8.2002, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/2001/319/oj. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni SEAFO bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE tat-22 ta' Lulju 2002 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar il-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/738/oj).

([32]) ĠU L 196, 18.7.2006, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2006/496/oj. L-Unjoni approvat is-SIOFA bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/780/oj).

([33]) ĠU L 67, 6.3.2012, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/2012/130/oj. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni SPRFMO bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/130/UE tat-3 ta' Ottubru 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku (ĠU L 67, 6.3.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/130(1)/oj).

([34]) ĠU L 32, 4.2.2005, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/2005/75/oj. L-Unjoni aderiet għad-WCPFC bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE tas-26 ta' April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/75(1)/oj).

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 5

TACs u allokazzjonijiet

1. It-TACs għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, l-allokazzjoni tagħhom fost l-Istati Membri u, meta xieraq, il-kundizzjonijiet marbuta magħhom b'mod funzjonali huma stabbiliti fl-Anness I.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistgħu jiġu awtorizzati mill-Istat kostali kkonċernat biex jistadu fl-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Gżejjer Faeroe, Greenland, in-Norveġja u fiż-żona tas-sajd fl-inħawi ta' Jan Mayen soġġetti għat-TACs stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 25 ta' dan ir-Regolament, l-Anness V, il-Parti A ta' dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([35]) u f'atti delegati adottati mill-Kummissjoni abbażi ta' dak ir-Regolament.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistgħu jiġu awtorizzati mir-Renju Unit biex jistadu fl-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tas-sajd tiegħu soġġetti għat-TACs fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, u soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 25 ta' dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2017/2403 u f'atti delegati adottati mill-Kummissjoni abbażi ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 6

TACs li jridu jiġu ddeterminati mill-Istati Membri

1. It-TACs stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom, fejn speċifikat f'dak l-Anness, jiġu ddeterminati mill-Istat Membru kkonċernat.

2. It-TACs li jridu jiġu ddeterminati minn Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) ikunu konsistenti mal-objettivi u mar-regoli stabbiliti fir-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472, b'mod partikolari l-objettiv tal-isfruttament sostenibbli tal-istokk; u

(b) jirriżultaw fi sfruttament tal-istokk li:

(i) jekk tkun disponibbli valutazzjoni analitika, ikun konformi mar-rendiment massimu sostenibbli (MSY), bi probabbiltà kemm jista' jkun għolja; jew

(ii) jekk valutazzjoni analitika ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompluta, ikun konsistenti mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd.

3. Sal-15 ta' Marzu, kull Stat Membru kkonċernat għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) it-TACs li jkun iddetermina;

(b) id-data li jkun ġabar, ivvaluta u uża bħala bażi għall-istabbiliment tat-TACs; u

(c) id-dettalji dwar kif it-TACs iddeterminati jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.

4. Meta xieraq, il-Kummissjoni tista' titlob il-parir tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), li fih l-iSTECF:

(a) jivvaluta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (b) u (c); u

(b) jivvaluta jekk it-TACs iddeterminati mill-Istati Membri jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.

([35]) Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2403/oj).

5. Jekk, skont il-parir tal-iSTECF, l-informazzjoni ppreżentatata mill-Istati Membri hija insuffiċjenti, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni aġġornata, flimkien ma' ġustifikazzjonijiet għal dik l-informazzjoni aġġornata fir-rigward tal-parir tal-iSTECF, mhux aktar tard minn xahar wara l-pubblikazzjoni tal-parir tal-iSTECF.

6. Jekk, skont il-parir tal-iSTECF, it-TACs iddeterminati mill-Istati Membri ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni TACs aġġornati flimkien ma' ġustifikazzjoni għal dawk it-TACs aġġornati fir-rigward tal-parir tal-iSTECF kif ukoll, meta rilevanti, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 , mhux aktar tard minn xahar wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-parir.

Artikolu 7

Kundizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet aċċessorji

1. Il-qabdiet li mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss jekk dawn:

(a) ikunu saru minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li jkollu kwota għalihom u dik il-kwota ma tkunx ġiet eżawrita; jew

(b) jifformaw sehem minn kwota tal-Unjoni li ma tkunx ġiet allokata fost l-Istati Membri u li ma tkunx ġiet eżawrita.

2. Għall-finijiet tad-deroga mill-obbligu li l-qabdiet għandhom jinqatgħu mill-kwoti rilevanti, kif previst fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira fil-limiti bijoloġiċi sikuri msemmija f'dak l-Artikolu huma identifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Mekkaniżmu tal-iskambju tal-kwoti għal TACs għal qabdiet aċċessorji inevitabbli

1. Il–mekkaniżmu tal-iskambju tal-kwoti stabbilit fil-paragrafi 2 sa 5 japplika għat-TACs identifikati fl-Anness IA.

2. 6 % ta' kull kwota allokata mit-TACs għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fil-Baħar Ċeltiku (COD/7XAD34), il-bakkaljaw fil-Punent tal-Iskozja (COD/5BE6A), il-merlangu (*Merlangius merlangus*) fil-Baħar tal-Irlanda (WHG/07A.) u l-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) fid-diviżjonijiet 7h, 7j u 7k tal-ICES (PLE/7HJK.), u 3 % ta' kull kwota mit-TAC għall-merlangu tal-Punent tal-Iskozja (WHG/56-14), allokati għal kull Stat Membru, għandhom ikunu disponibbli għal riżerva komuni tal-iskambju ta' kwoti ("ir-riżerva komuni"), li għandha tiftaħ fl-1 ta' Jannar. L-Istati Membri mingħajr kwota għandu jkollhom aċċess esklużiv għar-riżerva komuni sal-31 ta' Marzu.

3. Il-kwantitajiet li jittieħdu mir-riżerva komuni ma jistgħux jiġu skambjati jew ittrasferiti għas-sena ta' wara. Wara l-31 ta' Marzu, kwalunkwe kwantità mhux użata għandha tiġi rritornata lill-Istati Membri li inizjalment ikunu kkontribwew għar-riżerva komuni.

4. L-Istati Membri mingħajr kwota għandhom jipprovdu kwoti ta' ritorn għall-istokkijiet elenkati fil-Parti Ctal-Anness IA, sakemm l-Istat Membru mingħajr kwota u l-Istat Membru li jikkontribwixxi għar-riżerva komuni ma jiftehmux mod ieħor.

5. Il-kwoti pprovduti bi skambju kif imsemmija fil-paragrafu 4 għandhom ikunu ta' valur kummerċjali ekwivalenti, iddeterminat abbażi ta' rata tal-kambju tas-suq jew rati tal-kambju aċċettabbli reċiprokament oħrajn. Fin-nuqqas ta' alternattivi, il-valur kummerċjali ekwivalenti għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-prezzijiet medji tal-Unjoni mis-sena ta' qabel, kif previst mill-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura.

6. Meta l-mekkaniżmu tal-iskambju tal-kwoti stabbilit fil-paragrafi 2 sa 5 ma jħallix lill-Istati Membri jkopru l-qabdiet aċċessorji inevitabbli tagħhom sa grad simili, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiftiehmu fuq skambji ta' kwoti skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, filwaqt li jiżguraw li l-kwoti skambjati jkunu ta' valur kummerċjali ekwivalenti.

Artikolu 9

Limiti tal-isforz tas-sajd fid-diviżjoni 7e tal-ICES

1. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament, il-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd għal-lingwata (*Solea solea*) fid-diviżjoni 7e tal-ICES) (il-Kanal tal-Punent) huma stabbiliti fl-Anness II.

2. Fuq talba ta' Stat Membru f'konformità mal-Anness II, il-punt 7.4, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li permezz tiegħu talloka lil dak l-Istat Membru numru ta' jiem fuq il-baħar minbarra dawk imsemmija fl-Anness II, il-punt 5, li matulhom jista' jawtorizza bastiment tas-sajd taħt il-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fid-diviżjoni 7e tal-ICES meta jkun qiegħed iġorr abbord kwalunkwe rkaptu regolat. Il-Kummissjoni għandha tadotta dak l-att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 61(2) ta' dan ir-Regolament.

3. Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li bih talloka lil dak l-Istat Membru massimu ta' tlett ijiem fuq il-baħar bejn l-1 ta' Frar 2026 u l-31 ta' Jannar 2027, minbarra dawk imsemmija fil-punt 5 tal-Anness II, li fih bastiment tas-sajd jista' jkun preżenti fid-diviżjoni 7e tal-ICES abbażi ta' programm imtejjeb ta' kopertura tal-osservaturi xjentifiċi, kif imsemmi fil-punt 8.1 tal-Anness II. Il-Kummissjoni għandha tagħmel allokazzjoni bħal din abbażi tad-deskrizzjoni sottomessa minn dak l-Istat Membru f'konformità mal-Anness II, il-punt 8.3 u wara konsultazzjoni mal-STECF. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 61(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Miżuri għas-sajd tal-ispnotta fid-diviżjonijiet 4b, 4c u 6a tal-ICES u s-subżona 7 tal-ICES

1. Għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, kif ukoll għal kwalunkwe tip ta' sajd kummerċjali minn fuq ix-xatt li jistadu għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES u fis-subżona 7 tal-ICES jew li jżommu abbord, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott li jinqabad f'dik iż-żona.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-qabdiet aċċessorji tal-ispnottw Ewropew f'attivitajiet ta' sajd kummerċjali bix-xbieki mix-xatt. Din l-eżenzjoni tapplika għal numri storiċi ta' xbieki tal-bajjiet stabbiliti fil-livelli ta' qabel l-2017. L-attivitajiet ta' sajd bix-xbieki kummerċjali mix-xatt ma għandux ikollhom l-ispnott fil-mira tagħhom u jistgħu jinħattu l-art biss qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-ispnott Ewropew.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, f'Jannar 2026 u mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2026, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7d, 7e, 7f u 7h tal-ICES jistgħu jistadu għall-ispnotta maqbuda f'dik iż-żona, iżommuha abbord, jittrażbordawha, jirrilokawha jew iħottuha l-art, bl-irkapti li ġejjin u fil-limiti li ġejjin:

(a) permezz ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ ([36]), għal qabdiet aċċessorji inevitabbli li ma jaqbżux l-10,0 tunnellati għal kull bastiment tas-sajd u fis-sena, u 20 % tal-piż tal-qabdiet totali ta' organiżmi marini abbord maqbuda mill-bastiment ikkonċernat għal kull vjaġġ tas-sajd;

(b) permezz ta' tartaruni ([37]), għal qabdiet aċċessorji inevitabbli li ma jaqbżux l-10,0 tunnellati għal kull bastiment tas-sajd u fis-sena, u 20 % tal-piż tal-qabdiet totali tal-organiżmi marini abbord maqbuda mill-bastiment ikkonċernat f'kull vjaġġ tas-sajd;

(c) bl-użu ta' snanar u xolfa ([38]), li ma jaqbżux it-8,0 tunnellati għal kull bastiment tas-sajd u għal kull sena;

(d) permezz ta' għeżula armati fuq il-lasti ([39]), għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli ta' mhux aktar minn 5,4 tunnellata għal kull bastiment tas-sajd u għal kull sena.

Id-derogi stipulati fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu rreġistraw qabdiet tal-ispnotta permezz ta' snanar u xlief matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016.

([36]) It-tipi kollha ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB, TBB, TBN, TBS u TB).
([37]) It-tipi kollha ta' tartaruni (SSC, SDN, SPR, SV, SB u SX).
([38]) Is-sajd kollu bil-konzijiet jew bil-bastun u x-xlief jew bil-qasba u x-xlief (LHP, LHM, LLD, LL, LTL, LX u LLS).
([39]) L-għeżula armati fuq il-lasti u n-nases kollha (GTR, GNS, GNC, FYK, FPN u FIX).

Id-derogi stipulati fl-ewwel subparagrafu, il-punt (d), għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu rreġistraw qabdiet tal-ispnotta permezz tal-għeżula armati fuq il-lasti matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016.

F'każ ta' sostituzzjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li dawk id-derogi japplikaw għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni ieħor dment li l-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għal kull waħda mid-derogi u l-kapaċità tas-sajd globali tagħhom ma jiżdidux.

4. Il-limiti tal-qbid stabbiliti fil-paragrafu 3 ma għandhomx ikunu trasferibbli bejn il-bastimenti tas-sajd.

5. Fis-sajd rikreattiv, inkluż minn max-xatt, fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 6a, 7a sa 7k tal-ICES:

(a) mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2026:

(i) is-sajd ta' qbid u ħelsien b'qasba jew bi xlief għall-ispnotta biss għandu jkun permess; u

(ii) għandu jkun ipprojbit li tinżamm, li tiġi rilokata, li tiġi ttrażbordata jew li tinħatt l-art l-ispnotta li tinqabad f'dik iż-żona;

(b) f'Jannar 2026 u mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2026:

(i) mhux aktar minn tliet eżemplari ta' spnotta jistgħu jinqabdu u jinżammu għal kull sajjied kuljum;

(ii) id-daqs minimu tal-ispnotta miżmuma għandu jkun 42 cm; u

(iii) ma għandhomx jintużaw xbieki fissi biex tinqabad jew tinżamm l-ispnotta.

6. Il-paragrafu 5 għandu japplika mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti għas-sajd rikreattiv.

Artikolu 11

Miżuri għas-sajd tal-ispnotta fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES

1. Meta jkunu qed jiddeterminaw l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom għas-sajd kummerċjali għall-ispnotta fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES (l-Golf tal-Biskalja), Spanja u Franza għandhom jiżguraw b'mod konġunt li s-somma tal-opportunitajiet ta' sajd, ta' qbid skartat kummerċjali, ħatt l-art rikreattiv u qbid skartat mejjet rikreattiv rispettivi tagħhom ma taqbiżx il-3 883 tunnellata. Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għal dawk l-opportunitajiet tas-sajd.

2. Sal-15 ta' Marzu, Spanja u Franza għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 u kif dawk l-opportunitajiet tas-sajd jikkonformaw ma' dak il-paragrafu.

3. Il-qabdiet fis-sajd kummerċjali taħt l-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rrapportati minn Spanja u minn Franza (BSS/8AB).

4. Fis-sajd rikreattiv, inkluż mix-xatt, fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES:

(a) kull sajjied jista' jaqbad u jżomm massimu ta' żewġ eżemplari ta' spnotta kuljum; u

(b) ma għandhomx jintużaw xbieki fissi biex tinqabad jew tinżamm l-ispnotta.

5. Il-paragrafu 4 għandu japplika mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti għas-sajd rikreattiv.

Artikolu 12

Miżuri għas-sajd rikreattiv għall-pollakkju fiż-żoni 6 u 7 tal-ICES

1. Fis-sajd rikreattiv, inkluż mix-xatt, fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES, massimu ta' tliet eżemplari ta' pollakkju (*Pollachius pollachius*) jistgħu jinqabdu u jinżammu minn kull sajjied kuljum.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti għas-sajd rikreattiv.

Artikolu 13

Miżuri għall-pollakkju fis-subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona CECAF 34.1.1

1. Għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 42 cm għall-qabdiet tal-pollakkju (*Pollachius pollachius*) fis-subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona CECAF 34.1.1.

2. Fis-sajd rikreattiv, inkluż mix-xatt fis-subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona CECAF 34.1.1:

(a) massimu ta' żewġ eżemplari ta' pollakkju jistgħu jinqabdu u jinżammu minn kull sajjied kuljum; ladarba jintlaħaq dak il-limitu massimu, jista' jsir sajd ta' "qbid u ħelsien"; u

(b) l-ebda eżemplari ta' pollakkju mhu permess li jinqabad u jinżamm mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April; madankollu, matul dak il-perjodu jista' jsir sajd ta' "qbid u ħelsien".

3. Il-paragrafu 2 japplika mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti għas-sajd rikreattiv.

Artikolu 14

Miżuri għas-sajd tas-sallura fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8 u 9 tal-ICES

1. Dan l-Artikolu japplika għall-ilmijiet tal-baħar u salmastri tal-Unjoni tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8 u 9 tal-ICES, u għall-ilmijiet salmastri tal-Unjoni kontigwi, inkluż l-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet ta' tranżizzjoni.

2. Dan l-Artikolu ma japplikax għal operazzjonijiet tas-sajd kummerċjali mwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi b'bastiment tas-sajd jew mingħajru, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241 u li l-ISTECF ikun ikkonferma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kkonċernati li investigazzjonijiet xjentifiċi bħal dawn huma ġġustifikati għal raġunijiet xjentifiċi.

3. It-twettiq ta' attivitajiet tas-sajd kummerċjali għas-sallura (*Anguilla anguilla*) fl-istadji kollha tal-ħajja għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur bejn l-1 ta' April 2026 u l-31 ta' Marzu 2027 għandu jkun ipprojbit. Barra minn hekk, l-Istati Membri u s-sajjieda għandhom iwettqu l-isforzi kollha raġonevoli biex jimminimizzaw u, meta possibbli, jeliminaw il-qabdiet inċidentali tas-sallura. Meta jinqabdu inċidentalment, l-eżemplari tas-sallura ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu mill-ewwel. Għal dak l-għan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddetermina b'mod individwali jew konġunt, perjodu wieħed jew aktar ta' għeluq soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) meta xieraq, il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq jistgħu jvarjaw bejn l-Istati Membri jew fi Stat Membru wieħed minn żona tas-sajd għal oħra sabiex titqies ix-xejra tal-migrazzjoni ġeografika u temporali tas-sallura fl-istadji differenti tal-ħajja tagħha;

(b) il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq għandhom iservu għal perjodu ta' żmien konsekuttiv jew mhux konsekuttiv ta' mill-inqas sitt xhur, li għandu japplika għas-sajjieda kollha kkonċernati fiż-żona tas-sajd rilevanti;

(c) il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq għandhom ikunu konsistenti mal-objettivi ta' konservazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1100/2007, u mal-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali stabbiliti skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament; u

(d) il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq għandhom ikopru l-perjodu/i ewlieni/ewlenin tal-migrazzjoni, inkluż l-ogħla livell rispettiv, tas-sallura fl-istadju tal-ħajja rispettiv fl-Istat Membru kkonċernat.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, il-punt (d), għas-sallura ta' tul totali ta' 12 cm jew aktar, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jippermettu attivitajiet tas-sajd sa total ta' 30 jum konsekuttivi jew mhux konsekuttivi, li għandhom japplikaw għas-sajjieda kollha kkonċernati fiż-żona tas-sajd rilevanti, matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni. F'dak il-każ, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiddeterminaw għeluq addizzjonali ta' perjodu ta' żmien ekwivalenti matul il-perjodu ta' migrazzjoni ewlieni jew, b'mod sussidjarju, eżatt qabel jew wara. Fil-każijiet fejn Stat Membru jippermetti s-sajd f'jiem mhux konsekuttivi, l-irkaptu tas-sajd għandu jinħareġ mill-ilma bejn kwalunkwe perjodu bejn dawk il-jiem mhux konsekuttivi ta' attivitajiet ta' sajd.

5. B'deroga mill-paragrafu 3, il-punt (d), l-Istat Membru kkonċernat jista' jippermetti s-sajd għas-sallura ta' b'tul kumplessiv ta' 12 cm jew aktar waqt il-migrazzjoni tagħha mill-ilmijiet tal-Unjoni lejn iż-żoni ta' riproduzzjoni tagħha fil-Baħar Sargasso ("migrazzjoni fid-direzzjoni tax-xmara") għal total ta' 50 jum konsekuttivi jew mhux konsekuttivi. Dik id-deroga tapplika għas-sajjieda kollha kkonċernati fiż-żona tas-sajd rilevanti, matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni, bil-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) attività tas-sajd għandha tkun permessa biss meta l-uniku aċċess disponibbli għas-sallura Ewropea għall-ilmijiet tal-baħar neċessarjament jgħaddi minn ilmijiet salmastri mhux tal-Unjoni;

(b) il-qabdiet maqbuda fis-sottodiviżjonijiet 22 sa 32 tal-ICES għandhom jissodisfaw id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 35 cm, f'konformità mal-Parti A tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2019/1241;

(c) kwalunkwe sallura Ewropea li tkun sesswalment matura u li tinqabad ma għandhiex issirilha ħsara, għandha tiġi ttrasportata mingħajr dewmien żejjed u għandha tiġi rilaxxata minnufih fl-ilmijiet tal-baħar tal-Unjoni fil-qrib f'post deżinjat mill-Istat Membru kkonċernat, li jippermettilha tkompli l-migrazzjoni fid-direzzjoni tax-xmara;

(d) kwalunkwe sallura Ewropea li tinqabad b'mod inċidentali li ma tkunx sesswalment matura ma għandhiex issirilha ħsara u għandha tinħeles minnufih lura fl-ilma; u

(e) l-attività tas-sajd għandha ssir bl-involviment ta' korp xjentifiku nazzjonali.

6. Għas-sallura b'tul totali ta' 12 cm jew aktar fis-subżona 3 tal-ICES, il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 3 u d-deroga tiegħu/tagħhom imsemmija fil-paragrafu 4 għandhom jiġu miftiehma mill-Istati Membri kkonċernati kollha biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-sallura għall-migrazzjoni tagħha mill-Baħar Baltiku għall-Baħar tat-Tramuntana. Fin-nuqqas ta' ftehim bħal dan sal-1 ta' April 2026, il-perjodu ta' għeluq għandu jkun mill-15 ta' Settembru 2026 sal-15 ta' Marzu 2027 fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja u fl-Iżvezja, u mingħajr il-possibbiltà tad-deroga msemmija fil-paragrafu 4.

7. B'deroga mill-paragrafu 3, il-punt (d), għas-sallura ta' tul totali ta' inqas minn 12 cm, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jippermettu attivitajiet tas-sajd sa total ta' 30 jum konsekuttivi jew mhux konsekuttivi, li għandhom japplikaw għas-sajjieda kollha kkonċernati fiż-żona tas-sajd rilevanti, matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jippermettu sajd esklużivament għal ristokkjar sa 50 jum addizzjonali matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni. Fiż-żewġ każijiet, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiddeterminaw għeluq addizzjonali ta' perjodu ta' żmien ekwivalenti matul il-perjodu ta' migrazzjoni ewlieni jew, b'mod sussidjarju, eżatt qabel jew wara dan. Fil-każijiet fejn Stat Membru jippermetti s-sajd f'jiem mhux konsekuttivi, l-irkaptu tas-sajd għandu jinħareġ mill-ilma matul kwalunkwe perjodu bejn dawk il-ġranet mhux konsekuttivi ta' attivitajiet ta' sajd.

8. Is-sajd rikreattiv tas-sallura fl-istadji kollha tal-ħajja għandu jkun ipprojbit.

9. L-Istati Membri kkonċernati, b'mod individwali jew konġunt, għandhom jinformaw lill-Kummissjoni:

(a) sal-1 ta' Mejju, il-perjodu jew il-perjodi magħluq(a) (i)ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 3 sa 7, flimkien mal-informazzjoni ta' sostenn li tiġġustifika l-perjodu jew il-perjodi magħżul(a);

(b) fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni tagħhom, b'miżuri nazzjonali relatati mal-perjodu jew il-perjodi magħluq(a) li ġie/ġew (i)ddeterminat(i) f'konformità mal-paragrafi 3 sa 7;

(c) fi żmien tmien ġimgħat qabel il-bidu tal-perjodu jew il-perjodi magħluq(a) stabbilit(i) f'konformità mal-paragrafi 3 sa 7, tal-attivitajiet tas-sajd li jsiru f'konformità mal-paragrafu 5, jiġifieri ta'

(i) il-post jew il-postijiet u d-data jew id-dati tal-attivitajiet tas-sajd;

(ii) l-għadd mistenni u t-tip ta' operaturi, u l-korp xjentifiku nazzjonali involut; u

(iii) il-post jew il-postijiet magħżul(a) għall-ħelsien; u

(d) mhux aktar minn tmien ġimgħat mit-tmiem tal-attivitajiet tas-sajd imwettqa f'konformità mal-paragrafu 5 ta':

(i) l-għadd u t-tip ta' operaturi;

(ii) l-għadd ta' salluri Ewropej sesswalment maturi maqbuda matul dawk l-attivitajiet tas-sajd;

(iii) l-għadd ta' salluri Ewropej li mhumiex sesswalment maturi maqbuda matul dawk l-attivitajiet tas-sajd; u

(iv) l-għadd ta' salluri Ewropej sesswalment maturi li ġew ittikkettati.

Artikolu 15

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) l-iskambji skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) it-tnaqqis u ż-żidiet- skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) ir-riallokazzjonijiet skont l-Artikoli 12 u 47 tar-Regolament (UE) 2017/2403;

(d) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(e) kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(f) it-tnaqqis u l-aġġustamenti skont l-Artikoli 105, 106, 107 u 107a tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; u

(g) it-trasferimenti u l-iskambji ta' kwoti skont l-Artikoli 26 u 55 ta' dan ir-Regolament.

2. L-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzjonarji jew analitiċi għall-finijiet tal-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96 huma identifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

3. Għajr meta speċifikat mod ieħor fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandu japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC prekawzjonarja, u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC analitika.

4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 16

Staġuni magħluqa għas-sajd għaċ-ċiċċirell

Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirell (*Ammodytes* spp.) bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, b'tartaruni jew b'irkaptu simili rmunkat, bid-daqs tal-malji inqas minn 16 mm għandu jkun ipprojbit fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2026 u mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2026.

Artikolu 17

Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana

1. Iż-żoni magħluqa għas-sajd, ħlief għas-sajd b'irkaptu pelaġiku (bit-tartaruni tal-borża u bix-xbieki tat-tkarkir), u l-perjodi li għalihom japplika l-għeluq huma stabbiliti fl-Anness IV.

2. Il-bastimenti li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bit-tartaruni b'daqs minimu tal-malji ta' 70 mm fid-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES jew 90 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES, u bil-konzijiet ([40]) għandhom jiġu pprojbiti milli jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 4a tal-ICES, fit-Tramuntana tal-latitudni 58°30′00″N u fin-Nofsinhar tal-latitudni 61°30′00″N, u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 3a.20 tal-ICES (Skagerrak), 4a u 4b, fit-Tramuntana tal-latitudni 57°00′00″N u fil-Lvant tal-lonġitudni 5°00′00″E.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-bastimenti tas-sajd imsemmija f'dak il-paragrafu jistgħu jistadu fiż-żoni msemmija f'dak il-paragrafu, dment li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) il-qabdiet tal-bakkaljaw tagħhom ma jirrappreżentawx aktar minn 5 % tal-qabdiet totali tagħhom għal kull vjaġġ tas-sajd; il-bastimenti tas-sajd li l-qabdiet tal-bakkaljaw tagħhom ma qabżux il-5 % tal-qabdiet totali tagħhom bejn l-2017 sal-2019 huma preżunti li jikkonformaw ma' dan il-kriterju dment li jkomplu jużaw l-istess irkaptu li użaw f'dak il-perjodu; din il-preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata;

(b) tintuża xibka tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartarun regolati u selettivi ħafna, li jirriżultaw, skont studju xjentifiku, fi tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fil-qabdiet tal-bakkaljaw meta mqabbla ma' bastimenti tas-sajd li jistadu bid-daqs tal-malja tal-linja bażi għall-irkapti rmunkati, kif speċifikat fl-Anness V, il-Parti B, il-punt 1.1 tar-Regolament (UE) 2019/1241; tali studji jistgħu jiġu evalwati mill-ISTECF u fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva, l-irkapti kkonċernati ma għandhomx jibqgħu jitqiesu validi għall-użu fiż-żoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(c) għal bastimenti tas-sajd li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u b'tartaruni b'daqs tal-malji ta' 100 mm jew aktar (TR1), jintuża l-irkaptu selettiv ħafna li ġej:

(i) xbieki tat-tkarkir bis-sorra b'daqs minimu tal-malji fil-parti tas-sorra ta' 600 mm;

(ii) linja tas-sajd mgħollija (0,6 m); jew

(iii) xibka selettiva orizzontali li jkollha fetħa għall-ħrib b'malji kbar;

(d) għal bastimenti tas-sajd li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u b'tartaruni b'daqs tal-malji ta' 70 mm jew aktar fid-diviżjoni 4a u 90 mm tal-ICES u fid-diviżjoni 3a tal-ICES u inqas minn 100 mm (TR2), jintuża l-irkaptu selettiv ħafna li ġej:

(i) għarbiel orizzontali bi spazju bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 50 mm li jissepara l-pixxiċatt u l-ħut tond, bi żbokk mhux imblukkat għall-ħut tond;

(ii) pannell seltra b'malji kwadri ta' 300 mm; jew

(iii) għarbiel bi spazju bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm, bi żbokk mhux imblukkat għall-ħut;

(e) il-bastimenti tas-sajd huma soġġetti għal pjan nazzjonali għall-evitar tal-bakkaljaw biex jiġu sostnuti l-qabdiet tal-bakkaljaw f'konformità mal-mortalità mis-sajd li tikkorrispondi għall-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti, abbażi ta' livelli ta' parir xjentifiku, permezz ta' miżuri spazjali jew tekniċi, jew taħlita tagħhom; pjanijiet bħal dawn għandhom jiġu vvalutati mhux aktar tard minn xahrejn wara l-implimentazzjoni tagħhom, mill-ISTECF fil-każ tal-Istati Membri jew mill-korp xjentifiku nazzjonali rilevanti fil-każ ta' pajjiżi terzi, u, meta jitqies meħtieġ, riveduti ulterjorment jekk valutazzjonijiet bħal dawn isibu li l-objettiv tal-pjan nazzjonali għall-evitar tal-bakkaljaw mhux ser jintlaħaq.

([40]) Kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, OT, TBN, TBS, TB, TX, PTB, SDN, SSC, SX, LL, LLS.

4. L-Istati Membri għandhom itejbu l-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-bastimenti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 2 sabiex jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3.

5. Dan l-Artikolu ma japplikax għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

Artikolu 18

Għeluq f'ħin reali ta' ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana u fi Skagerrak

1. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2026, fil-Kanal tal-Lvant (id-diviżjoni 7d tal-ICES), fin-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjoni 4c tal-ICES) u fil-Baħar tat-Tramuntana ċentrali (id-diviżjoni 4b tal-ICES), jekk il-kwantità tal-bakkaljaw fil-kampjun taqbeż il-25 % meta mqabbla mat-total tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju iswed u tal-merlangu, il-livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet, kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 724/2010 ([41]), għandu jkun ta' 7,5 % skont il-piż tal-ħut li għadu qed jikber meta mqabbel mat-total ta' dawk l-erba' speċijiet f'kalata.

2. Meta ż-żona magħluqa bbażata fuq kampjun wieħed u li tinsab 'il barra mill-ilmijiet sa 12-il mil mil-linja bażi tal-Istat Membru kostali, kif imsemmija fl-Artikolu 7(2), il-punt (ċ), tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 724/2010, id-daqs tal-għeluq għandu jkun minn 50 nm^2 sa 225 nm^2, ħlief fi Skagerrak (id-diviżjoni 3a tal-ICES), il-Kanal tal-Lvant (id-diviżjoni 7d tal-ICES) u n-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana (id-diviżjoni 4c tal-ICES) fejn id-daqs tal-għeluq għandu jkun minn 50 nm^2 sa 100 nm^2.

Artikolu 19

Miżuri tekniċi għall-Baħar Ċeltiku, il-Baħar Irlandiż u l-Punent tal-Iskozja

1. Dan li ġej għandu japplika għal bastimenti tas-sajd li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti u bit-tartaruni fid-diviżjonijiet 7f, 7g tal-ICES, il-parti 7h fit-Tramuntana tal-latitudni 49° 30′ N u l-parti 7j fit-Tramuntana tal-latitudni 49° 30′ N u fil-Lvant tal-lonġitudni 11° W:

(a) il-bastimenti tas-sajd li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti jew bit-tartaruni għandhom jużaw irkaptu b'wieħed mid-daqsijiet tal-malji li ġejjin:

(i) manka ta' 110 mm b'pannell b'malja kwadra ta' 120 mm; jew

(ii) manka ta' 120 mm;

(b) barra minn hekk, il-bastimenti tas-sajd li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti li l-qabdiet tagħhom li ntiżnu qabel kwalunkwe skartar jikkonsistu f'mill-inqas 20 % merluzz tal-linja sewda (Melanogrammus aeglefinus) għandhom jużaw irkaptu tas-sajd mibni bi spazju minimu ta' metru bejn ix-xibka tat-tkarkir u l-apparat tal-qiegħ; L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni ta' dan il-punt il-bastimenti tas-sajd li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti li l-qabdiet tagħhom li jkunu ntiżnu qabel kwalunkwe skartar, jikkonsistu f'inqas minn 1,5 % bakkaljaw, dment li dawk il-bastimenti jkunu soġġetti għal żieda progressiva fil-kopertura tal-osservaturi fuq il-baħar sa mill-inqas 20 % tal-vjaġġi tas-sajd kollha tagħhom;

(c) il-bastimenti tas-sajd li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti jew bit-tartaruni b'qabdiet li jkunu jinkludu aktar minn 30 % ta' skampu (*Nephrops norvegicus*) għandhom jużaw manka ta' 80 mm u wieħed mill-irkapti li ġejjin:

(i) pannell b'malja kwadra ta' 300 mm;

(ii) kaxxa għall-issortjar b'malji kwadri Seltra ta' 300 mm; jew

(iii) Gradilja selettiva Nordmørebi spazju massimu bejn l-iżbarri ta' 35 mm jew apparat ta' selettività Netgrid simili.

([41]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 724/2010 tat-12 ta' Awwissu 2010 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' għeluq f'ħin reali ta' ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana u fi Skagerrak (ĠU L 213, 13.8.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/724/oj).

(d) il-bastimenti tas-sajd li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti jew bit-tartaruni b'qabdiet li jkunu jinkludu aktar minn 55 % ta' petriċa (*Lophiidae*), merluzz (*Merluccius merluccius*) jew megrim (*Lepidorhombus* spp.) flimkien għandhom jużaw wieħed mill-irkapti li ġejjin:

(i) manka ta' 100 mm b'pannell b'malja kwadra ta' 100 mm; jew

(ii) manka T90 ta' 100 mm u estensjoni.

2. Dan li ġej għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti jew bit-tartaruni fid-diviżjonijiet 6a u 5b tal-ICES, fl-ilmijiet tal-Unjoni, fil-Lvant ta' 12°W (il-Punent tal-Iskozja) fis-sajd tal-iskampu:

(a) il-bastimenti tas-sajd għandhom jużaw pannell b'malji kwadri (il-pożizzjoni miżmuma) ta' mill-inqas 300 mm għall-bastimenti li jkunu qegħdin jużaw daqs ta'malja iżgħar minn 100 mm għall-manka; għall-bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 12 m jew bil-potenza tal-magna ta' 200 kW jew inqas, it-tul totali tal-pannell jista' jkun ta' 2 m u d-daqs tal-malja tal-l-pannell jista' jkun ta' 200 mm;

(b) il-bastimenti tas-sajd b'qabdiet li jinkludu aktar minn 30 % ta' skampu għandhom jużaw pannell b'malji kwadri (il-pożizzjoni miżmuma) ta' mill-inqas 160 mm għal bastimenti li jużaw daqs tal-malja tal-manka ta' 100-119 mm.

3. Dan li ġej għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti jew bit-tartaruni fid-diviżjoni 7a tal-ICES (il-Baħar Irlandiż):

(a) il-bastimenti tas-sajd li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti jew bit-tartaruni b'daqs tal-malja tal-manka ta' 70 mm jew akbar u iżgħar minn 100 mm u b'qabdiet li jkunu jinkludu aktar minn 30 % ta' skampu, għandhom jużaw wieħed mill-irkapti li ġejjin:

(i) pannell b'malja kwadra ta' 300 mm; bastimenti tas-sajd b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru jistgħu jużaw pannell b'malja kwadra ta' 200 mm;

(ii) kaxxa għall-issortjar b'malji kwadri Seltra ta' 300 mm; jew

(iii) Gradilja selettiva Nordmøre bi spazju massimu bejn l-żbarri ta' 35 mm jew apparat ta' selettività Netgrid simili.

(b) bastimenti tas-sajd b'tul totali ta' 12-il metru jew aktar li joperaw bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti jew bit-tartaruni b'qabdiet li jkunu jinkludu aktar minn 10 % ta' merluzz tal-linja sewda, bakkaljaw u rebekkini u raj (*Rajiformes*) flimkien, għandhom jużaw manka ta' 120 mm.

4. Il-perċentwali tal-qabdiet fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu kkalkulati bħala l-proporzjon skont il-piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd, f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241.

5. F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1241, għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti u bit-tartaruni fiż-żoni li ġejjin:

(a) fid-diviżjonijiet 7b u 7c tal-ICES;

(b) fiż-żona fil-Punent tal-lonġitudni 5° W fid-diviżjoni 7e tal-ICES; u

(c) fid-diviżjonijiet tal-ICES minn 7f sa 7k.

Din il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għall-bastimenti tas-sajd meta:

(a) jużaw malji tal-manka ta' mill-inqas 100 mm; jew

(b) il-qabdiet aċċessorji tagħhom tal-bakkaljaw ma jaqbżux il-1,5 %, kif ivvalutat mill-ISTECF, meta jistadu barra miż-żoni msemmija fil-paragrafu 1.

6. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti" tfisser xbieki tat-tkarkir miżmuma miftuħa minn bords tad-diriġenti rmunkati f'qiegħ il-baħar;

(b) "kaxxa għall-issortjar b'malji kwadri Seltra ta' 300 mm" tfisser apparat ta' selettività li:

(i) jikkonsisti minn pannell ta' fuq b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 300 mm (malja kwadra), imqiegħed f'sezzjoni b'kaxxa b'erba' pannelli, fis-sezzjoni dritta ta' manka;

(ii) ikun twil mill-anqas 3 metri;

(iii) jitqiegħed mhux aktar minn 4 metri 'l bogħod mis-siegla tal-għeluq; u

(iv) huwa daqs il-wisa' kollu tas-saff ta' fuq tas-sezzjoni f'forma ta' kaxxa tax-xibka tat-tkarkir (jiġifieri minn ċmusa sa ċmusa);.

(c) "Gradilja selettiva Nordmøre" tfisser apparat ta' selettività li:

(i) jikkonsisti minn gradilja riġida bi spazju massimu bejn l-iżbarri ta' 35 mm; u

(ii) ikun mgħammar b'pannell b'malji kwadri b'daqs tal-malji ta' 120 mm, ippożizzjonat bejn 9 u 12-il metru mis-siegla tal-għeluq;

(d) "Apparat Netgrid" tfisser apparat ta' selettività magħmul minn sezzjoni b'erba' pannelli mdaħħla f'xibka tat-tkarkir b'żewġ pannelli b'xibka inklinata ta' malja forma ta' djamant bid-daqs tal-malja ta' mill-inqas 200 mm li twassal għal fetħa għall-ħrib tal-ħut fil-parti ta' fuq tax-xibka.

Artikolu 20

Miżuri tekniċi għall-Kanal Ingliż

1. Dan li ġej għandu japplika fid-diviżjoni 7e tal-ICES:

(a) il-bastimenti tas-sajd li joperaw bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti jew bit-tartaruni b'qabdiet li jkunu jinkludu aktar minn 25 % ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu jew pollakkju iswed flimkien, għandhom jużaw manka ta' 100 mm, u

(b) il-bastimenti tas-sajd li joperaw bi xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti, xbieki tat-tkarkir bi travu, u tartaruni b'qabdiet li jinkludu aktar minn 30 % lingwata jew barbun tat-tbajja' flimkien u, fil-każ ta' xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti jew tartaruni flimkien ma' qabdiet li jinkludu inqas minn 25 % ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed flimkien, għandhom jużaw manka ta' 90 mm.

2. Il-bastimenti tas-sajd li jistadu fid-diviżjoni 7d tal-ICESli joperaw bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti, bix-xbieki tat-tkarkir bi travu jew bit-tartaruni b'qabdiet li jkunu jikkonsistu minn aktar minn 30 % ta' lingwata komui jew barbun tat-tbajja' flimkien, għandhom jużaw manka ta' 90 mm.

3. Il-perċentwali tal-qabdiet stipulati fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu kkalkulati bħala l-proporzjon skont il-piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi kollha tal-baħar li jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd, f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241.

Artikolu 21

Miżuri tekniċi għall-gamblu tat-Tramuntana fi Skagerrak

1. Jekk il-proporzjon ta' frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*), kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2201 ([42]), ikun aktar minn 30 % tal-qabda globali ta' dik l-ispeċi, l-awtoritajiet ta' kontroll jistgħu jirrakkomandaw għeluq f'ħin reali abbażi ta' kampjun wieħed, kif imsemmi f'dak l-Artikolu.

2. Il-bastimenti tat-tkarkir li jistadu għall-gamblu tat-Tramuntana bi gradilja Nordmøre selettiva skont id-daqs, kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2201, għandhom ikunu soġġetti għaż-żona magħluqa, kif imsemmi f'dak l-Artikolu.

([42]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2201 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-għeluq f'ħin reali għas-sajd tal-gamblu tat-Tramuntana fl-Iskagerrak (ĠU L 332, 23.12.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/2201/oj).

3. Iż-żona magħluqa, kif imsemmi fl-Artikolu 7(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2201, ma għandhiex taqbeż il-100 mil nawtiku kwadru.

4. Iż-żona, kif imsemmija fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2201, għandha tingħalaq għal 21 jum u wara għandha tieqaf tapplika awtomatikament f'nofsillejl UTC.

5. Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 32 mm li jimmiraw għall-gamblu tat-Tramuntana, li huma mgħammra bi gradilja selettiva Nordmøre bi spazju massimu bejn l-iżbarri ta' 19 mm mingħajr tagħmir għaż-żamma tal-ħut, kif imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2201, għandhom ikunu soġġetti għaż-żona magħluqa, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 22

Miżuri ta' rimedju għal-lingwata komuni fi Skagerrak, Kattegat u l-Baħar Baltiku tal-Punent

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu bl-għeżula tal-qiegħ fis-subdiviżjonijiet 20-23 tal-ICES ([43]) ma għandhomx jużaw daqsijiet tal-malja bejn 80 mm u 119 mm.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

(a) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li għandhom fil-mira speċijiet mhux tal-kwota u li l-qabdiet aċċessorji tagħhom tal-lingwata komuni (*Solea solea*) huma inqas minn 1 % fiż-żona tal-baħar fin-Nofsinhar tal-latitudni 55° 00' N u sa żewġ mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi; jew

(b) operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

Artikolu 23

Speċijiet ipprojbiti

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, iżommuhom abbord, jittrażbordawhom jew iħottuhom l-art:

(a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 u d-diviżjoni 7d tal-ICES, l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a; u l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a;

(b) il-fonsa l-ħamra (*Beryx splendens*) fis-subżona 6 tan-NAFO;

(c) it-tawru (*Carcharias taurus*) fl-ilmijiet kollha għajr dawk tal-Mediterran;

(d) ir-rebekkin skur (*Dipturus batis*) kumpless (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*) fir-Renju Unit u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4, 6, 7 u 8 tal-ICES, l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a u tas-subżona 5, u l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 3, 9 u 10;

(e) il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES, l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a u l-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14;

(f) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) meta jinqabad b'konzijiet fir-Renju Unit u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4 tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali tas-subżona 5; l-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u internazzjonali tas-subżoni 6 sa 8; u l-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 12 u 14;

(g) il-mera tal-Atlantiku (*Hoplostethus atlanticus*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u internazzjonali tas-subżoni 1 sa 10, 12 u 14 tal-ICES;

(h) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet kollha;

([43]) Kodiċijiet tal-irkaptu: GTR, GTN, GNS, GNC.

(i) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

(j) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 6 tal-ICES u l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 10 tal-ICES;

(k) il-kelb balena (*Rhincodon typus*) fl-ilmijiet kollha;

(l) il-vjolin (*Rhinobatos rhinobatos*) fil-Mediterran; jew

(m) l-ispeċijiet tal-baħar fond li huma elenkati fil-Parti D tal-Anness IA, fl-ilmijiet tal-Unjoni, f'dawk tar-Renju Unit u f'dawk internazzjonali taż-żoni tal-ICES 1, 2 (għajr l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a), 5 sa 10, 12 u 14, u ż-żoni tas-CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a u tas-subżona 4 tal-ICES, fejn speċifikat f'dak l-Anness.

2. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu immedjatament.

Artikolu 24

Trażmissjoni tad-data

Meta l-Istati Membri jippreżentaw permezz ta' mezzi elettroniċi lill-Kummissjoni jew il-korp dežinjat minnha, data relatata mal-qabdiet u mal-isforz tas-sajd skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

Artikolu 25

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiż terz, meta applikabbli, huwa stabbilit fl-Anness V, il-Parti A.

2. Meta, f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, Stat Membru, wara li jinnotifika lill-Kummissjoni, jittrasferixxi l-kwota lil Stat Membru ieħor fiż-żoni tas-sajd stabbiliti fl-Anness V, il-Parti A ta' dan ir-Regolament, it-trasferiment għandu jkun akkumpanjat, meta rilevanti, bi trasferiment xieraq tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd. Kif stabbilit fl-Anness V, il-Parti A ta' dan ir-Regolament, l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal kull żona tas-sajd ma għandux jinqabeż. Dak it-trasferiment tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandu jiġi nnotifikat mill-Istat Membru ta' trasferiment lill-Kummissjoni fiż-żmien tan-notifika lill-Kummissjoni tat-trasferiment tal-kwoti.

KAPITOLU III

Opportunitajiet tas-sajd ġestiti mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 26

Trasferimenti u skambji ta' kwoti

1. Meta r-regoli ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) jippermettu trasferimenti jew skambji ta' kwoti bejn il-Partijiet Kontraenti għal dik l-RFMO, Stat Membru ("l-Istat Membru kkonċernat") jista' jiddiskuti qafas ġenerali tat-trasferiment jew tal-iskambju tal-kwoti ma' Parti Kontraenti għal dik l-RFMO u jistabbilixxi qafas possibbli tat-trasferiment jew tal-iskambju tal-kwoti maħsub, kif xieraq. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dak il-qafas.

2. Meta tiġi nnotifikata f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tapprova l-qafas tat-trasferiment jew l-iskambju tal-kwoti maħsub. Fil-każ li l-Kummissjoni tapprova l-qafas, hija għandha tesprimi, mingħajr dewmien żejjed, il-kunsens tagħha li tkun marbuta bit-trasferiment jew bl-iskambju tal-kwoti maħsub. Għandha tinnotifika lis-segretarjat tal-RFMO rilevanti dwar it-trasferiment jew l-iskambju f'konformità mar-regoli ta' dik l-RFMO.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bi kwalunkwe trasferiment jew skambju tal-kwoti miftiehem.

4. L-opportunitajiet tas-sajd riċevuti jew ittrasferiti mill-Istat Membru kkonċernat taħt it-trasferiment jew l-iskambju tal-kwoti għandhom jitqiesu bħala kwoti miżjuda mal-allokazzjoni tiegħu, jew imnaqqsa minnha, mill-mument li t-trasferiment jew l-iskambju jidħol fis-seħħ skont it-termini tal-ftehim mal-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO jew f'konformità mar-regoli tal-RFMO rilevanti, kif xieraq. Trasferimenti jew skambji bħal dawn ma għandhomx jaffettwaw l-iskeda ta' distribuzzjoni biex jiġu allokati l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd.

Taqsima 2

Żona tal-Konvenzjoni ICCAT

Artikolu 27

Limitazzjonijiet tal-kapaċità tas-sajd, it-trobbija u s-simna

1. L-għadd ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati biex jistadu attivament għat-tonn (*Thunnus thynnus*) ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm fl-Atlantiku tal-Lvant, għandu jkun limitat kif stabbilit fl-Anness VI, il-punt 1.

2. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd artiġjanali kostali tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stabbilit fl-Anness VI, il-punt 2.

3. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' trobbija, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm, għandu jkun limitat kif stabbilit fl-Anness VI, il-punt 3.

4. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd, għaż-żamma abbord, għat-trażbord, għat-trasport jew għall-ħatt l-art tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stabbilit fl-Anness VI, il-punt 4.

5. L-għadd ta' nases involuti fis-sajd tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stabbilit fl-Anness VI, il-punt 5.

6. L-għadd ta' farms awtorizzati li joperaw għat-tonn u l-input massimu ta' tonn selvaġġ li jinqabad fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stabbilit fl-Anness VI, il-punt 6.

7. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-alonga tat-Tramuntana (*Thunnus alalunga*) bħala speċi fil-mira f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([44]) għandu jkun limitat kif stabbilit fl-Anness VI, il-punt 7, ta' dan ir-Regolament.

8. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mill-inqas 20 m li jistadu għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT, għandu jkun limitat kif stabbilit fl-Anness VI, il-punt 8.

([44]) Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2107/oj).

Artikolu 28

Sajd rikreattiv

Meta xieraq, l-Istati Membri għandhom jallokaw sehem speċifiku mill-kwoti allokati tagħhom għas-sajd rikreattiv, kif stabbilit fl-Anness ID.

Artikolu 29

Projbizzjonijiet relatati mal-pixxivolpi u l-pixxitondu

1. Minbarra l-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 32 sa 36 tar-Regolament (UE) 2017/2107, is-sajd dirett għall-ispeċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru *Alopias* għandu jkun ipprojbit. Dik il-projbizzjoni addizzjonali għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni taż-żamma abbord, tat-trażbord jew tal-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti mill-karkassa jew tal-karkassa sħiħa ta' pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*) stabbilita fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2017/2107.

2. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxitondu (*Isurus oxyrinchus*) fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5°N, maqbuda waqt is-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

Artikolu 30

FADs għat-tonn tropikali

1. Għandu jkun ipprojbit l-użu tal-FADs fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT mis-17 ta' Marzu sat-30 ta' April.

2. Mit-2 ta' Marzu sas-16 ta' Marzu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd tagħhom ma jużawx l-FADs.

Taqsima 3

Żona tal-Konvenzjoni CAMLR

Artikolu 31

Notifiki ta' sajd esploratorju għall-pixxisinna għall-istaġun tas-sajd 2026-2027

1. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw, jew jawtorizzaw lill-bastimenti tas-sajd tagħhom biex jipparteċipaw, f'sajd esploratorju bil-konz għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.) fis-subżoni 48.6, 88.1 u 88.2 tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) u fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a tal-FAO barra miż-żoni ta' ġuriżdizzjoni nazzjonali fil-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2026 sat-30 ta' Novembru 2027, f'konformità mal-Artikolu 7(2) sa (7) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004. ([45])

2. B'deroga mill-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, l-Istati Membri li beħsiebhom jipparteċipaw, jew li jawtorizzaw il-bastimenti tas-sajd tagħhom biex jipparteċipaw f'sajd esploratorju kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tas-CCAMLR mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2026.

Artikolu 32

Sajd għall-pixxisinna matul l-istaġun tas-sajd 2025-2026

1. Minbarra r-rekwiżiti speċjali għas-sajd esploratorju stabbiliti fl-Artikolu 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, is-sajd għall-pixxisinna fil-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2025 sat-30 ta' Novembru 2026 għandu jkun limitat għall-Istati Membri, is-subżoni u l-għadd ta' bastimenti tas-sajd stabbiliti fit-Tabella A fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament. Għal dak is-sajd, it-TACs u l-limiti tal-qabdiet aċċessorji stabbiliti fit-Tabella B ta' dak l-Anness għandhom japplikaw.

([45]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin ta' l-Antartiku u jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 3943/90, (KE) Nru 66/98 u (KE) Nru 1721/1999 (ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/601/oj).

2. Is-sajd dirett ta' speċijiet għall-klieb il-baħar għal finijiet oħrajn minbarra r-riċerka xjentifika għandu jiġi pprojbit. Kwalunkwe qabda aċċessorja ta' klieb il-baħar, speċjalment frieħ u klieb il-baħar nisa tqal, li jinqabdu aċċidentalment fis-sajd għall-pixxisinna, għandhom jinħelsu ħajjin.

3. Meta applikabbli, għandu jieqaf is-sajd għall-pixxisinna f'kull unità ta' riċerka fuq skala żgħira (SSRU, small-scale research unit) meta l-qabda rrapportata tilħaq it-TAC speċifikata, u l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqija tal-istaġun tas-sajd.

4. Is-sajd għandu jsir fuq medda ġeografika u batimetrika kemm jista' jkun kbira, sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi ddeterminat il-potenzjal tas-sajd u tiġi evitata konċentrazzjoni żejda tal-qbid u tal-isforz tas-sajd. Madankollu, is-sajd fis-subżoni 48.6, 88.1 u 88.2 tal-FAO għandu jkun ipprojbit f'fond ta' inqas minn 550 m.

Artikolu 33

Sajd għall-krill matul l-istaġun tas-sajd 2026-2027

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 5a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, l-Istati Membri li jkunu biħsiebhom jistadu għall-krill (*Euphausia superba*) fiż-żona tal-Konvenzjoni CAMLR matul il-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2026 sat-30 ta' Novembru 2027, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan sal-1 ta' Mejju 2026, permezz tal-formola fil-Parti B tal-Appendiċi tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

2. B'deroga mill-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, u abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni għandha tippreżenta n-notifiki lis-Segretarjat tas-CCAMLR sat-30 ta' Mejju 2026.

3. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment tas-sajd li għandu jiġi awtorizzat biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

4. Stat Membru li jkun beħsiebu jistad għall-krill fiż-żona tal-Konvenzjoni CAMLR għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan biss fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati li, fil-ħin tan-notifika:

(a) itajru l-bandiera tiegħu; jew

(b) itajru l-bandiera ta' membru ieħor tas-CCAMLR u li jkunu mistennija li jtajru l-bandiera dak l-Istat Membru fiż-żmien li fih isir is-sajd.

5. Meta bastiment tas-sajd awtorizzat li jkun ġie nnotifikat lis-Segretarjat tas-CCAMLR f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 jitwaqqaf milli jipparteċipa f'sajd għall-krill minħabba raġunijiet operazzjonali leġittimi jew minħabba forza maġġuri, l-Istat Membru kkonċernat jista' jawtorizza s-sostituzzjoni tiegħu minn bastiment tas-sajd ieħor. F'każ bħal dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma minnufih lis-Segretarjat tas-CAMLR b'kopja lill-Kummissjoni, u jipprovdi:

(a) dettalji sħaħ tal-bastiment jew bastimenti tas-sajd ta' sostituzzjoni maħsuba , inkluż l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 601/2004; u

(b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenza ta' sostenn rilevanti.

Taqsima 4

Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

Arikolu 34

Limitazzjoni tal-kapaċità tas-sajdta' bastimenti tas-sajd

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness VIII, il-punt 1.

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u għall-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness VIII, il-punt 2.

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid il-bastimenti tas-sajd li jkunu assenjati għal waħda mill-attivitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-attività tas-sajd l-oħra, dment li jkunu jistgħu juru lill-Kummissjoni li tali bidla ma twassalx għal żieda fl-isforz tas-sajd fir-rigward tal-istokkijiet tal-ħut inkwistjoni.

4. Meta jiġi propost trasferiment ta' kapaċità lill-flotta ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li l-bastimenti tas-sajd li għandhom jiġu ttrasferiti jkunu fuq ir-reġistru tal-IOTC ta' bastimenti awtorizzati jew fuq ir-reġistru ta' bastimenti tas-sajd ta' RFMOs oħrajn li jimmaniġġjaw is-sajd tat-tonn. Il-bastimenti tas-sajd li jidhru fuq kwalunkwe lista ta' bastimenti tal-RFMO li jkunu involuti f'attivitajiet ta' sajd illegali, mhux regolati u mhux irrapportati (IUU, illegal, unregulated and unreported) ma jistgħux jiġu ttrasferiti.

5. L-Istati Membri jistgħu jżidu l-kapaċità tas-sajd tagħhom lil hinn mil-livelli limitu msemmija fil-paragrafi 1 u 2 biss fil-limiti stabbiliti fil-pjanijiet ta' żvilupp li jkunu ġew ippreżentati lill-IOTC.

Artikolu 35

Irkaptu mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut u bastimenti tal-forniment

1. L-irkaptu mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut għandu jkun mgħammar b'bagi strumentati. L-użu ta' kwalunkwe baga oħra, bħal bagi bir-radju, għandu jkun ipprojbit.

2. Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma għandu jsegwi fl-ebda waqt aktar minn 250 baga operazzjonali.

3. Mhux aktar minn 400 baga strumentata għandhom jinkisbu kull sena għal kull bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża.

4. Mhux aktar minn tliet bastimenti tal-forniment għandhom joperaw b'appoġġ ta' mhux inqas minn 12-il bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, li kollha jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-Istati Membri li jużaw bastiment tal-forniment wieħed biss.

5. Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun tal-borża ma għandu jingħata appoġġ fl-ebda waqt minn aktar minn bastiment wieħed tal-provvista li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru.

6. L-Unjoni ma għandhiex tirreġistra bastimenti tal-forniment ġodda jew addizzjonali fir-reġistru tal-bastimenti ta-sajd awtorizzati tal-IOTC.

Taqsima 5

Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO

Artikolu 36

Sajd ta' ħut pelaġiku

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li eżerċitaw b'mod attiv attivitajiet tas-sajd ta' ħut pelaġiku fiż-żona tal-Konvenzjoni SPRFMO fl-2007, fl-2008 jew fl-2009 li jistgħu jistadu għal stokkijiet pelaġiċi f'dik iż-żona f'konformità mat-TACs stabbiliti fl-Anness IH.

2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jużaw l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fl-Anness IH biss jekk jibagħtu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni sal-15-il jum tax-xahar ta' wara, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkomunikaha lis-Segretarjat tal-SPRFMO:

(a) lista ta' bastimenti li jistadu b'mod attiv jew li jkunu involuti fit-trażbord fiż-żona tal-Konvenzjoni SPRFMO; u

(b) rapporti tal-qabdiet ta' kull xahar.

Taqsima 6

Żona tal-Konvenzjoni IATTC

Artikolu 37

Sajd bit-tartaruni tal-borża

1. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma għandhomx jistadu għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) jew għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*):

(a) jew minn 00.00 tas-6 ta' Awwissu 2026 sa 24.00 tat-8 ta' Ottubru 2026 jew minn 00.00 tad-9 ta' Novembru 2026 sa 24.00 tal-11 ta' Jannar 2027 fiż-żona definita mil-limiti li ġejjin:

— ix-xtut tal-Kontinent Amerikan li jmissu mal-Paċifiku,

— il-lonġitudni 150° W,

— il-latitudni 40° N,

— il-latitudni 40° S; u

(b) bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tad-9 ta' Ottubru 2026 u 24.00 tat-8 ta' Novembru 2026 fiż-żona definita mil-limiti li ġejjin:

— il-lonġitudni 96° W,

— il-lonġitudni 110° W,

— il-latitudni 4° N,

— il-latitudni 3° S.

2. Għal kull wieħed mill-bastimenti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 u li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru tal-bandiera għandu jinforma lill-Kummissjoni qabel il-15 ta' Ġunju 2026 b'liema mill-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), il-bastiment tas-sajd ikun għażel.

3. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jistadu għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni IATTC għandhom iżommu abbord u wara jittrażbordaw jew iħottu l-art it-tonn isfar, it-tonn obeż u l-palamit kollu li jaqbdu.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika:

(a) meta l-ħut jitqies li mhuwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem minħabba kwalunkwe raġuni għajr id-daqs; jew

(b) matul l-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, meta jista' ma jkunx baqa' spazju biżżejjed biex jitqiegħed it-tonn kollu maqbud f'dik it-tefgħa.

5. Għal kull wieħed mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jistad fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC u li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru tal-bandiera għandu sal-1 ta' Frar biex jibgħat lill-Kummissjoni d-data dwar il-qabdiet annwali tat-tonn obeż fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC fis-sena ta' qabel. Il-Kummissjoni għandha tikkompila u tibgħat minnufih dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-IATTC.

6. Il-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu estiżi għal bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni, abbażi tal-qabdiet tagħhom ta' tonn obeż fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC matul is-sena ta' qabel, kif ġej:

(a) għal bastimenti tas-sajd li qabdu bejn 1 200 tunnellata u 1 499 tunnellata, il-perjodu ta' għeluq huwa estiż b'10 ijiem;

(b) għal bastimenti tas-sajd li qabdu bejn 1 500 tunnellata u 1 799 tunnellata, il-perjodu ta' għeluq huwa estiż b'13 ijiem;

(c) għal bastimenti tas-sajd li qabdu bejn 1 800 tunnellata u 2 099 tunnellata, il-perjodu ta' għeluq huwa estiż b'16-il jum;

(d) għal bastimenti tas-sajd li qabdu bejn 2 100 tunnellata u 2 399 tunnellata, il-perjodu ta' għeluq huwa estiż b'19 ijiem; u

(e) għal bastimenti li qabdu 2 400 tunnellata jew aktar, il-perjodu ta' għeluq huwa estiż bi 22 jum.

7. L-estensjonijiet tal-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 6 japplikaw kif ġej:

(a) għall-perjodu ta' għeluq imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), il-jiem addizzjonali jiżdiedu qabel il-bidu ta' dak il-perjodu ta' għeluq; u

(b) għall-perjodu ta' għeluq imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), il-jiem addizzjonali jiżdiedu wara t-tmiem ta' dak il-perjodu ta' għeluq.

8. Għal kull wieħed mill-bastimenti tas-sajd ikkonċernati, l-Istat Membru tal-bandiera rilevanti għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar l-estensjonijiet tal-perjodi ta' għeluq meta jinforma lill-Kummissjoni dwar il-perjodi ta' għeluq magħżula skont -il-paragrafu 2.

Artikolu 38

Irkaptu mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut

1. Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma għandux ikollu aktar mill-għadd ta' FADs stabbilit fit-tabella hawn taħt attivi fi kwalunkwe ħin fiż-żona tal-Konvenzjoni IATTC. FAD għandu jitqies attiv meta jintuża fuq il-baħar, jibda jittrażmetti l-pożizzjoni tiegħu u jkun qiegħed jiġi segwit mill-bastiment tas-sajd, mis-sid jew mill-operatur tiegħu. FAD għandu jiġi attivat biss abbord bastiment bit-tartarun tal-borża.

Bastimenti tas-sajd b'kapaċità ta' inqas minn 1 200 m^3	210 FAD
Bastimenti tas-sajd b'kapaċità ta' 1 200 m^3 jew aktar	340 FAD

2. Matul il-15-il jum qabel il-bidu tal-perjodu ta' għeluq magħżul f'konformità mal-Artikolu 37(1), il-punt (a), ta' dan ir-Regolament bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża għandu, fiż-żona tal-Konvenzjoni IATTC:

(a) iżomm lura milli juża FADs; u

(b) jirkupra l-istess għadd ta' FADs kif użati inizjalment.

Artikolu 39

Limiti ta' qbid għat-tonn obeż fl-attivitajiet tas-sajd bil-konz

Il-qabdiet annwali totali tat-tonn obeż fiż-żona tal-Konvenzjoni IATTC mill-bastimenti tas-sajd bil-konz ta' kull Stat Membru huma stabbiliti fl-Anness IL.

Artikolu 40

Rekords ta' ħelsien ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku

L-operaturi tal-bastiment tas-sajd għandhom jirreġistraw l-għadd ta ħelsien ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (*Carcharhinus longimanus*) mwettaq f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/56 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([46]), u l-indikazzjoni tal-istatus (mejjet jew ħaj) u jirrapportaw dik l-informazzjoni lill-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu dik l-informazzjoni miġbura matul l-2025 lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2026.

Taqsima 7

Żona tal-Konvenzjoni SEAFO

Artikolu 41

Projbizzjoni tas-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond

Għandu jkun ipprojbit is-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin fiż-żona tal-Konvenzjoni SEAFO:

(a) il-gattarell fantażma (*Apristurus manis*);

(b) il-mazzola tal-fanal Bigelow (*Etmopterus bigelowi*);

(c) il-mazzola tal-fanal ta' denb qasir (*Etmopterus brachyurus*);

(d) il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*);

(e) il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*);

(f) ir-rebekkini (*Rajidae*);

(g) il-kelb il-baħar bellusi (*Scymnodon squamulosus*);

(h) il-klieb il-baħar tas-superordni *Selachimorpha*;

(i) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*).

Taqsima 8

Żona tal-Konvenzjoni WCPFC

Artikolu 42

Miżuri għas-sajd tat-tonn obeż, it-tonna safra, il-palamit u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jiġux allokati aktar minn 403 ijiem ta' sajd għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*), għat-tonna safra (*Thunnus albacares*) u għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*) fiż-żoni tal-ibħra internazzjonali bejn 20° N and 20° S taż-żona tal-Konvenzjoni WCPFC.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandux ikollhom fil-mira l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (*Thunnus alalunga*) fiż-żona tal-Konvenzjoni WCPFC li tinsab fin-Nofsinhar ta' 20° S.

3. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni bit-tartarun tal-borża awtorizzati li jistadu għat-tonn tropikali fiż-żoni tal-ilmijiet internazzjonali bejn 20° N u 20° S taż-żona tal-Konvenzjoni WCPFC ma għandux jaqbeż il-limiti stabbiliti fl-Anness IX, it-Tabella 2.

([46]) Ir-Regolament (UE) 2021/56 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 24, 26.1.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/56/oj).

Artikolu 43

Ġestjoni tas-sajd bil-FADs

1. Fil-parti taż-żona tal-Konvenzjoni WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S, il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, il-bastimenti awżiljarji u kwalunkwe bastiment ieħor li jopera b'appoġġ għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, ma għandhomx jużaw jew iħaddmu FADs jew iqiegħdu xbieki fuqhom bejn il-ħinijiet ta' 00.00 fl-1 ta' Lulju 2026 u 24.00 fil-15 ta' Awwissu 2026.

2. Minbarra l-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, għandu jkun ipprojbit li jitqiegħdu xbieki fuq l-FADs fl-ibħra internazzjonali taż-żona tal-Konvenzjoni WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S għal xahar addizzjonali, minn 00.00 tal-1 ta' April 2026 sa 24.00 tat-30 ta' April 2026, jew minn 00.00 tal-1 ta' Mejju 2026 sa 24.00 tal-31 ta' Mejju 2026, jew minn 00.00 tal-1 ta' Novembru 2026 sa 24.00 tat-30 ta' Novembru 2026, jew minn 00.00 tal-1 ta' Diċembru 2026 sa 24.00 tal-31 ta' Diċembru 2026.

3. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiddeterminaw b'mod konġunt liema mill-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd b'tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera tiegħu. L-Istati Membri għandhom jinformaw b'mod konġunt lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar 2026 dwar il-perjodu ta' għeluq magħżul. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-segretarjat tad-WCPFC dwar il-perjodu ta' għeluq konġunt magħżul mill-Istati Membri kkonċernati qabel l-1 ta' Marzu 2026.

4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-ebda wieħed mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tiegħu ma jqiegħed fuq il-baħar, fi kwalunkwe ħin, aktar minn 350 FAD bil-bagi strumentati attivati. Il-bagi għandhom jiġu attivati esklużivament abbord bastimenti tas-sajd b'tartarun tal-borża.

Artikolu 44

Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd tal-pixxispad

L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd tal-pixxispad (*Xiphias gladius*) f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-żona tal-Konvenzjoni WCPFC għandu jkun kif stabbilit fl-Anness IX.

Artikolu 45

Limiti ta' qbid għall-pixxispad fis-sajd bil-konz fin-Nofsinhar ta' 20° S

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet tal-pixxispad fin-Nofsinhar ta' 20° S mill-bastimenti tas-sajd bil-konz fl-2026 ma jaqbżux il-limitu stabbilit fl-Anness IG, it-Tabella 2. Huma għandhom jiżguraw ukoll li dan ma jirriżultax f'bidla fl-isforz tas-sajd għall-pixxispad lejn iż-żona fit-Tramuntana ta' 20° S.

Taqsima 9

Il-Baħar Bering

Artikolu 46

Projbizzjoni ta' sajd fl-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering

Għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-pollakkju iswed (*Gadus chalcogrammus*) fl-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering.

Taqsima 10

Żona tal-Ftehim SIOFA

Artikolu 47

Limiti għas-sajd tal-qiegħ

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA:

(a) jillimitaw l-isforz annwali tas-sajd tal-qiegħ tagħhom għal-livelli stabbiliti fl-Anness X;

(b) ma jwettqux sajd tal-qiegħ ħlief jekk jużaw konz tal-qiegħ;

(c) ma jistadux fl-għeluq tas-sajd bentiku tal-baħar ta' Gulden Draak, Rusky, Fools-Flat, East Broken Ridge, Mid-Indian Ridge, Atlantis Bank, Bridle, Banana and Middle of What, kif definit fl-Anness IK;

(d) ma jistadux fl-għeluq tas-sajd bentiku ta' Walter's Shoal, Coral u Magneto, kif definit fl-Anness IK, ħlief bil-konz tal-qiegħ u bil-kundizzjoni li jkollhom osservatur xjentifiku abbord il-ħin kollu meta jkunu qegħdin jistadu f'dawk iż-żoni; u

(e) ma jistadux permezz ta' konzijiet tal-qiegħ fis-subżona 5, kif definit fl-Anness IK.

Artikolu 48

Miżuri tas-sajd għall-pixxisinna

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.) fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA:

(a) ma jistadux f'fond ta' inqas minn 500 metru;

(b) ikollhom mill-inqas osservatur xjentifiku wieħed abbord f'kull ħin li għandu jkollu mira li josserva 25 % tas-snanar mitfugħin f'kull linja matul id-durata tal-użu tas-sajd; u

(c) jimmarkaw u jeħilsu eżemplari tal-pixxisinna b'rata ta' mill-inqas ħames ħutiet għal kull tunnellata ta' piż ħaj li jinqabad; ladarba jkunu nqabdu 30 pixxisinna jew aktar, għandha tapplika statistika minima sovrapposta ta' mill-inqas 60 % għar-rilaxx tat-tikketti.

Artikolu 49

Projbizzjoni tas-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond

Għandu jkun ipprojbit is-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA:

(a) il-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*), ħlief fil-kuntest tal-kwota tal-qbid aċċessorju kif stabbilit fl-Anness IK;

(b) il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calceus*);

(c) iż-żagħrun (*Centrophorus granulosus*);

(d) il-murruna sewda (*Dalatias licha*);

(e) il-gattarell ta' Bach (*Bythaelurus bachi*);

(f) il-kimera ħalqha skur (*Chimaera buccanigella*);

(g) il-kimera ta' Didier (*Chimaera didierae*);

(h) il-kimera tal-baħrin (*Chimaera willwatchi*);

(i) il-mazzola bellusija mneħirha twil (*Centroselachus crepidater*);

(j) il-kelb il-baħar ta' Plunket (*Scymnodon pracanthus*);

(k) il-kelb il-baħar bellusi (*Zameus squamulosus*);

(l) il-mazzola tal-fanal ħaddejha bojod (*Etmopterus alphus*);

(m) il-gattarell ta' żaqqu żgħira (*Apristurus indicus*);

(n) il-kimera mneħirha dejjaq (*Harriotta raleighana*);

(o) il-gattarell rasu dejqa (*Bythaelurus tenuicephalus*);

(p) il-kelb il-baħar tal-frilli (*Chlamydoselachus anguineus*);

(q) il-muruna ta' sitt gargi b'għajnha kbira (*Hexanchus nakamurai*);

(r) il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*);

(s) il-kelb il-baħar raqqadi tal-Antartiku (*Somniosus antarcticus*);

(t) waħx il-baħar (*Mitsukurina owstoni*);

(u) il-mazzola tal-fanal għajnha kaħla (*Etmopterus viator*);

(v) il-mazzola tal-fanal Bigelow (*Etmopterus bigelowi*);

(w) iż-żagħrun tal-Atlantiku (*Centrophorus squamosus*);

(x) il-mazzola tax-xewka (*Centrophorus uyato*);

(y) il-mazzola tax-xewka qasira (*Squalus mitsukurii*);

(z) il-mazzola tal-munqar twil (*Deania quidrispinosa*);

(za) il-mazzola rasha vleġġa (*Deania profundorum*);

(zb) ir-rebekkin ta' Cristina (*Batyraja tunae*);

(zc) ir-rinokimera Afrikana (Rhinochimaera africana);

(zd) gattarell b'imnieħru skur (*Bythaelurus naylori*).

Taqsima 11

Żona tal-Konvenzjoni NPFC

Artikolu 50

Sajd għall-kavall għajnejh kbar

1. Għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni NPFC, l-Istati Membri tal-bandiera għandhom jibagħtu d-data aggregata li ġejja lill-Kummissjoni sad-dati li ġejjin:

(a) il-qabdiet ta' kull xahar taħt il-limiti ta' qbid għall-kavall għajnejh kbar (*Scomber japonicus*) għall-Partijiet Kontraenti kollha għall-NPFC għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża rispettivament, kif stabbilit fl-Anness IM, meta l-użu ta' dawk il-limiti ta' qbid ikun inqas minn 60 %, sas-sebgħa jum tax-xahar ta' wara; u

(b) il-qabdiet ta' kull ġimgħa tal-kavall għajnejh kbar taħt il-limiti ta' qbid imsemmija fil-punt (a) meta l-użu ta' dawk il-limiti ta' qbid ikun ogħla minn 60 % u inqas minn 95 %, sat-Tlieta tal-ġimgħa ta' wara.

Il-Kummissjoni għandha tiġbor u tibgħat minnufih dik id-data lis-Segretarju Eżekuttiv tal-NPFC.

2. Fi żmien jumejn mid-data tal-ħruġ tan-notifiki tas-Segretarju Eżekuttiv tal-NPFC li l-użu tal-limiti ta' qbid imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a) ikun laħaq il-95 %, il-Kummissjoni għandha tagħlaq is-sajd taħt dawk il-limiti ta' qbid.

3. Il-Kummissjoni għandha tiġbor u tibgħat il-qabdiet annwali tal-kavall għajnejh kbar fiż-żona tal-Konvenzjoni NPFC lis-Segretarju Eżekuttiv tal-NPFC sal-aħħar ta' Frar tas-sena ta' wara.

4. Dan l-Artikolu għandu japplika flimkien mal-obbligi ta' rapportar dwar il-qabdiet stabbiliti fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 51

Projbizzjoni fuq is-sajd għall-kelb il-baħar

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni NPFC ma għandhomx jistadu għall-kelb il-baħar, ma għandhomx iżommuh abbord, jittrażbordawh jew iħottuh l-art, fiż-żona tal-Konvenzjoni NPFC.

2. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu immedjatament.

Artikolu 52

Projbizzjoni fuq is-sajd għall-ħut anadromu

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni NPFC ma għandhomx jistadu għas-salamun keta (*Oncorhynchus keta*), is-salamun fiddien (*Oncorhynchus kisutch*), is-salamun roża (*Oncorhynchus gorbuscha*), is-salamun aħmar (*Oncorhynchus nerka*), is-salamun iswed (*Oncorhynchus tshawytscha*), is-salamun Ġappuniż (*Oncorhynchus masou*) u t-trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*), u ma għandhomx iżommuhom abbord, jittrażbordawhom jew iħottuhom l-art.

2. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu immedjatament.

TITOLU III

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦAL BASTIMENTI TAS-SAJD TA' PAJJIŻI TERZI FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

Artikolu 53

Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja jew tal-Gżejjer Faeroe

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja jew tal-Gżejjer Faeroe jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni biex jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni soġġetti għat-TACs stabbiliti fl-Anness I, u soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2017/2403 u atti delegati adottati mill-Kummissjoni abbażi ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 54

Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit, irreġistrati fir-Renju Unit, fil-Bailiwick ta' Guernsey, fil-Bailiwick ta' Jersey jew f'Isle of Man, u liċenzjati minn amministrazzjoni tas-sajd tar-Renju Unit

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit, irreġistrati fir-Renju Unit, fil-Bailiwick ta' Guernsey, fil-Bailiwick ta' Jersey jew f'Isle of Man, u liċenzjati minn amministrazzjoni tas-sajd tar-Renju Unit jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni biex jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni soġġetti għat-TACs stabbiliti fl-Anness I, u soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament, fir-Regolament (UE) 2017/2403 u atti delegati adottati mill-Kummissjoni abbażi ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 55

Trasferimenti jew skambji tal-kwoti mar-Renju Unit

1. Kwalunkwe trasferiment jew skambju ta' kwoti bejn l-Unjoni u r-Renju Unit għandu jsir f'konformità ma' dan l-Artikolu.

2. Stat Membru li jkun beħsiebu jittrasferixxi jew jiskambja kwoti mar-Renju Unit għandu jiddiskuti mar-Renju Unit qafas tat-trasferiment jew tal-iskambju tal-kwoti. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dak il-qafas.

3. F'każ li l-Kummissjoni tapprova qafas ġenerali tat-trasferiment jew tal-iskambju tal-kwoti msemmi fil-paragrafu 2 innotifikat mill-Istat Membru kkonċernat, hija għandha tesprimi, mingħajr dewmien żejjed, il-kunsens tagħha li tkun marbuta b'tali trasferiment jew skambju tal-kwoti. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri u lir-Renju Unit dwar it-trasferiment jew skambju ta' kwoti miftiehem.

4. L-opportunitajiet tas-sajd irċevuti mir-Renju Unit, jew ittrasferiti lejh, taħt it-trasferiment jew l-iskambju tal-kwoti miftiehem għandhom jitqiesu bħala kwoti miżjuda mal-allokazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, jew imnaqqsa minnha, mill-mument li t-trasferiment jew l-iskambju tal-kwoti jkun ġie nnotifikat f'konformità mal-paragrafu 3. Trasferimenti jew skambji bħal dawn ma għandhomx jaffettwaw l-iskeda ta' distribuzzjoni biex jiġu allokati l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd.

Artikolu 56

Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2017/2403 u atti delegati adottati mill-Kummissjoni abbażi ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 57

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal bastimenti ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-ilmijiet tal-Unjoni għandu jkun kif stabbilit fl-Anness V, il-Parti B.

Artikolu 58

Kundizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet aċċessorji

Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 għandhom japplikaw għall-qabdiet u għall-qabdiet aċċessorji ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu skont l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament, *mutatis mutandis*.

Artikolu 59

Speċijiet ipprojbiti

1. Il-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi ma għandhomx jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, iżommuhom abbord, jittrażbordawhom jew iħottuhom l-art, fl-ilmijiet tal-Unjoni:

(a) it-tawru (*Carcharias taurus*) fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni;

(b) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 3a u 7d tal-ICES, u l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES;

(c) ir-rebekkin skur (*Dipturus batis*) kumpless (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 3, 4 u 6 sa 10 tal-ICES;

(d) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) meta jittieħed b'konzijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4, 6, 7 u 8 tal-ICES;

(e) il-mera tal-Atlantiku (*Hoplostethus atlanticus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 3 sa 4 u 6 sa 10 tal-ICES;

(f) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni kollha;

(g) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

(h) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6 u 10 tal-ICES;

(i) il-vjolin (*Rhinobatos rhinobatos*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Mediterran;

(j) il-kelb balena (*Rhincodon typus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni kollha; jew

(k) l-ispeċijiet tal-baħar fond elenkati fil-Parti D tal-Anness IA, fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6 sa 10 tal-ICES, u ż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2 tas-CECAF, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES, meta speċifikat f'dak l-Anness.

2. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu immedjatament.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 60

Emenda għar-Regolament (UE) 2025/202

Ir-Regolament (UE) 2025/202 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 19a, it-titolu jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 19a*

Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Kattegat 2025"

(2) jiddaħħal l;-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 19a*

Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Kattegat 2026

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fil-Kattegat bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni (*) b'daqs minimu tal-malja ta' 70 mm għandhom jużaw wieħed mill-irkapti selettivi li ġejjin:

(a) għarbiel bi spazju bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm, bi żbokk mhux imblukkat għall-ħut;

(b) għarbiel bi spazju bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 50 mm li jissepara l-pixxiċatt u l-ħut tond, bi żbokk mhux imblukkat għall-ħut tond;

(c) pannell seltra b'malji kwadri ta' 300 mm;

(d) irkaptu selettiv ħafna, li l-attributi tekniċi tiegħu għandhom jirriżultaw, skont studju xjentifiku vvalutat mill-ISTECF, għal bastimenti li eskluživament iġorru abbord rkaptu bħal dan, bi proporzjon ta' qabdiet ta' bakkaljaw ta' inqas minn 1,5 % tal-qabdiet totali.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jipparteċipaw fi proġett ta' Stat Membru u li jkollhom tagħmir funzjonali għal attivitajiet tas-sajd dokumentati bis-sħiħ jistgħu jużaw rkaptu li jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti B tal-Anness V,tar-Regolament (UE) 2019/1241, ħlief għall-irkapti li jkunu konformi mar-rekwiżit alternattiv stabbilit fit-tieni sentenza tan-noti f'qiegħ il-paġna fil-punt 1.1 ta' dik il-Parti. Sal-31 ta' Marzu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkomunika lista ta' bastimenti bħal dawn lill-Kummissjoni.

3. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

(*) Kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, OT, TBN, TBS, TB, TX, PTB, SDN, SSC, SX.";

(3) fl-Artikolu 63, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) l-Artikolu 19 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025;";

(4) fl-Artikolu 63, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ea) l-Artikolu 19a għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sad-data li fiha jsir applikabbli att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 u li jemenda l-Anness V ta' dak ir-Regolament dwar miżuri tekniċi għall-bakkaljaw fil-Kattegat, skont liema data tiġi l-ewwel;";

(5) fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 59 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Tabella 59**

Speċi:	Stokkafixx *Micromesistius poutassou*	Żona:	8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (WHB/8C3411)
Spanja	44 604 (2)	Franza	
Il-Portugall	11 151 (2)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Unjoni	55 755 (1) (2)		
TAC	1 447 054		

(1) Kundizzjoni speċjali: mill-kwoti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 (WHB/*NZJM1) u fiż-żoni 8c, 9 u 10; fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (WHB/*NZJM2), il-kwantità li ġejja tista' tinqabad fiż-Żona Ekonomika tan-Norveġja jew fiż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen:
Trid tiġi stabbilita

(2) Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota lejn l-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta' 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa minn qabel dwar tali trasferimenti.".

Artikolu 61

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 62

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026.

Madankollu:

(a) l-Artikolu 13(1), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sad-data li fiha jsir applikabbli att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 u li jemenda l-Parti tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament fir-rigward tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-pollakkju fis-subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona CECAF 34.1.1, skont liema tiġi l-ewwel;

(b) l-Artikolu 14(1) sa (8) għandu japplika mill-1 ta' April 2026 sal-31 ta' Marzu 2027;

(c) l-Artikolu 14(9) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Marzu 2027;

(d) l-Artikoli 19 u 20 għandhom japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026;

(e) l-Artikolu 21 għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027 jew sad-data li fiha jsir applikabbli r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/2201, skont liema tiġi l-ewwel;

(f) l-Artikolu 22 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 jew sad-data li fiha jsir applikabbli att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 u li jemenda l-Anness V ta' dak ir-Regolament dwar miżuri ta' rimedju għal-lingwata komuni fi Skagerrak, Kattegat u l-Punent tal-Baħar Baltiku, skont liema data tiġi l-ewwel;

(g) l-Artikolu 26 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Jannar 2027;

(h) l-Artikolu 29(2) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 jew mid-data li fiha ssir applikabbli emenda tar-Regolament (UE) 2017/2107 li tintroduċi projbizzjoni fuq iż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxitondu (*Isurus oxyrinchus*) fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N, maqbuda fis-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, skont liema tiġi l-ewwel;

(i) l-Artikolu 32 u l-Anness VII għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2025 sat-30 ta' Novembru 2026;

(j) l-Artikolu 37(1), il-punt (a), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-11 ta' Jannar 2027;

(k) l-Artikolu 40(3) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 jew id-data li fiha ssir applikabbli emenda tar-Regolament (UE) 2021/56 dwar ir-reġistrazzjoni mill-operaturi tal-bastimenti tas-sajd tal-għadd ta' każijiet ta' ħelsien ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi f'indikazzjoni tal-istatus u r-rapportar ta' dik l-informazzjoni lill-Istat Membru li tiegħu huma nazzjonali, skont liema tiġi l-ewwel;

(l) it-Taqsima 11 għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027 jew sad-data li fiha jsir applikabbli Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri korrispondenti;

(m) l-Annessi IA sa IJ, u IL għandhom japplikaw ukoll fl-2027 u fl-2028, fejn speċifikat f'dawk l-Annessi;

(n) l-Artikolu 60(5) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025;

(o) l-Anness IK għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2025 sat-30 ta' Novembru 2026, meta speċifikat f'dak l-Anness;

(p) l-Annessi IM u XI għandhom japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2026 sal-31 ta' Mejju 2027;

(q) l-Anness II għandu japplika mill-1 ta' Frar 2026 sal-31 ta' Jannar 2027;

(r) il-limiti ta' qbid u tal-isforz stabbiliti minn dan ir-Regolament għas-sena 2026 u, fejn speċifikat f'dan ir-Regolament, anke għas-snin 2027 u 2028, għandhom ikomplu japplikaw fl-2026, u meta rilevanti fl-2027 u fl-2028, esklużivament għall-finijiet ta':

(i) skambji skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(ii) tnaqqis u allokazzjonijiet skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(iii) kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013; u

(iv) tnaqqis u aġġustamenti skont l-Artikoli 105, 106, 107 u 107a tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 9 sa 14, 16 sa 23, 29, 40, 41, 46, 47, 49, 51, 52 u 59 għandhom ikomplu japplikaw mill-jum ta' wara d-dati li fihom jagħlqu l-applikazzjonijiet imniżżla f'dak il-paragrafu sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2027. Dan il-paragrafu ma għandux japplika fejn l-applikazzjoni tal-proviżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 tispiċċa minħabba li jibdew japplikaw l-atti legali msemmijin fih.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. PANAYIOTOU

LISTA TAL-ANNESSI

ANNESS I:	TACs applikabbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żoni li għalihom jeżistu TACs skont l-ispeċi u ż-żona
ANNESS IA:	Skagerrak, Kattegat, is-subżoni 1 sa 10, 12 u 14 tal-ICES, l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF, l-ilmijiet tal-Guyana Franċiża
ANNESS IB:	L-Atlantiku tal-Grigal u Greenland, is-subżoni 1, 2, 5, 12 u 14 tal-ICES, u l-ilmijiet ta' Greenland li jinsabu fiż-żona 1 tan-NAFO
ANNESS IC:	L-Atlantiku tal-Majjistral – iż-żona tal-Konvenzjoni NAFO
ANNESS ID:	Żona tal-Konvenzjoni ICCAT
ANNESS IE:	Żona tal-Konvenzjoni SEAFO
ANNESS IF:	Tonn tan-Nofsinhar – żoni tad-distribuzzjoni
ANNESS IG:	Żona tal-Konvenzjoni WCPFC
ANNESS IH:	Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO
ANNESS IJ:	Żona ta' Kompetenza IOTC
ANNESS IK:	Żona tal-Ftehim SIOFA
ANNESS IL:	Żona tal-Konvenzjoni IATTC
ANNESS IM:	Żona tal-Konvenzjoni NPFC
ANNESS II:	Sforz tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd fil-kuntest tal-ġestjoni tal-istokkijiet tal-lingwata fil-Kanal tal-Punent fid-diviżjoni 7e tal-ICES
ANNESS III:	Żoni ta' ġestjoni għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES
ANNESS IV:	Għeluq staġjonali għall-protezzjoni tal-bakkaljaw li jbid
ANNESS V:	Awtorizzazzjonijiet tas-sajd
ANNESS VI:	Żona tal-Konvenzjoni ICCAT
ANNESS VII:	Żona tal-Konvenzjoni CCAMLR
ANNESS VIII:	Żona ta' Kompetenza IOTC
ANNESS IX:	Żona tal-Konvenzjoni WCPFC
ANNESS X:	Żona tal-Ftehim SIOFA
ANNESS XI:	Żona tal-Konvenzjoni NPFC

ANNESS I

TACs APPLIKABBLI GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIŻ-ŻONI FEJN JEŻISTU T-TACs SKONT L-ISPEĊI U Ż-ŻONA

It-tabelli fl-Annessi jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, ħlief fejn hu speċifikat mod ieħor) skont l-istokk u, skont kif ikun xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti fl-Annessi ta 'dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u b'mod partikolari fl-Artikoli 33 u 34 tiegħu.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd fl-Annessi huma referenzi għaż-żoni tal-ICES, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Għal kull żona, l-istokkijiet tal-ħut jingħataw fl-ordni alfabetika tal-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċijiet. Għall-finijiet regolatorji l-ismijiet xjentifiċi biss jidentifikaw l-ispeċijiet.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hawn isfel tinsab it-tabella komparattiva bl-ismijiet xjentifiċi u bl-ismijiet komuni tal-ispeċijiet elenkati fl-Annessi għall-faċilità ta' referenza. L-Annessi IA sa IM huma parti mill-Anness I.

Tabella komparattiva bl-ismijiet xjentifiċi u bl-ismijiet komuni tal-ispeċijiet elenkati fl-annessi ta' dan ir-Regolament

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Ammodytes spp.	SAN	Ċiċċirell
Aphanopus carbo	BSF	Ċinturin iswed
Argentina silus	ARU	Arġentina kbira
Beryx spp.	ALF	Fonsa ħamra
Brosme brosme	USK	Brożmju
Caproidae	BOR	Pixxi Trumbetta
Centroscymnus coelolepis	CYO	Mazzola Portugiża
Chaceon spp.	GER	Granċijiet Chaceon
Chionoecetes spp.	PCR	Granċijiet tal-Artiku
Clupea harengus	HER	Arringa
Coryphaenoides rupestris	RNG	Grenadier imnieħru tond
Dissostichus eleginoides	TOP	Pixxisinna Patagonjan
Dissostichus mawsoni	TOA	Pixxisinna tal-Antartiku
Dissostichus spp.	TOT	Pixxisinna
Engraulis encrasicolus	ANE	Inċova

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Euphausia superba	KRI	Krill
Gadus morhua	COD	Bakkaljaw
Glyptocephalus cynoglossus	WIT	Barbun ilsien il-kelb
Hippoglossoides platessoides	PLA	Barbun tat-tbajja' Amerikan
Hoplostethus atlanticus	ORY	Mera tal-Atlantiku
Illex illecebrosus	SQI	Klamar tal-pinen qosra
Katsuwonus pelamis	SKJ	Palamit
Lepidorhombus spp.	LEZ	Megrims
Leucoraja fullonica	RJF	Raja petruża
Leucoraja naevus	RJN	Raja kukù
Limanda ferruginea	YEL	Barbun denbu isfar
Lophiidae	ANF	Petriċa
Macrourus spp.	GRV	Grenadieri
Macrourus berglax	RHG	Grenadier rasu raffa
Makaira nigricans	BUM	Marlin blu
Mallotus villosus	CAP	Kapelin
Melanogrammus aeglefinus	HAD	Merluzz tal-linja sewda
Merlangius merlangus	WHG	Merlangu
Merluccius merluccius	HKE	Merluzz
Micromesistius poutassou	WHB	Stokkafixx
Microstomus kitt	LEM	Lingwata ħalqha żgħir
Molva dypterygia	BLI	Linarda

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Molva molva	LIN	Lipp
Nephrops norvegicus	NEP	Skampu
Pagellus bogaraveo	SBR	Paġella ħamra
Pandalus borealis	PRA	Gamblu tat-Tramuntana
Penaeus spp.	PEN	Gambli penaeus
Pleuronectes platessa	PLE	Barbun tat-tbajja'
Pleuronectiformes	FLX	Pixxiċatt
Pollachius pollachius	POL	Pollakkju
Pollachius virens	POK	Pollakkju iswed
Pseudopentaceros spp.	EDW	Ras korazza pelaġika
Raja brachyura	RJH	Raja batra
Leucoraja circularis	RJI	Raja rotonda
Raja clavata	RJC	Raja tal-fosos
Raja microocellata	RJE	Raja għewejna
Raja montagui	RJM	Raja tal-għajn
Raja undulata	RJU	Raja ondjata
Rajiformes	SRX	Rebekkini u raj
Reinhardtius hippoglossoides	GHL	Ħalibatt ta' Greenland
Rostroraja alba	RJA	Ħamiema
Scomber japonicus	MAS	Kavall għajnejh kbar
Scomber scombrus	MAC	Kavall
Scophthalmus maximus	TUR	Barbun imperjali
Scophthalmus rhombus	BLL	Barbun lixx

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Sebastes spp.	RED	Sebasti
Sebastes menteila Beaked redfish	REB	Skorfna tat-Tramuntana
Solea solea	SOL	Lingwata komuni
Solea spp.	SOO	Lingwata
Sprattus sprattus	SPR	Laċċ ikħal
Squalus acanthias	DGS	Mazzola griża
Tetrapturus albidus	WHM	Marlin abjad
Thunnus alalunga	ALB	Alonga
Thunnus maccoyii	SBF	Tonn tan-Nofsinhar
Thunnus obesus	BET	Tonn obeż
Thunnus thynnus	BFT	Tonn
Trachurus murphyi	CJM	Sawrella kaħla
Trachurus spp.	JAX	Sawrell
Trisopterus esmarkii	NOP	Merluzz tan-Norveġja
Urophycis tenuis	HKW	Merluzz abjad
Xiphias gladius	SWO	Pixxispad

ANNESS IA

SKAGERRAK, KATTEGAT, IS-SUBŻONI 1 SA 10, 12 U 14 TAL-ICES, L-ILMIJIET TAL-UNJONI TAS-CECAF, L-ILMIJIET TAL-GUYANA FRANĊIŻA

PARTI A

Stokkijiet awtonomi tal-Unjoni

Tabella 1

Speċi:	Inċova *Engraulis encrasicolus*	Żona:	8 (ANE/08.)
Spanja	29 700	TAC analitika	
Franza	3 300		
L-Unjoni	33 000		
TAC	33 000		

Tabella 2(1)

Speċi:	Inċova *Engraulis encrasicolus*	Żona:	9W [1] u 10 (ANE/9WX10)
Spanja	0 [2]	TAC analitika	
Il-Portugall	0 [2]		
L-Unjoni	0 [2]		
TAC	0 [2]		

[1] Parti mis-subżona 9 fil-Punent tal-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

Punt	Latitudni	Longitudni
1	36°00'00"N	11°00'00"W
2	37°01'20"N	8°59'47"W

[2] Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2027.

Tabella 2(2)

Speċi:	Inċova *Engraulis encrasicolus*	Żona:	9S ([1]) u l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (ANE/9SX3411)
Spanja	10 938	TAC prekawzjonarja	
Il-Portugall	338		
L-Unjoni	11 276		
TAC	11 639		

([1]) Parti mis-subżona 9 fin-Nofsinhar tal-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

Punt	Latitudni	Longitudni
1	36°00'00"N	11°00'00"W
2	37°01'20"N	8°59'47"W

Tabella 4

Speċi:	Megrims *Lepidorhombus* spp.	Żona:	8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (LEZ/8C3411)
Spanja	4 375	TAC analitika	
Franza	219	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Portugall	146		
L-Unjoni	4 740		
TAC	4 986		

Tabella 5

Speċi:	Petriċa *Lophiidae*	Żona:	8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (ANF/8C3411)
Spanja	4 293	TAC analitika	
Franza	4	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Portugall	854		
L-Unjoni	5 151		
TAC	5 381		

Tabella 6

Speċi:	Merlangu *Merlangius merlangus*	Żona:	8 (WHG/08.)
Sena	**2026 u 2027 (għal kull sena)**		
Spanja	396	TAC analitika	
Franza	594		
L-Unjoni	990		
TAC	990		

Tabella 7

Speċi:	Merluzz *Merluccius merluccius*	Żona:	8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (HKE/8C3411)
Spanja	10 982	TAC analitika	
Franza	1 054	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Portugall	5 125		
L-Unjoni	17 161		
TAC	17 445		

Tabella 8

Speċi:	Skampu *Nephrops norvegicus*	Żona:	3a (NEP/03A.)
Id-Danimarka	5 653	TAC analitika	
Il-Ġermanja	16		
L-Iżvezja	2 023		
L-Unjoni	7 692		
TAC	8 410		

Tabella 9

Speċi:	Skampu *Nephrops norvegicus*	Żona:	8a, 8b, 8d u 8e (NEP/8ABDE.)
Spanja	198	TAC analitika	
Franza	3 098		
L-Unjoni	3 296		
TAC	4 014		

Tabella 10

Speċi:	Skampu *Nephrops norvegicus*	Żona:	8c, unità funzjonali 25 (NEP/8CU25)
Sena	**2026, 2027 u 2028, għal kull sena**		
Spanja	0	TAC analitika	
Franza	0	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Unjoni	0		
TAC	0	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	

Tabella 11

Speċi:	Skampu *Nephrops norvegicus*	Żona:	8c, unità funzjonali 31 (NEP/8CU31)
Sena	**2026 u 2027 (għal kull sena)**		
Spanja	31	TAC analitika	
Franza	1		
L-Unjoni	32		
TAC	35		

Tabella 12

Speċi:	Skampu *Nephrops norvegicus*	Żona:	9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (NEP/9/3411)
Spanja	46 (1)	TAC analitika	
Il-Portugall	139 (1)	Għandu japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fin-noti 1 u 2 f'qiegħ il-paġna.	
L-Unjoni	185 (1) (2)		
TAC	185 (1) (2)	Għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fin-noti 1 u 2 f'qiegħ il-paġna.	

(1) Ma għandux jinqabad fl-unitajiet funzjonali 26 u 27 tad-diviżjoni 9a.
L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika fl-unitajiet funzjonali 26 u 27.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika fl-unitajiet funzjonali 26 u 27.

(2) Fil-limitu ta' din il-kwota, fl-unità funzjonali 30 tad-diviżjoni 9a (NEP/*9U30) ma jistax jinqabad ammont akbar minn dan li ġej:

15

L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika fl-unità funzjonali 30.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika fl-unità funzjonali 30.

Tabella 13

Speċi:	Gambli penaeus *Penaeus* spp.	Żona:	L-ilmijiet tal-Guyana Franċiża (PEN/FGU.)
Franza	Trid tiġi stabbilita (1)	TAC prekawzjonarja	
L-Unjoni	Trid tiġi stabbilita (1) (2)	Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament	
TAC	Trid tiġi stabbilita (1) (2)		

(1) Is-sajd għall-gambli *Penaeus subtilis* u *Penaeus brasiliensis* huwa pprojbit f'ilmijiet li huma fondi inqas minn 30 metru.
(2) L-istess kwantità bħall-kwota ta' Franza.

Tabella 14

Speċi:	Barbun tat-tbajja' *Pleuronectes platessa*	Żona:	Kattegat (PLE/03AS.)
Id-Danimarka	1 388	TAC analitika	
Il-Ġermanja	16	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Iżvezja	156		
L-Unjoni	1 560		
TAC	2 349		

Tabella 16

Speċi:	Barbun tat-tbajja' *Pleuronectes platessa*	Żona:	8, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (PLE/8/3411)
Sena	**2026, 2027 u 2028, għal kull sena**		
Spanja	17	TAC prekawzjonarja	
Franza	65		
Il-Portugall	17		
L-Unjoni	99		
TAC	99		

Tabella 17

Speċi:	Pollakkju *Pollachius pollachius*	Żona:	8a, 8b, 8d u 8e (POL/8ABDE.)
Sena	**2026 u 2027 (għal kull sena)**		
Spanja	142 (1)	TAC analitika	
Franza	692 (1)		
L-Unjoni	834 (1)		
TAC	834 (1)		

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.

Tabella 18

Speċi:	Pollakkju *Pollachius pollachius*	Żona:	8c (POL/08C.)

Sena	**2026 u 2027 (għal kull sena)**	
Spanja	85 (1)	TAC analitika
Franza	9 (1)	
L-Unjoni	94 (1)	
TAC	94 (1)	

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.

Tabella 19

Speċi:	Pollakkju *Pollachius pollachius*	Żona:	9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (POL/9/3411)

Sena	**2026 u 2027 (għal kull sena)**	
Spanja	111 (1) (2)	TAC analitika
Il-Portugall	4 (1) (2) (3)	
L-Unjoni	115 (1) (2)	
TAC	115 (1) (2)	

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.
(2) Kundizzjoni speċjali: sa 100 % minnha tista' tinqabad fiż-żona 8c (POL/*08C.).
(3) Minbarra din it-TAC, il-Portugall jista' jaqbad kwantitajiet tal-pollakkju li ma jaqbżux l-ammont li ġej (POL/93411P). Esklużivament għall-qabdiet aċċessorji u mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.

Tabella 20

Speċi:	Lingwata komuni *Solea solea*	Żona:	3a; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 22-24 (SOL/3ABC24)

Id-Danimarka	96 (1)	TAC analitika
Il-Ġermanja	6 (1) (2)	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96
In-Netherlands	9 (1) (2)	
L-Iżvezja	4 (1)	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96
L-Unjoni	115 (1)	
TAC	115 (1)	

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.
(2) Din il-kwota tista' tinqabad biss fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a u tas-subdiviżjonijiet 22-24.

Tabella 22

Speċi:	Lingwata komuni *Solea solea*	Żona:	8a u 8b (SOL/8AB.)
Il-Belġju	30	TAC analitika	
Spanja	5		
Franza	2 195		
In-Netherlands	164		
L-Unjoni	2 394		
TAC	2 482		

Tabella 23

Speċi:	Lingwata *Solea* spp.	Żona:	8c, 8d, 8e, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (SOO/8CDE34)
Sena	**2026 u 2027 (għal kull sena)**		
Spanja	185	TAC prekawzjonarja	
Il-Portugall	307		
L-Unjoni	492 (1)		
TAC	492 (1)		

(1) Fil-limiti ta' dawn il-kwoti, ma għandhiex tinqabad kwantità akbar tal-lingwata komuni (*Solea solea*) (SOL/8CDE34) minn dik li ġejja: 190

Tabella 24

Speċi:	Sawrell *Trachurus* spp.	Żona:	9 (JAX/09.)
Spanja	13 988 (1)	TAC analitika	
Il-Portugall	40 079 (1)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Unjoni	54 067		
TAC	56 520		

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 0 % ta' din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona 8c (JAX/*08C.).

Tabella 25

Speċi:	Sawrell *Trachurus* spp.	Żona:	10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF (1) (JAX/X34PRT)
Il-Portugall	Trid tiġi stabbilita	TAC prekawzjonarja	
L-Unjoni	Trid tiġi stabbilita (2)	Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament	
TAC	Trid tiġi stabbilita (2)		

(1) L-ilmijiet maġenb l-Azores.
(2) L-istess kwantità bħall-kwota tal-Portugall.

Tabella 26

Speċi:	Sawrell *Trachurus* spp.	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF (1) (JAX/341PRT)
Il-Portugall	Trid tiġi stabbilita	TAC prekawzjonarja	
L-Unjoni	Trid tiġi stabbilita (2)	Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament	
TAC	Trid tiġi stabbilita (2)		

(1) L-ilmijiet maġenb Madeira.
(2) L-istess kwantità bħall-kwota tal-Portugall.

Tabella 27

Speċi:	Sawrell *Trachurus* spp.	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF (1) (JAX/341SPN)
Spanja	Trid tiġi stabbilita	TAC prekawzjonarja	
L-Unjoni	Trid tiġi stabbilita (2)	Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament	
TAC	Trid tiġi stabbilita (2)		

(1) L-ilmijiet maġenb il-Gżejjer Kanarji.
(2) L-istess kwantità bħall-kwota ta' Spanja.

PARTI B

Stokkijiet kondiviżi

Tabella 1

Speċi:	Iċ-ċiċċirell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati miegħu	Żona:	L-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a
	Ammodytes spp.		SAN/2A3A4. [1]

Id-Danimarka	Trid tiġi stabbilita [1] [2]	TAC analitika
Il-Ġermanja	Trid tiġi stabbilita [1] [2]	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fin-nota 3 f'qiegħ il-paġna.
L-Iżvezja	Trid tiġi stabbilita [1] [2]	
L-Unjoni	Trid tiġi stabbilita [1] [2]	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fin-nota 3 f'qiegħ il-paġna.
Ir-Renju Unit	Trid tiġi stabbilita	
TAC	Trid tiġi stabbilita	

[1] Il-qabdiet fiż-żoni differenti ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell stabbiliti hawn taħt għandhom jiġu rrapportati separatament.
[2] Sa 2 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet aċċessorji tal-merlangu (OT1/*2A3A4X). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu li jinqatgħu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.

Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' dawn il-kwoti, ma jistgħux jinqabdu kwantitajiet akbar minn dawk mogħtija hawn taħt fiż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell li ġejjin, kif definit fl-Anness III:
Żona: l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell

	1r	2r	3r	4	5r	6	7r
	(SAN/234_1R) [3]	(SAN/234_2R) [3]	(SAN/234_3R)	(SAN/234_4)	(SAN/234_5R)	(SAN/234_6) [3]	(SAN/234_7R)
Id-Danimarka	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Il-Ġermanja	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
L-Iżvezja	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
L-Unjoni	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Ir-Renju Unit	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Total	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita

[3] Għandu japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96
Għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96

Tabella 2

Speċi:	Arġentina kbira *Argentina silus*	Żona:	L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2 (ARU/1/2.)
Il-Ġermanja	26	TAC analitika	
Franza	8		
In-Netherlands	20		
L-Unjoni	54		
Ir-Renju Unit	41		
TAC	95		

Tabella 3

Speċi:	Arġentina kbira *Argentina silus*	Żona:	L-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4; L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a (ARU/3A4-C)
Id-Danimarka	1 163	TAC analitika	
Il-Ġermanja	12		
Franza	8		
L-Irlanda	8		
In-Netherlands	54		
L-Iżvezja	45		
L-Unjoni	1 290		
Ir-Renju Unit	21		
TAC	1 311		

Tabella 4

Speċi:	Arġentina kbira *Argentina silus*	Żona:	6 u 7; L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5 (ARU/567.)
Il-Ġermanja	666	TAC analitika	
Franza	14		
L-Irlanda	617		
In-Netherlands	6 953		
L-Unjoni	8 250		
Ir-Renju Unit	488		
TAC	8 738		

Tabella 5

Speċi:	Brożmju *Brosme brosme*		Żona:	l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2 u 14 (USK/1214EI)
Il-Ġermanja	5	(1)	TAC prekawzjonarja	
Franza	5	(1)		
Oħrajn	2	(1) (2)		
L-Unjoni	12	(1)		
Ir-Renju Unit	5	(1)		
TAC	17	(1)		

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.
(2) Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapportati separatament (USK/1214EI_AMS).

Tabella 6

Speċi:	Brożmju *Brosme brosme*		Żona:	L-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4 (USK/04-C.)
Id-Danimarka	42	(1)	TAC prekawzjonarja	
Il-Ġermanja	13	(1)		
Franza	29	(1)		
L-Iżvezja	4	(1)		
Oħrajn	4	(2)		
L-Unjoni	92	(1)		
Ir-Renju Unit	63	(1)		
TAC	155			

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 25 % minnha tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit, f'dawk tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żona 6a fit-Tramuntana ta' 58°30'N (USK/*6AN58).
(2) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota. Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapportati separatament (USK/04-C_AMS).

Tabella 7

Speċi:	Brożmju *Brosme brosme*		Żona:	6 u 7; L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5 (USK/567EI.)
Il-Ġermanja	74	(1)	TAC prekawzjonarja	
Spanja	260	(1)		
Franza	3 078	(1)		
L-Irlanda	297	(1)		
Oħrajn	74	(2)		
L-Unjoni	3 783	(1)		
In-Norveġja	0	(3) (4) (5)		
Ir-Renju Unit	1 622	(1)		
TAC	5 405			

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 10 % minnha tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4 (USK/*04-C).

(2) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapportati separatament (USK/567EI_AMS).

(3) Kundizzjoni speċjali: li minnha hija awtorizzata qabda aċċessorja ta' speċijiet oħra ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, fiż-żoni 6 u 7 u fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk internazzjonali taż-żona 5. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara li jibda s-sajd f'post għas-sajd partikolari. Il-qabda aċċessorja totali ta' speċijiet oħra fiż-żoni 6 u 7 u fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk internazzjonali taż-żona 5 ma għandhiex taqbeż l-ammont li ġej (OTH/*5B67-). Il-qabda aċċessorja tal-bakkaljaw skont din id-dispożizzjoni fiż-żona 6a ma tistax tkun iktar minn 5 %.

0

(4) Inkluż il-lipp. Il-kwoti li ġejjin għan-Norveġja għandhom jinqabdu biss bil-konzijiet fiż-żoni 6 u 7 u fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk internazzjonali taż-żona 5:

Lipp (LIN/*5B67-)	0
Brożmju (USK/*5B67-)	0

(5) Il-kwoti tal-brożmju u tal-lipp għan-Norveġja huma interkambjabbli sal-ammont li ġej:

0

Tabella 8

Speċi:	Brożmju *Brosme brosme*		Żona:	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona 4 (USK/04-N.)
Il-Belġju	0		TAC prekawzjonarja	
Id-Danimarka	25		Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
Il-Ġermanja	0			
Franza	0			
In-Netherlands	0			
L-Unjoni	25			
TAC	Mhux rilevanti			

Tabella 9

Speċi:	Pixxi Trumbetta *Caproidae*	Żona:	6, 7 u 8 (BOR/678-)
Id-Danimarka	7 293	TAC analitika	
L-Irlanda	20 537		
L-Unjoni	27 830		
Ir-Renju Unit	1 890		
TAC	29 720		

Tabella 10

Speċi:	Aringa (1) *Clupea harengus*		Żona:	3a (HER/03A.)
Id-Danimarka	7 344	(1) (2) (3)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	117	(1) (2) (3)		
L-Iżvezja	7 682	(1) (2) (3)		
L-Unjoni	15 143	(1) (2) (3)		
In-Norveġja	Mhux rilevanti	(2)		
TAC	328 566			

(1) Il-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar.

(2) L-ammonti li ġejjin biss tal-istokkijiet tal-aringa HER/03A. (HER/*03A.) u HER/03A-BC (HER/*03A-BC) jistgħu jinqabdu fiż-żona 3a:

Id-Danimarka	554
Il-Ġermanja	8
L-Iżvezja	407
L-Unjoni	969
In-Norveġja	250

(3) Kundizzjoni speċjali: sa 50 % ta' dan l-ammont jista' jinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 4 (HER/*4-UK), u 50 % jista' jinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 4b (HER/*4B-EU).

Tabella 11

Speċi:	Aringa ([1])	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni, tar-Renju Unit u dawk Norveġiżi taż-żona 4 fit-Tramuntana ta' 53°30'N
	Clupea harengus		(HER/4AB.)
Id-Danimarka	38 730	TAC analitika	
Il-Ġermanja	25 421	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Franza	15 874		
In-Netherlands	37 108		
L-Iżvezja	2 731		
L-Unjoni	119 864		
In-Norveġja	91 013 ([2])		
Ir-Renju Unit	59 156		
TAC	328 566		

([1]) Il-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar.
([2]) Il-qabdiet li jinqabdu fil-kuntest ta' din il-kwota jridu jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja. Fil-limitu ta' din il-kwota, ma tistax tinqabad kwantità akbar minn dik li ġejja fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 4b (HER/*04B-C):

2 700

Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' dawn il-kwoti, ma tistax tinqabad kwantità akbar minn dik mogħtija hawn taħt fiż-żona li ġejja:

l-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N (HER/*4N-S62)	
L-Unjoni	2 700

Tabella 12

Speċi:	Arringa	Żona:	l-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N
	Clupea harengus		(HER/4N-S62)
L-Iżvezja	846 ([1])	TAC analitika	
L-Unjoni	846	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
TAC	Mhux rilevanti	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	

([1]) Il-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju iswed iridu jinqatgħu mill-kwota ta' dawn l-ispeċijiet.

Tabella 13

Speċi:	Arringa *Clupea harengus*		Żona:	3a (HER/03A-BC)
Id-Danimarka	3 818	(1) (2) (3)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	34	(1) (2) (3)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Iżvezja	615	(1) (2) (3)		
L-Unjoni	4 467	(1) (2) (3)		
TAC	328 566	(2)		

(1) Esklużivament għall-qabdiet tal-aringi li jinqabdu bħala qabdiet aċċessorji fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' inqas minn 32 mm.
(2) L-ammonti li ġejjin biss tal-istokkijiet tal-aringa HER/03A. (HER/*03A) u HER/03A-BC (HER/*03A-BC) jistgħu jinqabdu fiż-żona 3a:

Id-Danimarka	554
Il-Ġermanja	8
L-Iżvezja	407
L-Unjoni	969

(3) Kundizzjoni speċjali: sa 100 % ta' din il-kwota tista' tinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 4 (HER/*4-EU-BC).

Tabella 14

Speċi:	Aringa (1) *Clupea harengus*	Żona:	4 u 7d; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a (HER/2A47DX)
Il-Belġju	34	TAC analitika	
Id-Danimarka	6 597	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	34		
Franza	34		
In-Netherlands	34		
L-Iżvezja	32		
L-Unjoni	6 765		
Ir-Renju Unit	101		
TAC	328 566		

(1) Esklużivament għall-qabdiet tal-aringi li jinqabdu bħala qabdiet aċċessorji fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' inqas minn 32 mm.

Tabella 15

Speċi:	Aringa ([1]) *Clupea harengus*		Żona:	4c u 7d ([2]) (HER/4CXB7D)
Il-Belġju	7 500	([3])	TAC analitika	
Id-Danimarka	507	([3])	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	333	([3])		
Franza	7 569	([3])		
In-Netherlands	12 552	([3])		
L-Unjoni	28 461	([3])		
Ir-Renju Unit	4 156	([3])		
TAC	328 566			

([1]) Esklużivament għall-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar.
([2]) Għajr għall-istokk ta' Blackwater, jiġifieri l-istokk tal-aringi fir-reġjun marittimu tal-estwarju tat-Thames f'żona delimitata minn linja rombu min-Nofsinhar ta' Landguard Point (51°56'N, 1°19,1'E) sal-latitudni 51°33'N u minn hemm lejn il-Punent sa punt fuq il-kosta tar-Renju Unit.
([3]) Kundizzjoni speċjali: sa 50 % ta' din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona 4b (HER/*04B.).

Tabella 16

Speċi:	Arringa *Clupea harengus*		Żona:	6b u 6aN; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5b ([1]) (HER/5B6ANB)
Il-Ġermanja	142	([2])	TAC analitika	
Franza	27	([2])		
L-Irlanda	192	([2])		
In-Netherlands	142	([2])		
L-Unjoni	503	([2])		
Ir-Renju Unit	998	([2])		
TAC	1 501			

([1]) B'referenza għall-istokk tal-aringi fil-parti tad-diviżjoni 6a li tinsab fil-Lvant ta' 7°W u fit-Tramuntana ta' 55°N, jew fil-Punent ta' 7° W u fit-Tramuntana ta' 56°N, minbarra l-Clyde.
([2]) Għandu jiġi pprojbit is-sajd għall-aringi fil-parti tad-diviżjonijiet soġġetti għal din it-TAC li tinsab bejn 56°N u 57°30'N, minbarra f'faxxa ta' sitt mili nawtiċi mkejla mil-linja bażi tal-baħar territorjali tar-Renju Unit.

Tabella 17

Speċi:	Arringa *Clupea harengus*	Żona:	6aS ([1]), 7b, 7c (HER/6AS7BC)
L-Irlanda	2 972	TAC prekawzjonarja	
In-Netherlands	297	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Unjoni	3 269		
TAC	3 269		

([1]) B'referenza għall-istokk tal-aringi fiż-żona 6a fin-Nofsinhar ta' 56°00'N u fil-Punent ta' 07°00'W.

Tabella 18

Speċi:	Arringa *Clupea harengus*	Żona:	7a ([1]) (HER/07A/MM)
L-Irlanda	41	TAC analitika	
L-Unjoni	41		
Ir-Renju Unit	4 137		
TAC	4 178		

([1]) Minn din iż-żona titnaqqas iż-żona delimitata:
— fit-Tramuntana mil-latitudni 52°30'N,
— fin-Nofsinhar, mil-latitudni 52°00'N,
— fil-Punent mill-kosta tal-Irlanda,
— fil-Lvant mill-kosta tar-Renju Unit.

Tabella 19

Speċi:	Arringa *Clupea harengus*	Żona:	7e u 7f (HER/7EF.)
Franza	77	TAC prekawzjonarja	
L-Unjoni	77		
Ir-Renju Unit	77		
TAC	154		

Tabella 20

Speċi:	Arringa *Clupea harengus*		Żona:	7a fin-Nofsinhar ta' 52°30'N; 7g ([1]), 7h ([1]), 7j ([1]) u 7k ([1]) (HER/7G-K.)
Il-Ġermanja	10	([2])	TAC analitika	
Franza	54	([2])		
L-Irlanda	750	([2])		
In-Netherlands	54	([2])		
L-Unjoni	868	([2])		
Ir-Renju Unit	1	([3])		
TAC	869			

([1]) Ma' din iż-żona tiżdied iż-żona delimitata:
— fit-Tramuntana mil-latitudni 52°30'N,
— fin-Nofsinhar, mil-latitudni 52°00'N,
— fil-Punent mill-kosta tal-Irlanda,
— fil-Lvant mill-kosta tar-Renju Unit.

([2]) Din il-kwota tista' tiġi allokata biss lill-bastimenti li jipparteċipaw fis-sajd sentinella biex ikun jista' jsir il-ġbir tad-data bbażat fuq is-sajd kif ivvalutat mill-ICES. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw l-isem/ismijiet tal-bastiment(i) lill-Kummissjoni qabel ma jippermettu kwalunkwe qabda.

([3]) Din il-kwota tista' tiġi allokata biss lill-bastimenti li jipparteċipaw fis-sajd sentinella biex ikun jista' jsir il-ġbir tad-data bbażat fuq is-sajd kif ivvalutat mill-ICES.

Tabella 21

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	Żona:	Skagerrak (COD/03AN.)
Il-Belġju	4	TAC analitika	
Id-Danimarka	1 277	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
Il-Ġermanja	32		
In-Netherlands	8	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Iżvezja	223		
L-Unjoni	1 544		
TAC	1 596		

Tabella 22

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*		Żona:	4; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; il-parti taż-żona 3a li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat (COD/2A3AX4)
Il-Belġju	267	(1)	TAC analitika	
Id-Danimarka	1 536		Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
Il-Ġermanja	973	(1)		
Franza	330	(1)	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
In-Netherlands	868			
L-Iżvezja	10			
L-Unjoni	3 984	(4)		
In-Norveġja	1 898	(2)		
Ir-Renju Unit	5 282	(1) (3)		
TAC	11 164			

(1) Kundizzjoni speċjali; sa 10 % minnha tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit, f'dawk tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żona 6a fit-Tramuntana ta' 58°30"N (COD/*6AN58).

(2) Li minnha ma jistgħux jinqabdu iżjed mill-kwantità li ġejja fl-ilmijiet tal-Unjoni (COD/*3AX4-EU). Il-qabdiet li jinqabdu fil-kuntest ta' din il-kwota jridu jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja:

1 579

(3) Li minnha sal-kwantitajiet ta' bakkaljaw li ġejjin jistgħu jinqabdu (COD/*4BC) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 4b u 4c:

250

(4) Li minnha sal-kwantitajiet ta' bakkaljaw li ġejjin jistgħu jinqabdu (COD/*4BC) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 4b u 4c:

Il-Belġju	101
Id-Danimarka	577
Il-Ġermanja	367
Franza	124
In-Netherlands	327
L-Iżvezja	4
L-Unjoni	1 500

Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' dawn il-kwoti, ma tistax tinqabad kwantità akbar minn dik mogħtija hawn taħt fiż-żona li ġejja:
l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona 4 (COD/*04N-)

L-Unjoni	2 883

Tabella 23

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*		Żona:	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N (COD/4N-S62)
L-Iżvezja	382	(1)	TAC analitika	
L-Unjoni	382		Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
TAC	Mhux rilevanti			
			Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	

(1) Il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju iswed iridu jinqatgħu mill-kwota ta' dawk l-ispeċijiet.

Tabella 24

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	Żona:	6b; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5b fil-Punent ta' 12°00'W kif ukoll dawk taż-żoni 12 u 14 (COD/5W6-14)
Il-Belġju	0 (1)	TAC prekawzjonarja	
Il-Ġermanja	2 (1)		
Franza	11 (1)		
L-Irlanda	5 (1)		
L-Unjoni	18 (1)		
Ir-Renju Unit	56 (1)		
TAC	74 (1)		

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.

Tabella 25

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	Żona:	6a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5b fil-Lvant ta' 12°00'W (COD/5BE6A)
Il-Belġju	1	TAC analitika	
Il-Ġermanja	7	Japplika l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament	
Franza	78	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Irlanda	31		
L-Unjoni	117	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
Ir-Renju Unit	508		
TAC	625		

Tabella 26

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*		Żona:	7a (COD/07A.)
Il-Belġju	4	(1)	TAC analitika	
Franza	12	(1)	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Irlanda	74	(1)		
In-Netherlands	1	(1)	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Unjoni	91	(1)		
Ir-Renju Unit	74	(1)		
TAC	165	(1)		

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.

Tabella 27

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*		Żona:	7b, 7c, 7e-k, 8, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (COD/7XAD34)
Il-Belġju	8	(1)	TAC analitika	
Franza	136	(1)	Japplika l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament	
L-Irlanda	27	(1)	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
In-Netherlands	0	(1)		
L-Unjoni	171	(1)	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
Ir-Renju Unit	20	(1)		
TAC	191	(1)		

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.

Tabella 28

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*		Żona:	7d (COD/07D.)
Il-Belġju	28	(1) (2)	TAC analitika	
Franza	546	(1) (2)	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
In-Netherlands	16	(1) (2)		
L-Unjoni	590	(1) (2)	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
Ir-Renju Unit	60	(1) (3)		
TAC	650			

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett għall-bakkaljaw taħt din il-kwota.
(2) Kundizzjoni speċjali: sa 5 % minnha tista' tinqabad fiż-żona 4, fil-parti taż-żona 3a li mhix koperta mill-Iskagerrak u mill-Kattegat u fl-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a (COD/*2A3X4).
(3) Kundizzjoni speċjali: sa 5 % minnha tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4, fil-parti taż-żona 3a li mhix koperta mill-Iskagerrak u mill-Kattegat u fl-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a (COD/*2A3X4X).

Tabella 29

Speċi:	Barbun ilsien il-kelb *Glyptocephalus cynoglossus*		Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a (WIT/03A-C.)
Id-Danimarka	802	(1)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	1	(1)		
In-Netherlands	1	(1)		
L-Iżvezja	167	(1)		
L-Unjoni	971	(1)		
TAC	971			

(1) Li 100 % minn din il-kwota tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4 u l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (WIT/*2AC4-C1).

Tabella 30

Speċi:	Megrims *Lepidorhombus* spp.		Żona:	L-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a (LEZ/2AC4-C)
Il-Belġju	9	(1)	TAC analitika	
Id-Danimarka	8	(1)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	8	(1)		
Franza	50	(1)		
In-Netherlands	40	(1)		
L-Unjoni	115	(1)		
Ir-Renju Unit	2 950	(1)		
TAC	3 065			

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 20 % minnha tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit, f'dawk tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żona 6a fit-Tramuntana ta' 58°30'N (LEZ/*6AN58).

Tabella 31

Speċi:	Megrims *Lepidorhombus* spp.		Żona:	6; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 (LEZ/56-14)
Spanja	570	(1)	TAC analitika	
Franza	2 225	(1)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Irlanda	650	(1)		
L-Unjoni	3 445	(1)		
Ir-Renju Unit	2 745	(1)		
TAC	6 190			

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 25 % minnha tista' tinqabad: fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4 (LEZ/*2AC4C).

Tabella 32

Speċi:	Megrims *Lepidorhombus* spp.		Żona:	7 (LEZ/07.)
Il-Belġju	397	(1)	TAC analitika	
Spanja	4 405	(2)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Franza	5 346	(2)		
L-Irlanda	2 431	(2)		
L-Unjoni	12 579			
Ir-Renju Unit	3 445	(2)		
TAC	16 024			

(1) 10 % minn din il-kwota jista' jintuża fiż-żoni 8a, 8b, 8d u 8e (LEZ/*8ABDE) għall-qabdiet aċċessorji tas-sajd dirett għal-lingwata.
(2) 35 % minn din il-kwota jista' jinqabad fiż-żoni 8a, 8b, 8d u 8e (LEZ/*8ABDE).

Tabella 33

Speċi:	Megrims *Lepidorhombus* spp.	Żona:	8a, 8b, 8d u 8e (LEZ/8ABDE.)
Spanja	833	TAC analitika	
Franza	673	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Unjoni	1 506		
TAC	1 585		

Tabella 34

Speċi:	Petriċa *Lophiidae*	Żona:	L-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a (ANF/2AC4-C)
Il-Belġju	386 (1) (2)	TAC analitika	
Id-Danimarka	850 (1) (2)		
Il-Ġermanja	415 (1) (2)		
Franza	79 (1) (2)		
In-Netherlands	292 (1) (2)		
L-Iżvezja	10 (1) (2)		
L-Unjoni	2 032 (1) (2)		
Ir-Renju Unit	17 355 (1) (2)		
TAC	19 387		

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 30 % minnha tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit, f'dawk tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żona 6a fit-Tramuntana ta' 58°30'N (ANF/*6AN58).
(2) Kundizzjoni speċjali: sa 10 % minnha tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 6a fin-Nofsinhar ta' 58°30'N, l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5b u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 (ANF/*56-14).

Tabella 35

Speċi:	Petriċa *Lophiidae*	Żona:	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona 4 (ANF/04-N.)
Il-Belġju	36	TAC analitika	
Id-Danimarka	926	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
Il-Ġermanja	15	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
In-Netherlands	13		
L-Unjoni	990		
TAC	Mhux rilevanti		

Tabella 36

Speċi:	Petriċa *Lophiidae*	Żona:	6; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 (ANF/56-14)
Il-Belġju	316 (1)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	361 (1)		
Spanja	338 (1)		
Franza	3 890 (1)		
L-Irlanda	880 (1)		
In-Netherlands	304 (1)		
L-Unjoni	6 089 (1)		
Ir-Renju Unit	4 882 (1)		
TAC	10 971		

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 20 % minnha tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4 (ANF/*2AC4C).

Tabella 37

Speċi:	Petriċa *Lophiidae*	Żona:	7 (ANF/07.)
Il-Belġju	3 982 (1)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	444 (1)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Spanja	1 582 (1)		
Franza	25 550 (1)		
L-Irlanda	3 265 (1)		
In-Netherlands	516 (1)		
L-Unjoni	35 339 (1)		
Ir-Renju Unit	10 783 (1)		
TAC	46 122		

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 10 % minnha tista' tinqabad fiż-żoni 8a, 8b, 8d u 8e (ANF/*8ABDE).

Tabella 38

Speċi:	Petriċa *Lophiidae*	Żona:	8a, 8b, 8d u 8e (ANF/8ABDE.)
Spanja	1 793	TAC analitika	
Franza	9 978	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Unjoni	11 771		
TAC	12 358		

Tabella 39

Speċi:	Merluzz tal-linja sewda *Melanogrammus aeglefinus*	Żona:	3a (HAD/03A.)
Il-Belġju	27	TAC analitika	
Id-Danimarka	4 573	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	291		
In-Netherlands	5		
L-Iżvezja	541		
L-Unjoni	5 437		
TAC	5 675		

Tabella 40

Speċi:	Merluzz tal-linja sewda *Melanogrammus aeglefinus*		Żona:	4; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a (HAD/2AC4.)
Il-Belġju	530	(1) (2)	TAC analitika	
Id-Danimarka	3 643	(1) (2)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	2 318	(1) (2)		
Franza	4 042	(1)		
In-Netherlands	398	(1) (2)		
L-Iżvezja	325	(1) (2)		
L-Unjoni	11 256	(1)		
In-Norveġja	21 237	(3)		
Ir-Renju Unit	59 844			
TAC	92 337			

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1139/oj).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1004/oj).

8.4. Jekk programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi mressaq minn Stat Membru jkun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi u l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq ikompli l-programm tiegħu mingħajr tibdil, għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bit-tkomplija ta' dak il-programm 4 ġimgħat qabel il-bidu tal-perjodu li għalih japplika l-programm.

Kapitolu IV

Ġestjoni

9. OBBLIGU ĠENERALI

L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

10. PERJODI TA' ĠESTJONI

10.1. Stat Membru jista' jaqsam il-jiem ta' preżenza fiż-żona stipulati fit-Tabella I f'perjodi ta' ġestjoni li jdumu xahar kalendarju jew iktar.

10.2. In-numru ta' jiem jew sigħat li fihom bastiment tas-sajd jista' jkun preżenti fiż-żona matul perjodu ta' ġestjoni għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat.

10.3. Fejn Stat Membru jawtorizza li l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu jkunu preżenti fiż-żona għal numru ta' sigħat partikolari, l-Istat Membru għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem kif speċifikat fil-punt 9. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu juri li ħa miżuri prekawzjonarji biex jiġi evitat li jkun hemm konsum eċċessiv ta' jiem fiż-żona minħabba l-fatt li bastiment tas-sajd ikun temm il-preżenzi tiegħu fiż-żona qabel tmiem il-perjodu ta' 24 siegħa.

Kapitolu V

Skambji tal-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd

11. TRASFERIMENT TA' JIEM BEJN IL-BASTIMENTI TAS-SAJD LI JTAJRU L-BANDIERA TA' STAT MEMBRU

11.1. Stat Membru jista' jħalli lil kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu jittrasferixxi l-jiem li fihom bastiment ikun awtorizzat ikun preżenti fiż-żona lil bastiment tas-sajd ieħor li jtajjar l-istess bandiera f'dik iż-żona, dment li r-riżultat tan-numru ta' jiem li bastiment tas-sajd ikun irċieva u l-potenza tal-magna tiegħu f'kilowatts (kilowatt-jiem) ikun daqs ir-riżultat tan-numru ta' jiem ittrasferiti mill-bastiment donatur immultiplikat bil-potenza tal-magna tiegħu f'kilowatts jew inqas minnu. Il-potenza tal-magna tal-bastimenti tas-sajd f'kilowatts għandha tkun dik irreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.

11.2. In-numru totali ta' jiem preżenti fiż-żona li ġie ttrasferit f'konformità mal-punt 11.1, immultiplikat bil-potenza tal-magna tal-bastiment tas-sajd donatur f'kilowatts, ma għandux ikun ogħla mill-medja annwali ta' jiem tal-bastiment tas-sajd donatur irreġistrati fiż-żona, kif ivverifikat mill-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd fl-2001, fl-2002, fl-2003, fl-2004 u fl-2005, immultiplikati bil-potenza tal-magna ta' dak il-bastiment tas-sajd f'kilowatts.

11.3. It-trasferiment tal-jiem skont il-punt 11.1 għandu jitħalla bejn bastimenti tas-sajd li jaħdmu bi kwalunkwe rkaptu regolat u matul l-istess perjodu ta' ġestjoni.

11.4. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar it-trasferimenti li jkunu seħħew. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-formati tal-ispreadsheet għall-ġbir u għat-trażmissjoni ta' dik l-informazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 61(2) ta' dan ir-Regolament.

12. TRASFERIMENT TAL-JIEM BEJN IL-BASTIMENTI TAS-SAJD LI JTAJRU L-BANDIERA TA' STATI MEMBRI DIFFERENTI

L-Istati Membri jistgħu jħallu t-trasferiment tal-jiem ta' preżenza fiż-żona għall-istess perjodu ta' ġestjoni u għall-istess żona bejn kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bnadar tagħhom dment li japplikaw il-punti 4.1, 4.3, 5, 6 u 10. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jawtorizzaw tali trasferiment, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel ma jsir it-trasferiment, bid-dettalji tat-trasferiment, inkluż in-numru ta' jiem li jrid jiġi trasferit, l-isforz tas-sajd u, meta applikabbli, il-kwoti tas-sajd relatati magħhom.

Kapitolu VI

Obbligi ta' rappurtar

13. RAPPORT DWAR L-ISFORZ TAS-SAJD

L-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem li hija ż-żona definita fil-punt 2 ta' dan l-Anness.

14. ĠBIR TAD-DATA RILEVANTI

Kull 3 xhur l-Istati Membri għandhom jiġbru l-informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd totali utilizzat fiż-żona mill-bastimenti tas-sajd li jużaw irkapti tal-irmonk u rkapti statiċi, l-isforz eżerċitat fiż-żona mill-bastimenti tas-sajd li jużaw tipi differenti ta' rkaptu u l-potenza tal-magna ta' dawk il-bastimenti tas-sajd f'kilowatt-jiem, abbażi tal-informazzjoni li ntużat għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti fiż-żona kif stipulat f'dan l-Anness.

15. KOMUNIKAZZJONI TAD-DATA RILEVANTI

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu spreadsheet lill-Kummissjoni bid-data speċifikata fil-punt 14 u fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz xieraq tal-posta elettronika, li l-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar l-isforz allokat u kkunsmat tas-sajd li tkopri l-perjodi kollha ta' ġestjoni tal-2024 u tal-2025, jew partijiet minnhom u billi jużaw il-format tad-data speċifikat fit-Tabelli IV u V.

Tabella II

Format tar-rapportar għall-informazzjoni dwar il-kW-jiem skont il-perjodu ta' ġestjoni

Stat Membru	Irkaptu	Perjodu ta' ġestjoni	Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv
(1)	(2)	(3)	(4)

Tabella III

Format tad-data għall-informazzjoni dwar il-kW-jiem skont il-perjodu ta' ġestjoni

Isem il-qasam	Numru massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ([1]) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		Stat Membru (kodiċi ISO Alpha-3) li fih huwa rreġistrat il-bastiment
(2) Irkaptu	2		Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin: BT = xbieki tat-tkarkir bi travu ≥ 80 mm GN = għeżula < 220 mm TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm
(3) Perjodu ta' ġestjoni	4		Sena fil-perjodu mill-perjodu ta' ġestjoni tal-2006 sal-perjodu ta' ġestjoni attwali
(4) Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv	7	R	L-ammont kumulattiv tal-isforz tas-sajd f'kilowatt-jiem li ġie utilizzat mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Jannar tal-perjodu rilevanti ta' ġestjoni

([1]) L-informazzjoni rilevanti għat-trażmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.

Tabella IV

Format tar-rappurtar għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti

Stat Membru	CFR	Immarkar estern	Tul tal-perjodu ta' ġestjoni	Irkaptu nnotifikat				Jiem eliġibbli skont l-użu tal-irkaptu/i nnotifikat(i)				Jiem imqattgħa bl-irkaptu/i nnotifikat(i)				Trasferiment tal-jiem
				Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(5)	(5)	(5)	(6)	(6)	(6)	(6)	(7)	(7)	(7)	(7)	(8)

Tabella V

Format tad-data għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti

Isem il-qasam	Numru massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ([1]) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		Stat Membru (kodiċi ISO Alpha3) li fih huwa rreġistrat il-bastiment tas-sajd
(2) CFR	12		Numru tar-reġistru tal-flotta komuni (CFR) Numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd L-Istat Membru (il-kodiċi ISO Alfa3) segwit minn serje ta' karattri ta' identifikazzjoni (disa' karattri). Meta serje jkollha inqas minn disa' karattri, għandhom jiddaħħlu żerijiet addizzjonali fin-naħa tax-xellug
(3) Immarkar estern	14	L	Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([2])
(4) Tul tal-perjodu ta' ġestjoni	2	L	Tul tal-perjodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur
(5) Irkaptu nnotifikat	2	L	Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin: BT = xbieki tat-tkarkir bi travu ≥ 80 mm GN = għeżula < 220 mm TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm
(6) Kundizzjoni speċjali li tapplika għall-irkaptu/i nnotifikat(i)	3	L	Numru ta' jiem li fihom il-bastiment tas-sajd huwa eliġibbli skont l-Anness II għall-irkaptu notifikat u għat-tul tal-perjodu ta' ġestjoni notifikat
(7) Jiem imqattgħa bl-irkaptu/i nnotifikat(i)	3	L	Numru ta' jiem li fihom il-bastiment tas-sajd tassew kien preżenti fiż-żona u li fihom uża rkaptu li jikkorrispondi mal-irkaptu nnotifikat matul il-perjodu nnotifikat ta' ġestjoni
(8) Trasferimenti ta' jiem	4	L	Għall-jiem ittrasferiti indika "– in-numru ta' jiem ittrasferiti" u għall-jiem irċevuti indika "+ in-numru ta' jiem ittrasferiti"

([1]) L-informazzjoni rilevanti għat-trażmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.
([2]) Ir-Reement ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/404/oj).

ANNESS III


ŻONI TA' ĠESTJONI GĦAĊ-ĊIĊĊIRELL FID-DIVIŻJONIJIET 2a, 3a TAL-ICES U FIS-SUBŻONA 4 TAL-ICES

Għall-finijiet tal-ġestjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES li huma stabbiliti fl-Anness IA, iż-żoni ta' ġestjoni li fihom japplikaw il-limiti ta' qbid huma ddefiniti kif stabbilit f'dan l-Anness u fl-Appendiċi tiegħu:

Żona ta' ġestjoni għaċ-ċiċċirell	Rettangoli statistiċi tal-ICES
1r	31–33 E9–F4; 33 F5; 34–37 E9–F6; 38–40 F0–F5; 41 F4–F5
2r	35 F7–F8; 36 F7–F9; 37 F7–F8; 38 41 F6–F8; 42 F6–F9; 43 F7–F9; 44 F9–G0; 45 G0–G1; 46 G1
3r	41–46 F1–F3; 42–46 F4–F5; 43–46 F6; 44–46 F7–F8; 45–46 F9; 46–47 G0; 47 G1 u 48 G0
4	38–40 E7–E9 u 41–46 E6–F0
5r	47–52 F1–F5
6	41–43 G0–G3; 44 G1
7r	47–52 E6–F0

Appendiċi

Żoni ta' ġestjoni għaċ-ċiċċirell



ANNESS IV

GĦELUQ STAĠJONALI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-BAKKALJAW LI JBID

Iż-żoni indikati fit-Tabella ta' hawn taħt għandhom jingħalqu għall-irkapti kollha minbarra l-irkaptu pelaġiku (tartaruni tal-borża u xbieki tat-tkarkir), matul il-perjodu identifikat:

Għeluq għal Żmien Limitat				
Nru	Isem iż-Żona	Koordinati	Perjodu ta' Żmien	Kumment Addizzjonali
1	Stanhope ground	60°25'N - 01°45'E 60°25'N - 02°00'E 60°10'N - 02°00'E 60°10'N - 01°45'E	Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	
2	Long Hole	59°07.35'N - 0°31.04'W 59°03.60'N - 0°22.25'W 58°59.35'N - 0°17.85'W 58°56.00'N - 0°11.01'W 58°56.60'N - 0°08.85'W 58°59.86'N - 0°15.65'W 59°03.50'N - 0°20.00'W 59°08.15'N - 0°29.07'W	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu	
3	Coral edge	58°51.70'N - 03°26.70'E 58°40.66'N - 03°34.60'E 58°24.00'N - 03°12.40'E 58°24.00'N - 02°55.00'E 58°35.65'N - 02°56.30'E	Mill-1 ta' Diċembru sat-28 ta' Frar	
4	Papa Bank	59°56'N - 03°08'W 59°56'N - 02°45'W 59°35'N - 03°15'W 59°35'N - 03°35'W	Mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Marzu	
5a	Foula Deeps	60°17.5'N - 01°45'W 60°11.0'N - 01°45'W 60°11.0'N - 02°10'W 60°20.0'N - 02°00'W 60°20.0'N - 01°50'W	Mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru	

Għeluq għal Żmien Limitat				
Nru	Isem iż-Żona	Koordinati	Perjodu ta' Żmien	Kumment Addizzjonali
5b	Foula Deeps	60°21'N - 02°05'W 60°22'N - 02°27'W 60°06'N - 02°27'W 60°06'N - 02°05'W	Mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Marzu	
6	Egersund Bank	58°07.40'N - 04°33.0'E 57°53.00'N - 05°12.0'E 57°40.00'N - 05°10.9'E 57°57.90'N - 04°31.9'E	Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Marzu	(10 x 25 nm)
7	East of Fair Isle	59°40'N - 01°3'W 59°40'N - 01°13'W 59°30'N - 01°20'W 59°00'N - 01°20'W 59°00'N - 01°40'W 59°10'N - 01°40'W 59°10'N - 01°28'W 59°30'N - 01°28'W 59°40'N - 01°23'W	Mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Marzu	
8	West Bank	57°15'N - 05°01'E 56°56'N - 05°00'E 56°56'N - 06°20'E 57°15'N - 06°20'E	Mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Marzu	(18 x 4 nm)
9	Revet	57°28.43'N - 08°05.66'E 57°27.44'N - 08°07.20'E 57°51.77'N - 09°26.33'E 57°52.88'N - 09°25.00'E	Mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Marzu	(1,5 x 49 nm)

Għeluq għal Żmien Limitat

Nru	Isem iż-Żona	Koordinati	Perjodu ta' Żmien	Kumment Addizzjonali
10	Rabarberen	57°47.00'N - 11°04.00'E 57°43.00'N - 11°04.00'E 57°43.00'N - 11°09.00'E 57°47.00'N - 11°09.00'E	Mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Marzu	Lvant ta' Skagen (2,7x4 nm)
11	Krogbund	56°56'N - 06°25'E 56°47'N - 06°25'E 56°47'N - 06°55'E 56°56'N - 06°55'E	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu	
12	Lille Fiskerbanke	56°50'N - 06°08'E 56°50'N - 05°52'E 56°38'N - 05°52'E 56°38'N - 06°08'E	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu	

ANNESS V

AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD

PARTI A

NUMRU MASSIMU TA' AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI LI JISTADU FL-ILMIJIET TA' PAJJIŻI TERZI

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Numru ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Numru massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
L-ilmijiet Norveġiżi u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen	Aringi, fit-Tramuntana ta' 62°00'N	59	DK	25	51
			DE	5	
			FR	1	
			IE	8	
			NL	9	
			PL	1	
			SE	10	
	Speċijiet demersali, fit-Tramuntana ta' 62°00'N	66	DE	16	41
			IE	1	
			ES	20	
			FR	18	
			PT	9	
			Mhux allokata	2	
	Speċijiet industrijali, fin-Nofsinhar ta' 62°00'N	450	DK	450	141

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Numru ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Numru massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
L-ilmijiet ta' Svalbard; l-ilmijiet internazzjonali ta' 1 u 2b (1)	Sajd għall-granċ tal-Artiku bin-nases	20	EE	1	Mhux applikabbli
			ES	1	
			LV	11	
			LT	4	
			PL	3	

(1) L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fiż-żona ta' Spitzbergen u Bear Island hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mit-Trattat ta' Pariġi tal-1920.

PARTI B

NUMRU MASSIMU TA' AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

Stat tal-bandiera	Attività tas-sajd	Numru ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Numru massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
Il-Venezwela (1) (2) (3)	Lutjani (l-ilmijiet tal-Guyana Franċiża)	45	45

(1) Biex jinħarġu dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, għandha tingħata prova li jeżisti kuntratt validu bejn sid il-bastiment tas-sajd li qed japplika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd u impriża tal-ipproċessar li tinsab fid-Dipartiment tal-Guyana Franċiża, u li dan jinkludi obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet tal-lutjani mill-bastiment tas-sajd ikkonċernat f'dak id-dipartiment, filwaqt li fil-perjodu tal-awtorizzazzjoni jinkiseb ħatt l-art ta' 75 % tal-qabdiet kollha tal-lutjani minn bastiment tas-sajd, sabiex ikunu jistgħu jiġu pproċessati fil-bini ta' dik l-impriża. Tali kuntratt għandu jiġi approvat mill-awtoritajiet Franċiżi, li għandhom jiżguraw li huwa konsistenti kemm mal-kapaċità reali tal-impriża kontraenti tal-ipproċessar kif ukoll mal-għanijiet għall-iżvilupp tal-ekonomija tal-Guyana Franċiża. Għandha tinħemeż kopja tal-kuntratt approvat mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd. Meta tali approvazzjoni tiġi miċħuda, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinnotifikaw lill-partijiet ikkonċernati u lill-Kummissjoni dwar dik iċ-ċaħda u għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom għal dan.

(2) L-attivitajiet tas-sajd huma awtorizzati fuq bażi kalendarja annwali. Madankollu, bastiment tas-sajd jista' jkompli l-attivitajiet tas-sajd tiegħu mis-16 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2026 wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu dment li l-operatur:
— ikun beda l-proċess biex iġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu;
— ikun wettaq l-obbligi kuntrattwali u ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni kollha tiegħu.
Din l-estensjoni tiskadi mad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd ġdida jew notifika taċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni tas-sajd il-ġdida.

(3) L-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd li jkollhom dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd jistgħu jseħħu biss fil-perjodu mis-16 ta' Frar 2026 sal-14 ta' Diċembru 2026.

ANNESS VI

1. Għadd massimu ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonna (*Thunnus thynnus*) ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Lvant tal-Atlantiku

Spanja	60
Franza	55
L-Unjoni	115

2. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni artiġjanali kostali li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonna bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Mediterran

Spanja	364
Franza	154 ([1])
L-Italja	30
Ċipru	20 ([1])
Ċipru	54 ([1])
L-Unjoni	622

([1]) Dan l-għadd jista' jiżdied jekk bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża huwa sostitwit minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz f'konformità mal-punt 4 ta' dan l-Anness.

3. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonna ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' trobbija tal-ħut

Il-Kroazja	18
L-Italja	12
L-Unjoni	30

4. In-numru massimu ta' bastimenti tas-sajd ta' kull Stat Membru li jistgħu jkunu awtorizzati jistadu għat-tonn, iżommuh abbord, jittrażbordawh, jittrasportawh jew iħottuh l-art fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

	Numru ta' bastimenti tas-sajd [1] [2]							
	Il-Greċja [3]	Spanja	Franza	Il-Kroazja	L-Italja	Ċipru [4]	Malta [5]	Il-Portugall
Bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża [6]	0	0	0	0	0	0	0	0
Bastimenti tas-sajd bil-konz	0	0	0	0	0	0	0	0
Dgħajjes tas-sajd bil-lixka	0	0	0	0	0	0	0	0
Xlief tal-idejn	0	0	0	0	0	0	0	0
Bastimenti tat-tkarkir	0	0	0	0	0	0	0	0
Fuq skala żgħira	0	0	0	0	0	0	0	0
Dgħajjes oħra tas-sajd artiġjanali [7]	0	0	0	0	0	0	0	0

[1] In-numri f'din it-Tabella ser jiġu stabbiliti wara li l-ICCAT tkun approvat il-pjan tas-sajd u t-trobbija tal-ħut tal-Unjoni u l-pjan għall-ġestjoni tal-kapaċità, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u r-regoli tal-Unjoni applikabbli.

[2] In-numri f'din it-Tabella jistgħu jiżdiedu aktar, dment li jkun hemm konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

[3] Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit minn massimu ta' 10 bastimenti tas-sajd bil-konz, jew minn bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża żgħir u 3 bastimenti oħra tas-sajd artiġjanali.

[4] Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit minn massimu ta' 10 bastimenti tas-sajd bil-konz, jew minn bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża żgħir u mhux aktar minn 3 bastimenti tas-sajd bil-konz.

[5] Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit minn massimu ta' 10 bastimenti tas-sajd bil-konz.

[6] In-numri individwali ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża f'din it-Tabella huma r-riżultat ta' trasferimenti bejn l-Istati Membri u ma jikkostitwux drittijiet storiċi għall-futur.

[7] Bastimenti polivalenti, li jużaw tagħmir b'aktar minn irkaptu wieħed (konz, xlief, xlief bir-rixa).

5. In-numru massimu ta' nases użati fis-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran awtorizzat minn kull Stat Membru

Numru massimu ta' nases ([1])

Stat Membru	Numru ta' nases
Spanja	6
L-Italja	6
Il-Portugall	2

([1]) In-numri f'din it-Tabella ser jiġu adattati wara li l-ICCAT tkun approvat il-pjan tas-sajd u t-trobbija tal-ħut tal-Unjoni u l-pjan għall-ġestjoni tal-kapaċità, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u r-regoli tal-Unjoni applikabbli.

6. In-numru massimu ta' farms awtorizzati u l-input massimu tat-tonn maqbud fis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka lill-farms tiegħu fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

In-numru massimu ta' farms awtorizzati u l-input tat-tonn maqbud fis-selvaġġ ([1])

	Numru ta' farms	Input (f'tunnellati)
Il-Greċja	2	785
Spanja	10	6 300
Il-Kroazja	4	2 947
L-Italja	13	3 764
Ċipru	3	2 195
Ċipru	6	8 786
Il-Portugall	2	350

([1]) In-numri f'din it-Tabella ser jiġu adattati wara li l-ICCAT tkun approvat il-pjan tas-sajd u t-trobbija tal-ħut tal-Unjoni u l-pjan għall-ġestjoni tal-kapaċità, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u r-regoli tal-Unjoni applikabbli.

7. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-alonga tat-Tramuntana (*Thunnus alalunga*) bħala speċi fil-mira, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2017/2107.

Stat Membru	Numru massimu ta' bastimenti
L-Irlanda	50
Spanja	730
Franza	151
Il-Portugall	310

ANNESS VII

ŻONA TAL-KONVENZJONI CCAMLR

Is-sajd esploratorju għall-pixxisinna fiż-żona tal-Konvenzjoni CCAMLR fil-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2025 sat-30 ta' Novembru 2026 għandu jkun limitat għal dan li ġej:

Tabella A

Stati Membri awtorizzati, subżoni u numru massimu ta' bastimenti tas-sajd

Stat Membru	Subżona	Numru massimu ta' bastimenti
Spanja	48.6	1
Spanja	88.1	1
Spanja	88.2	1

Tabella B

TACs u limiti tal-qabdiet aċċessorji

It-TACs stabbiliti fit-Tabella hawn taħt, adottati mis-CCAMLR, mhumiex allokati lill-membri tas-CCAMLR u għalhekk is-sehem tal-Unjoni mhux stabbilit. Is-Segretarjat tas-CCAMLR jimmonitorja l-qabdiet u jikkomunika lill-Partijiet Kontraenti meta s-sajd għandu jieqaf minħabba li jkunu ġew eżawriti t-TACs.

Subżona	Reġjun	Staġun	SSRUs (small-scale research units) jew blokok ta' riċerka	Limitu tal-qbid għall-pixxisinna tal-Antartiku (*Dissostichus mawsoni*) (f'tunnellati)/SSRUs jew blokok ta' riċerka	Limitu tal-qbid għall-pixxisinna tal-Antartiku (*Dissostichus mawsoni*) (f'tunnellati)/subżona shiha [1]	Limitu tal-qabdiet aċċessorji (f'tunnellati)/SSRUs jew blokok ta' riċerka		
						Rebekkini u raj (*Rajiformes*)	Grenadieri (*Macrourus* spp.) [2]	Speċijiet oħra
48.6	Is-subżona kollha	Mill-1 ta' Diċembru 2025 sat-30 ta' Novembru 2026	48.6_2	182	713	9	29	29
			48.6_3	60		3	9	9
			48.6_4	181		9	28	28
			48.6_5	290		14	46	46
88.1	Is-subżona kollha	Mill-1 ta' Diċembru 2025 sal-31 ta' Awwissu 2026	A, B, C, G [3]("N70")	623	3 278	31	99	31
			G, H, I, J, K [4]("S70")	2 163		108	316	108
			Żona Speċjali tar-Riċerka fiż-żona marina protetta tar-reġjun tar-Ross Sea ("SRZ", special research zone)	428		21	72	21

Subżona	Reġjun	Staġun	SSRUs (small-scale research units) jew blokok ta' riċerka	Limitu tal-qbid għall-pixxisinna tal-Antartiku (*Dissostichus mawsoni*) (f'tunnellati)/SSRUs jew blokok ta' riċerka	Limitu tal-qbid għall-pixxisinna tal-Antartiku (*Dissostichus mawsoni*) (f'tunnellati)/subżona shiha [1]	Limitu tal-qabdiet aċċessorji (f'tunnellati)/SSRUs jew blokok ta' riċerka		
						Rebekkini u raj (*Rajiformes*)	Grenadieri (*Macrourus* spp.) [2]	Speċijiet oħra
88.2	Is-subżona kollha	Mill-1 ta' Diċembru 2025 sal-31 ta' Awwissu 2026	A, B [3](N70)	Inkluż fil-limitu tal-qbid għal N70 fis-subżona 88.1		Inkluż fil-limiti tal-qabdiet aċċessorji għal N70 fis-subżona 88.1		
			A, B [4](S70)	Inkluż fil-limitu tal-qbid għal S70 fis-subżona 88.1		Inkluż fil-limiti tal-qabdiet aċċessorji għal S70 fis-subżona 88.1		
			Parti minn SSRU_A f'SRZ	Inkluż fil-limitu tal-qbid għal SRZ fis-subżona 88.1		Inkluż fil-limiti tal-qabdiet aċċessorji għal SRZ fis-subżona 88.1		
			88.2_1	184	1 425	9	29	29
			88.2_2	454		22	72	72
			88.2_3	468		23	74	74
			88.2_4	319		15	51	51
		Mill-14 ta' Diċembru 2025 sal-31 ta' Awwissu 2026	88.2_H	199	199	9	31	31

(1) L-ispeċi fil-mira hija l-pixxisinna tal-Antartiku (*Dissostichus mawsoni*). Kull pixxisinna Patagonjan (*Dissostichus eleginoides*) maqbud għandu jingħadd mal-limitu tal-qbid globali għall-pixxisinna tal-Antartiku (*Dissostichus mawsoni*).

(2) Fiż-żona 88.1 u fl-SSRUs A u B fiż-żona 88.2, fejn il-qabda tal-grenadieri (*Macrourus* spp.) li tittieħed minn bastiment tas-sajd uniku fi kwalunkwe żewġ perjodi ta' 10 ijiem (jiġifieri mill-ewwel jum sal-10 jum, mill-11-il jum sal-20 jum, jew mill-21 jum sal-aħħar jum tax-xahar) fi kwalunkwe SSRU tkun aktar minn 1 500 kg f'kull perjodu ta' 10 ijiem u tkun aktar minn 16 % tal-qabda tal-Pixxisinna tal-Antartiku (*Dissostichus* spp.) minn dak il-bastiment f'dik l-SSRU, il-bastiment għandu jwaqqaf is-sajd f'dik l-SSRU għall-bqija tal-istaġun.

(3) Iż-żoni kollha barra ż-żona marina protetta tar-Reġjun tal-Baħar ta' Ross u fit-Tramuntana ta' 70°S.

(4) Iż-żoni kollha barra ż-żona marina protetta tar-Reġjun tal-Baħar ta' Ross u fin-Nofsinhar ta' 70°S.

Appendiċi

Parti A

Koordinati tal-blokok ta' riċerka 48.6

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_2

54°00'S 01°00'E

55°00'S 01°00'E

55°00'S 02°00'E

55°30'S 02°00'E

55°30'S 04°00'E

56°30'S 04°00'E

56°30'S 07°00'E

56°00'S 07°00'E

56°00'S 08°00'E

54°00'S 08°00'E

54°00'S 09°00'E

53°00'S 09°00'E

53°00'S 03°00'E

53°30'S 03°00'E

53°30'S 02°00'E

54°00'S 02°00'E

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_3

64°30'S 01°00'E

66°00'S 01°00'E

66°00'S 04°00'E

65°00'S 04°00'E

65°00'S 07°00'E

64°30'S 07°00'E

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_4

68°20'S 10°00'E

68°20'S 13°00'E

69°30'S 13°00'E

69°30'S 10°00'E

69°45'S 10°00'E

69°45'S 06°00'E

69°00'S 06°00'E

69°00'S 10°00'E

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_5

71°00'S 15°00'W

71°00'S 13°00'W

70°30'S 13°00'W

70°30'S 11°00'W

70°30'S 10°00'W

69°30'S 10°00'W

69°30'S 09°00'W

70°00'S 09°00'W

70°00'S 08°00'W

69°30'S 08°00'W

69°30'S 07°00'W

70°30'S 07°00'W

70°30'S 10°00'W

71°00'S 10°00'W

71°00'S 11°00'W

71°30'S 11°00'W

71°30 S 15°00'W

Koordinati tal-blokok ta' riċerka 88.2

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 88.2_1

73°48'S 108°00'W

73°48'S 105°00'W

75°00'S 105°00'W

75°00'S 108°00'W

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 88.2_2

73°18'S 119°00'W

73°18'S 111°30'W

74°12'S 111°30'W

74°12'S 119°00'W

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 88.2_3

72°12'S 122°00'W

70°50'S 115°00'W

71°42'S 115°00'W

73°12'S 122°00'W

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 88.2_4

72°36'S 140°00'W

72°36'S 128°00'W

74°42'S 128°00'W

74°42'S 140°00'W

Lista tal-unitajiet ta' riċerka fuq skala żgħira (SSRUs)

Reġjun	SSRU	Linja tal-konfini
88.1	A	Minn 60°S 150°E, lejn il-Lvant sa 170°E, lejn in-Nofsinhar sa 65°S, lejn il-Punent sa 150°E, lejn it-Tramuntana sa 60°S.
	B	Minn 60°S 170°E, lejn il-Lvant sa 179°E, lejn in-Nofsinhar sa 66°40'S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 60°S.
	C	Minn 60°S 179°E, lejn il-Lvant sa 170°W, lejn in-Nofsinhar sa 70°S, lejn it-Tramuntana sa 178° W, lejn it-Tramuntana sa 66°40' S, lejn il-Punent sa 179°E, lejn it-Tramuntana sa 60°S.
	D	Minn 65°S 150°E, lejn il-Lvant għal 160°E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 150°E, lejn it-Tramuntana għal 65°S.
	E	Minn 65°S 160°E, lejn il-Lvant sa 170°E, lejn in-Nofsinhar sa 68°30'S, lejn il-Punent sa 160° E, lejn it-Tramuntana sa 65°S.
	F	Minn 68°30'S 160°E, lejn il-Lvant għal 170°E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 160°E, lejn it-Tramuntana għal 68°30'S.
	G	Minn 66°40'S 170°E, lejn il-Lvant sa 178°W, lejn in-Nofsinhar sa 70°S, lejn it-Tramuntana sa 178°50'E, lejn in-Nofsinhar sa 70°50'S, lejn il-Punent sa 170°E, lejn it-Tramuntana sa 66°40'S.
	H	Minn 70°50'S 170°E, lejn il-Lvant sa 178°50'E, lejn in-Nofsinhar sa 73°S, lejn il-Punent sal-kosta, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 170°E, lejn it-Tramuntana sa 70°50'S.
	I	Minn 70°S 178°50'E, lejn il-Lvant sa 170°W, lejn in-Nofsinhar sa 73°S, lejn il-Punent sa 178° 50'E, lejn it-Tramuntana sa 70°S.
	J	Minn 73°S mal-kosta qrib 170°E, lejn il-Lvant sa 178°50'E, lejn in-Nofsinhar sa 80°S, lejn il-Punent sa 170°E, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 73°S.
	K	Minn 73°S 178°50'E, lejn il-Lvant sa 170°W, lejn in-Nofsinhar sa 76°S, lejn il-Punent sa 178° 50'E, lejn it-Tramuntana sa 73°S.
	L	Minn 76°S 178°50'E, lejn il-Lvant sa 170°W, lejn in-Nofsinhar sa 80°S, lejn il-Punent sa 178° 50'E, lejn it-Tramuntana sa 76°S.
	M	Minn 73°S mal-kosta qrib 169°30'E, lejn il-Lvant sa 170°E, lejn in-Nofsinhar sa 80°S, lejn il-Punent sal-kosta, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 73°S.

Reġjun	SSRU	Linja tal-konfini
88.2	A	Minn 60°S 170°W, lejn il-Lvant sa 160°W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 170°W, lejn it-Tramuntana sa 60°S.
	B	Minn 60°S 160°W, lejn il-Lvant sa 150°W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 160°W, lejn it-Tramuntana sa 60°S.
	C	Minn 70°50'S 150°W, lejn il-Lvant sa 140°W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 150°W, lejn it-Tramuntana sa 70°50'S.
	D	Minn 70°50'S 140°W, lejn il-Lvant sa 130°W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 140°W, lejn it-Tramuntana sa 70°50'S.
	E	Minn 70°50'S 130°W, lejn il-Lvant sa 120°W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 130°W, lejn it-Tramuntana sa 70°50'S.
	F	Minn 70°50'S 120°W, lejn il-Lvant sa 110°W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 120°W, lejn it-Tramuntana sa 70°50'S.
	G	Minn 70°50'S 110°W, lejn il-Lvant sa 105°W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 110°W, lejn it-Tramuntana sa 70°50'S.
	H	Minn 65°S 150°W, lejn il-Lvant sa 105°W, lejn in-Nofsinhar sa 70°50'S, lejn il-Punent sa 150° W, lejn it-Tramuntana sa 65°S.
	I	Minn 60°S 150°W, lejn il-Lvant sa 105°W, lejn in-Nofsinhar sa 65°S, lejn il-Punent sa 150°W, lejn it-Tramuntana sa 60°S.
	J	Minn 60°S 170°W, lejn il-Lvant sa 160°W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 170°W, lejn it-Tramuntana sa 60°S.
	K	Minn 60°S 160°W, lejn il-Lvant sa 150°W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 160°W, lejn it-Tramuntana sa 60°S.
	L	Minn 70°50'S 150°W, lejn il-Lvant sa 140°W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 150°W, lejn it-Tramuntana sa 70°50'S.
	M	Minn 70°50'S 140°W, lejn il-Lvant sa 130°W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 140°W, lejn it-Tramuntana sa 70°50'S.

Parti B

Notifika tal-intenzjoni ta' parteċipazzjoni f'attività tas-sajd għall-krill (*Euphausia superba*)

Informazzjoni ġenerali

Membru: . . . . . .

Staġun tas-sajd: . . . . . .

Isem il-bastiment: . . . . . .

Livell mistenni tal-qabda (tunnellati): . . . . . .

Kapaċità tal-ipproċessar ta' kuljum tal-bastiment (tunnellati f'piż ħaj): . . . . . .

Subżoni u diviżjonijiet maħsuba għas-sajd

Din il-miżura tal-konservazzjoni tapplika għan-notifiki tal-intenzjonijiet għas-sajd għall-krill fis-subżoni 48.1, 48.2, 48.3 u 48.4 u fid-diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2. L-intenzjonijiet għas-sajd għall-krill f'subżoni u f'diviżjonijiet oħra jridu jiġu notifikati skont il-Miżura ta' Konservazzjoni 21-02 (2019) tas-CCAMLR.

Subżona/diviżjoni	Immarka l-kaxxi xierqa
48.1	☐
48.2	☐
48.3	☐
48.4	☐
58.4.1	☐
58.4.2	☐

Teknika tas-sajd: Immarka l-kaxxi xierqa

☐ Tkarkir konvenzjonali

☐ Sistema ta' sajd kontinwu

☐ Ippompjar biex titbattal il-manka

☐ Metodu ieħor (speċifika)

Tipi ta' prodotti u metodi għall-istima diretta tal-piż ħaj tal-krill maqbud

Tip ta' Prodott	Metodu għall-istima diretta tal-piż ħaj tal-krill maqbud, meta rilevanti (irreferi għall-Anness 21-03/B) [1]
Iffriżat sħiħ	
Mgħolli	
Frakass tal-fdal tal-ħut	
Żejt	
Prodotti oħra (speċifika)	

[1] Jekk il-metodu mhuwiex imniżżel fl-Anness 21-03/B, iddeskrivi fid-dettall.

Konfigurazzjoni tax-xibka

Qisien tax-xibka	Xibka 1		Xibka 2		Xibka/Xbieki oħra	
Fetħa tax-xibka (bokka)						
Fetħa vertikali massima (m)						
Fetħa orizzontali massima (m)						
Ċirkonferenza tax-xibka fil-bokka [1] (m)						
Erja tal-bokka (m^2)						
Daqs medju tal-malji tal-panew tax-xibka [3] (mm)	Ta' barra [2]	Ta' ġewwa [2]	Ta' barra [2]	Ta' ġewwa [2]	Ta' barra [2]	Ta' ġewwa [2]
L-ewwel panell						
It-tieni panell						
It-tielet panell						
…						
Il-panell finali (manka)						

[1] Mistenni fil-kundizzjonijiet operazzjonali.
[2] Daqs tal-malji ta' barra, u tal-malji ta' ġewwa meta tintuża inforra.
[3] Qies ta' ġewwa tal-malji stirati abbażi tal-proċedura fil-Miżura ta' Konservazzjoni 22-01 (2019) tas-CCAMLR.

Dijagramma/i tax-xibka/xbieki:

Għal kull xibka li tintuża, jew għal kwalunkwe bidla fil-konfigurazzjoni tax-xibka, irreferi għad-dijagramma rilevanti tax-xibka fil-librerija tal-irkaptu tas-sajd tas-CCAMLR jekk tkun disponibbli (www.ccamlr.org/node/74407), jew ibgħat dijagramma u deskrizzjoni dettaljati fil-laqgħa li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Monitoraġġ u l-Ġestjoni tal-Ekosistemi (WG-EMM). Id-dijagramma/i tax-xibka/xbieki jridu jinkludu:

1. It-tul u l-wisa' ta' kull panew tax-xibka tat-tkarkir (f'biżżejjed dettall biex jippermetti l-kalkolu tal-angolu ta' kull panew fir-rigward tal-fluss tal-ilma).
2. Id-daqs tal-malji tax-xibka (il-qies ta' ġewwa tal-malji stirati abbażi tal-proċedura fil-Miżura ta' Konservazzjoni 22-01 (2019) tas-CCAMLR), l-għamla (eż. maqrut) u l-materjal (eż. polipropilen).
3. In-nisġa tal-malji tax-xbieki (eż. bl-għoqiedi, fużi).
4. Dettalji tal-infafar użati fix-xbieki tat-tkarkir (disinn, post fuq il-pannelli, indika "xejn" jekk ma jintużawx infafar); l-infafar inaffru lill-krill milli jagħmel ħsara lill-malji jew milli jaħrab.

Apparat ta' esklużjoni tal-mammiferi tal-baħar

Dijagramma/i tal-apparat(i): . . . . . .

Għal kull tip ta' apparat li jintuża, jew għal kwalunkwe bidla fil-konfigurazzjoni tal-apparat, irreferi għad-dijagramma rilevanti fil-librerija tal-irkaptu tas-sajd tas-CCAMLR jekk tkun disponibbli (www.ccamlr.org/node/74407), jew ibgħat dijagramma u deskrizzjoni dettaljati fil-laqgħa li jmiss tal-WG-EMM.

Agħti d-dettalji ta' kull apparat ta' esklużjoni tal-mammiferi tal-baħar użat, bl-inklużjoni ta' nota dwar jekk huwiex apparat ta' esklużjoni tal-foki, tal-baleni jew mammiferi oħra.

Il-ġbir tad-data akustika

Agħti l-informazzjoni dwar l-ekosondi u s-sonars li jintużaw mill-bastiment

Tip (eż. ekosonda, sonar)			
Manifattur			
Mudell			
Frekwenzi tat-transducer (kHz)			

Ġbir tad-data akustika (deskrizzjoni dettaljata): . . . . . .

Iddeskrivi l-passi li ser jittieħdu biex tinġabar id-data akustika ħalli tingħata informazzjoni dwar id-distribuzzjoni u l-abbundanza tal-krill (*Euphausia superba*) u ta' speċijiet pelaġiċi oħra bħall-miktofidi u s-salps (SC-CAMLR-XXX, paragrafu 2.10).

Metodu	Ekwazzjoni (kg)	Parametru			
		Deskrizzjoni	Tip	Metodu ta' stima	Unità
Volum tat-tank tal-ħażna	$W*L*H*\rho*1\ 000$	W = il-wisa' tat-tank	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		L = it-tul tat-tank	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		ρ = il-fattur ta' konverżjoni minn volum għal massa	Varjabbli	Konverżjoni minn volum għal massa	kg/litru
		H = il-fond tal-krill fit-tank	Speċifiku għall-kalata	Osservazzjoni diretta	m
Flussimetru ([1])	$V*F_{krill}*\rho$	V = il-volum tal-krill u tal-ilma flimkien	Speċifiku għall-kalata ([1])	Osservazzjoni diretta	litru
		F_{krill} = frazzjoni tal-krill fil-kampjun	Speċifiku għall-kalata ([1])	Korrezzjoni tal-volum tal-flussimetru	—
		ρ = il-fattur ta' konverżjoni minn volum għal massa	Varjabbli	Konverżjoni minn volum għal massa	kg/litru
Flussimetru ([2])	$(V*\rho)–M$	V = il-volum tal-pejst tal-krill	Speċifiku għall-kalata ([1])	Osservazzjoni diretta	litru
		M = l-ammont ta' ilma miżjud fil-proċess, ikkonvertit għal massa	Speċifiku għall-kalata ([1])	Osservazzjoni diretta	kg
		ρ = id-densità tal-pejst tal-krill	Varjabbli	Osservazzjoni diretta	kg/litru
Skala tal-flussi	$M*(1–F)$	M = il-massa tal-krill u tal-ilma flimkien	Speċifiku għall-kalata ([2])	Osservazzjoni diretta	kg
		F = il-frazzjoni tal-ilma fil-kampjun	Varjabbli	Korrezzjoni tal-massa tal-iskala tal-flussi	—
Tilar	$(M–M_{tray})*N$	M_{tray} = massa tat-tilar vojt	Kostanti	Osservazzjoni diretta qabel is-sajd	kg
		M = il-massa medja tal-krill u tat-tilar flimkien	Varjabbli	Osservazzjoni diretta, qabel l-iffriżar, bl-ilma mneħħi	kg
		N = Numru ta' tilari	Speċifiku għall-kalata	Osservazzjoni diretta	—

Metodu	Ekwazzjoni (kg)	Parametru			
		Deskrizzjoni	Tip	Metodu ta' stima	Unità
Konverżjoni tal-frakass tal-fdal tal-ħut	M_{meal}*MCF	M_{meal} = massa ta' għalf prodott	Speċifiku għall-kalata	Osservazzjoni diretta	kg
		MCF = il-fattur ta' konverżjoni għall-frakass tal-fdal tal-ħut	Varjabbli	Konverżjoni tal-frakass tal-fdal tal-ħut għall-krill sħiħ	—
Volum tal-manka	W*H*L*ρ*π/4*1 000	W = il-wisa' tal-manka	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		H = l-għoli tal-manka	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		ρ = il-fattur ta' konverżjoni minn volum għal massa	Varjabbli	Konverżjoni minn volum għal massa	kg/litru
		L = it-tul tal-manka	Speċifiku għall-kalata	Osservazzjoni diretta	m
Oħrajn	Speċifika				

(1) Kalata individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew integrata matul perjodu ta' 6 sigħat meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.
(2) Kalata individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew integrata matul perjodu ta' 2 sigħat meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.

	Passi u frekwenza tal-osservazzjonijiet
Volum tat-tank tal-ħażna	
Fil-bidu tas-sajd	Kejjel il-wisa' u t-tul tat-tank tal-ħażna (jekk it-tank mhuwiex ta' għamla rettangolari, jista' jkun meħtieġ kejl addizzjonali; preċiżjoni ± 0,05 m)
Kull xahar ([1])	Stima l-konverżjoni minn volum għal massa derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mit-tank tal-ħażna
Kull kalata	Kejjel il-fond tal-krill fit-tank (jekk il-krill jinżamm fit-tank bejn il-kalati, kejjel id-differenza fil-fond; preċiżjoni ± 0,1 m)
	Stima l-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)
Flussimetru ([1])	
Qabel is-sajd	Kun ċert li l-flussimetru qiegħed ikejjel il-krill sħiħ (jiġifieri, qabel l-ipproċessar)
Aktar minn darba fix-xahar ([1])	Stima l-konverżjoni volum għal massa (ρ) derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mill-flussimetru
Kull kalata ([2])	Ikseb kampjun mill-flussimetru u: — kejjel il-volum (eż. 10 litri) tal-krill u tal-ilma flimkien, — stima l-korrezzjoni tal-volum tal-flussimetru derivata mill-volum tal-krill mingħajr l-ilma
	Stima l-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

Flussimetru ([2])	
Qabel is-sajd	Kun ċert li ż-żewġ flussimetri (wieħed għall-prodott tal-krill u wieħed għall-ilma miżjud) ikunu kkalibrati (jiġifieri, juru l-istess kejl korrett)
Kull ġimgħa ([1])	Stima d-densità (ρ) tal-prodott tal-krill (il-pejst mitħun tal-krill) billi tkejjel il-massa ta' volum magħruf tal-prodott tal-krill (eż. 10 litri) meħuda mill-flussimetru korrispondenti
Kull kalata ([2])	Ara l-kejl taż-żewġ flussimetri, u kkalkula l-volumi totali tal-prodott tal-krill (il-pejst tal-krill mitħun) u tal-ilma miżjud; id-densità tal-ilma hija meqjusa li hija ta' 1 kg/litru
	Stima l-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)
Skala tal-flussi	
Qabel is-sajd	Kun ċert li l-iskala tal-flussi qiegħda tkejjel il-krill sħiħ (jiġifieri, qabel l-ipproċessar)
Kull kalata ([2])	Ikseb kampjun wieħed mill-iskala tal-flussi u: — kejjel il-massa tal-krill u tal-ilma flimkien, — stima l-korrezzjoni tal-massa tal-iskala tal-flussi derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma
	Stima l-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

Tilar	
Qabel is-sajd	Kejjel il-massa tat-tilar (jekk id-disinn tat-tilari jvarja, kejjel il-massa ta' kull tip; preċiżjoni ± 0,1 kg)
Kull kalata	Kejjel il-massa tal-krill u tat-tilar flimkien (preċiżjoni ± 0,1 kg)
	Għodd in-numru ta' tilari użati (jekk id-disinn tat-tilari jvarja, għodd in-numru ta' tilari ta' kull tip)
	Stima l-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)
Konverżjoni tal-frakass tal-fdal tal-ħut	
Kull xahar [1]	Stima l-konverżjoni mill-frakass tal-fdal tal-ħut għal krill sħiħ billi tipproċessa bejn 1 000 u 5 000 kg (il-massa mingħajr l-ilma) ta' krill sħiħ
Kull kalata	Kejjel il-massa tal-frakass tal-fdal tal-ħut prodott
	Stima l-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)
Volum tal-manka	
Fil-bidu tas-sajd	Kejjel il-wisa' u l-għoli tal-manka (preċiżjoni ± 0,1 m)
Kull xahar [1]	Stima l-konverżjoni volum għal massa derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mill-manka
Kull kalata	Kejjel it-tul tal-manka li jkun fiha l-krill (preċiżjoni ± 0,1 m)
	Stima l-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

[1] Jibda perjodu ġdid ladarba l-bastiment imur lejn subżona jew diviżjoni ġdida.
[2] Kalata individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew integrata matul perjodu ta' 6 sigħat meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.

ANNESS VIII

ŻONA TA' KOMPETENZA TAL-IOTC

1. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

Stat Membru	Numru massimu ta' bastimenti	Kapaċità (tunnellaġġ gross)
Spanja	22	61 364
Franza	27	45 383
Il-Portugall	5	1 627
L-Italja	1	2 137
L-Unjoni	55	110 511

2. Numru massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u għall-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

Stat Membru	Numru massimu ta' bastimenti	Kapaċità (tunnellaġġ gross)
Spanja	27	11 590
Franza	41 ([1])	7 882
Il-Portugall	15	6 925
L-Unjoni	83	26 397

([1]) Dan l-għadd ma jinkludix bastimenti rreġistrati f'Mayotte; jista' jiżdied fil-ġejjieni f'konformità mal-pjan ta' żvilupp tal-flotta ta' Mayotte.

3. Il-bastimenti msemmija fil-punt 1 għandhom ikunu awtorizzati wkoll jistadu għall-pixxispad u għall-alonga fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC.

4. Il-bastimenti msemmija fil-punt 2 għandhom ikunu awtorizzati wkoll jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC.

ANNESS IX

ŻONA TAL-KONVENZJONI WCPFC

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni bl-użu tal-konzijiet li huma awtorizzati li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20°S taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Spanja	14
L-Unjoni	14

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali f'żoni bejn 20°N u 20°S fiż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Spanja	4
L-Unjoni	4

ANNESS X

ŻONA TAL-FTEHIM SIOFA

L-isforz annwali tas-sajd tal-qiegħ tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA ma għandux jaqbeż il-limiti li ġejjin:

Franza	237 jum ta' sajd
Spanja	2 bastimenti
Stati Membri oħrajn	0

ANNESS XI

ŻONA TAL-KONVENZJONI NPFC

In-numru massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona tal-Konvenzjoni NPFC:

L-Unjoni	0